VERZJONI FINALI
MARZU 2009

# GHALIEX SUR FONS?

TA'
LINO FERRIS

KITBA ORIGINALI GHALL-PALK FUQ IL-HAJJA TAS-SUR FONS MARIJA GALEA

HAJR LIL LOUIS A GRASSO AWTUR TAL-KTIEB BIJOGRAFIKU FUQ ALFONS MARIA GALEA LI SEWA MINJIERA TA' TAGHRIF MILL-ATT STORIKU U FATWALI TAC-CIRKOSTANZI TA DAWK IZ-ZMIENIJIET.

HAJR WKOLL LIL XI KANTANTI U AWTURI MALTIN LI GENTILMENT TAWNI L-AWTORITA SABIEX NAGHMEL UZU MILL-KITBA U L-KANT TAGHHOM FOSTHOM, WALTER MICALLEF, PAWLU BUHAGIAR, U OHRAJN.

WIEHED HAFNA DRABI JISTAQSI "GHALIEX?" FUQ BOSTA GRAJJIET LI JSEHHU , IZDA FTIT LI XEJN JSIB TWEGIBA.....U DLONK JIBQA MITLUF! D-DESTIN TA' KULL WIEHED U WAHDA MINHA MA JAFU HADD. GHALHEKK, NSIBU BOSTA MISTOQSIJIET RETORICI, U NISSUKTAW LI NSIBU TWEGIBA FIL-KUXJENZA TAGHNA, LI FORSI THAWWAD AKTAR L-IMHUH. DAN HUWA L-MISTERU TAL-HAJJA..................

F'GHELUQ IL-MITT SENA MILL-FTUH TA L-ORATORJU SALESJAN F'TAS-SLIEMA, HASSEJT LI NWASSAL XI TAGHRIF MILL-ATT DRAMATURGU FUQ IL-HAJJA TAS-SUR FONS MARIA GALEA LI KIEN STRUMENTALI LI F'MALTA JASLU S-SALESJANI LI TANT GHAMLU GID MATUL IS-SNIN, B'MOD SPECJALI FOST IT-TFAL U Z-ZGHAZAGH. DEHERLI LI WAQT LI NIBNI L-KUNCETT FUQ BAZI STORIKA, HALLEJT L-IMMAGINAZZJONI TAGHMEL SEHEM KBIR F'HAFNA MILL-EPISODJI LI NILTAQGHU MAGHHOM. KIF KIEN QAL IL-HABIB TIEGHI, GUZI CHETCUTI LI SIRT NAFU BHALA STUDENT IL-LICEO U WARA HAFNA SNIN META KONT DDERIGEJT ID-DRAMM TIEGHU, 'IL-KERREJJA' GHAL TLIET DARBIET FI SNIN DIFFERNTI, LI TWASSAL B'MOD

KRONOLOGIKU L-FATTI HUWA XOGHOL TAL-KITTIEBA TAL-ISTORJA U MHUX TAL-POETI U DRAMMATURGI. WARA KOLLOX, L-STORJA U L-IMMAGINAZZJONI JINTISGU FLIMKIEN BIEX JAGHTU KWADRI REJALI TA DAK IZ-ZMIENIJIET LI FIHOM GHEX IS-SUR FONS.

GHALHEKK META WIEHED JISSOKTA JIKTEB XI BIJOGRAFIJA HEMM BIZA LI DIN IL-KITBA TKUN IMGEBDDA GHALDAQSTANT ZEWWAQT XI GRAJJIET MIBNIJA FUQ HLEJQA TAL-IMMAGINAZZJONI IZDA LI FIHOM HEMM XI RABTA MA DAN IL-BNIEDEM TWAJJEB, U TA FTIT KLIEM, IZDA MINN DEJJEM JAF SA FEJN IRID JASAL!

TALBA
SUR FONS U DON BOSCO MEXXU SUBGHAjJA FUQ IT-TUSTIERA TAL-KOMPJUTER, U KIF INTHOM IT-TNEJN, BIL-LINKA W IL-KLAMAR GHADDEJTU SIEGHAT TWAL FIL-KITBA SABIEX TISTGHU TAGHMLU FTIT GID, NEBHUNI INTHOM SABIEX NWASSAL XI HSIEB TAJJEB, B’MOD SPECJALI LIZ-ZGHAZAGH…IL-GEJJIENI TA GHADA.

# IX-XENI

**Xena 1**
Il-palk vojt, qieghad jisbah.... ninsabu f'pjazza. Il-folla tidhol fis-skiet, fi sfond muzikali, min kull rokna tat-teatru u min fuq il-palk. Fuq playback, naraw lil kull attur jkompli mal-muzika......Naraw is-sur Fons bniedem anzjan, fuq l-iskrivanija tieghu jikteb u fl-isfond nisimghu kanzunetta "Kif deherli jien"........Nintroducu lil Anglu, fil-fatt il-vuci tal-kuxjenza ta Fonsu..... iddur kull fejn imur minn ckunitu sa fuq is-sodda tal-mewt.

**Xena 2**
It-twelid ta' Fonsu gewwa strada San Pawl- Il-Belt Valletta. Niltaqghu ma missieru Pawlu u ommu Carmela. Dun Guzepp Gatt li jhabbar li Fonsu kien sejjer jaghmel hafna gid. Ommu ttarxet mat-twelid ta' Fonzu!

**Xena 3**
F'Triq San Pawl il- Belt. Tfal jilghabu flimkien ma Gilardu Strickland li twieled gimgha wara Fonsu. Fonsu jistqarr li jinsab mnikket li sejjer fis-seminarju Ghawdex u jitlef il-hbiberija ta bejnithom. "Forsi niltaqghu meta nikbru, ghaliex id-destin taghna diga nkiteb! "

**Xena 4**
Gewwa Ghawdex – il-hajja fis-seminarju, u l-argumenti li jkun hemm. Niltaqghu ma xi hbieb Ghawxin fosthom Rozi u Mananni habiba tal-familja Galea li tghix Ghawdex.

**Xena 5**
Il-Laqgha bejn Fonzu u Cikku ma Annibale Preca, wara l-wasla min Franza fejn kienu issoktaw l-istudju taghhom hemm. Ir-relazzjoni ma Annibale Preca – ghalliem.

**Xena 6**

Il-laqgha mal-familja Asphar u z-zwieg ma Liza Asphar. Festa kbira. Il-marda tas-sur Asphar u l-vjagg sa Lourdes.

**Xena 7**

Il-familja tas-Sur Fons u t-telfa ta Terry – tifla zghira. Kif laqtitu din il-grajja. Ghaliex!

**Xena 8**
Niltaqghu ma Ganni ta Pisanu u l-ftuh tat-teatru Salesjan f'tas-Sliema.

**Xena 10**
Is-seftura tinnamra ma Censu zewgha, haddiema tieghu, u jerhula lejn l-Awtralja.

**Xena 11**
Il-hbiberija bejn Fonzu u Dun Urso. Naraw il-holma ta Dun Urso u d-destin tieghu. Wara Dun Urso issellem lill-hbieb tieghu waqt miexja fil-kampanja.

# It-Tieni Att.

**Xena 1**
L-irvel tas-sette Gunjo fis-sena 1919.

**Xena 2**
Il-hajja fil-politica u kif Fonzu kien ha d-decizjoni li jaghtu sehmu mill-att Politiku Malti.

**Xena 3**
Kulhadd jitlob il-karita. Mara zzur lil Fonzu wara traciedja fil-Belt – hruq ta negozju – ma jistghax jghijn lil kulhadd!

**Xena 4**
Is-sur Fons huwa benafattur kbir. L-Ursolini, Blue Sisters, Fra Diegu, L-istitut taz-Zejtun, Is-sorijiet tal-klawsura.

Xena 5.
Niltaqghu ma Mary Asphar, oht Liza, li kienet wara kull azzjoni filantropika li kien jidhol ghalija Fonzu Galea.

**Xena 6**
Il-Kunvent ta Santa Elizabeta u l-laqgha ma Dolor wara li giet lura Malta.

**Xena 7**

Hbieb ghal dejjem – il-mons. Jerga Jiltaqa' mal-mons – it-tifel habib ta tfulitu.

**Xena 8**

Wasalna fil-qrib....mxejna t-triq. Gewwa l-kunvent tal Bon Pastur fl-gheqqel tal-gwerra

**Xena 9**

L-gheluq – il-bierah u llum – nharsu' il-quddiem. Naghtuh gieh.

# JIEHU SEHEM
# (Tentative casting)

| | |
|---|---|
| IS-SUR FONS RAGEL 1861-1941 | John Frendo |
| ANGLU - HABIB TAS-SUR FONS! | Manoel Bonavia |
| IS-SUR FONS TIFEL -1870 | Nicolai Frendo Azzopard |
| IS-SUR FONS ZAGHZUGH -1880 | Maurizio |
| IS-SUR FONS RAGEL ( Sa 47 SENA) | Tonio Vassallo |
| FRANGISKU TIFEL 1870 | Daniel Buhagiar |
| FRANGISKU ZGHAZUGH – 1880 | David Camilleri |
| ANNIBALE PRECA -1880 | Fr. Eric Cachia |
| PAWLU GALEA- MISSIERU FONZU 1861 | Paul Vella |
| CARMELA GALEA (OMM FONZU) -1861 | Sandra Maresca |
| Il-KAPILLAN – Dun Alwig Farrugia DUMNIKAN | Jimmy Spiteri |
| IS-SA LARA – IL-MAJESTRA -1861 | Rose Briffa |
| ANGELIKA-OHTU (tfal jilghabu) 1870 | |
| FILUMENA-OHTU (tfal jilghabu) 1870 | |
| KERUBINA-OHTU (tfal jilghabu) 1870 | |
| LIZA GALEA- ZGHAZUGHA - 1890 | Amanda Cachia |
| LIZA GALEA – KIBRET – 1920-194 1 | Anna Ferris |
| PAWLU TAL-PASTIZZI -1861 | Silvan Grixcti |
| GERALDU STRICKLAND – TFAJJEL -1870 | Andrei Frendo Azzopardi |
| IR-RETTUR (TAS-SEMINARJU F'GHAWDEX-DUN RAFEL) | Josie Grech |
| ANAKLET – (MPJEGAT MALL-FAMILJA GALEA) 1870 | Alfred Borg |
| NAPULJUN - 1861 | Jeremy Spiteri |
| MIKILANG -1861 | Leonard Falzon |
| IL-QASSIS - FRANGISKAN | John Schembri |
| IL-MONSTRU -(MAGHRUF BHALA L-MONS-TIFEL) 1870 | Jacob Spiteri |
| IL-MONSTRU – (ZAHZUGH UMBAGHAD XWEJJAH) 1939 | Joe Bonello |
| CENSU – (L-MASTRUDAXXA F'HUNTER PALACE) -1918 | Chris Sammut |
| DOLOR – IS-SEFTURA TAS SUR FONS-Zghazuha 1918 | Gaby Catania |
| JOHN JOSEPH FATULLAH HANNAH ASPHAR 1895 | Michael Camilleri |
| LOUIS – L-EWWEL WILD TA FONSU- TIFEL - 1905 | Karl or Luka Pirotta |
| MARIJA – IT-TIENI WILD -1905 | Mattea Mareska |
| TERRY – T-TIELET WILD (MIETET ZGHIRA!) 1905 | Yanika Polidano |
| FRANCES – IR-RABA' WILD 1905 | Nicole Abdilla Ferris |
| JOSEPH – IL-HAMES WILD 1905 | |
| LOUIS – ISSA L-AVUKAT TAL-KURUNA -1941 | Alberto Ebejer |

| | |
|---|---|
| MART LOUIS – 1941 | Phyllis Vella |
| FRANCES –OHTU 1941 | Pearl Vella |
| JOSPEH – IBNU META KIBER- | Karl Zammit |
| TEREZA – QADEJJA TAS-SUR FONS 1920 | Marie Therese Pisani |
| DUN URSO QASSIS 1908 | Louis Debono |
| GANNI TA PISANU BENNEJ 1904 | |
| MARIA ASPHAR – OHT LIZA -1930 | Yvonne Frendo |
| MADRE TAS-SORRIJIET FRANGESKANI | Margaret Buhagiar |
| SOUR MARIA BERNARDETTA CALLEJA | Estelle Sant |
| SOUR DUMINKA - | |
| TFAL BNIET MADWAR 10-15 | |
| TFAL SUBIEN MADWAR 10-15 | |
| MONS FERRIS-MINISTRU TA L-EDUKAZZJONI | Joe Camilleri |
| TABIB TAL-FAMILJA SAMMUT -1941 | Noel Camilleri |
| MANANNI – MIN GHAWDEX 1870 | Rina Camilleri |
| MANEL ATTARD – VITMA TAS-SETTE GUNJU 1919 | Andre Camilleri |
| GUZE BAJJADA GHAWDXI VITMA TAS-SETTE GUNJU | Jean Pierre Schembri |
| WENZU DYER ZAGHZUGH MILL-BIRGU – VITMA IEHOR | James Spiteri |
| KARMENU ABELA – VITTMA IEHOR TAS- 7 GUNJU | |
| CARMELA – IT-TFAJLA TA WENZU DYER -1919 | Rachel Attard |
| MARA MISTERJUZA | Norma Camilleri |
| SOUR MARIJA TAL-URSOLINI | Josette Camilleri |
| SOUR THERESA | Rose Bonnici |
| EMILIA ZAMMIT KLABB (Tal Blue Sisters) | Joanne Spiteri |
| OHTA: MARY ZAMMIT | Silvana Borg |
| FL-ISTITUT TA FRA DIEGU: MARTHA | Romina Vassallo |
| HABIB/A TAGHHA: KLARA/JOE - 1930 | Justin Vassallo |
| SOUR GUZEPPINA IS-SORRIJIET TA GESU NAZZARENU: | Nadia Polidano |
| SOUR KATERINA | Marie Grixti |
| ROSARIA- MAS-SORRIJIET TAL-KLAWSURA - 1930 | Marie Claire Camilleri |
| IL-MINISTRU REFALO -1999 | Fr. Joe Forte |
| XI PULIZIJA – MEMBRI TAL SB&GB – (Madwar sitt zghazagh) | |
| SUNTA – MART MANWEL L-ISTAMPATUR 1926 | Claudia Frendo Azzopardi |
| ERBA ULIEDA- Pietu Pawl TLIET T'IBNIET U TIFEL | Sebestian Falzon |
| Tifla – Bint Sunta 1926 | Chiara Camilleri (Ta Norma!) |
| Tifla ohra – Bint Sunta 1926 | |
| Tifla ohra – Bint Sunta 1926 | |
| DOLOR – ISSA MARA ANZJANA 1939 | Rita Camilleri |
| JOHN – Binha - 1939 | Gian Luka Mareska |
| GANNI BENCINI - 1920 | Alfred Briffa |

| | |
|---|---|
| ROBERT BENCINI 1920 | Simon Balzan |
| IS SUR AGIUS -1920 | Peter Attard |
| IS SUR ARENA | |
| IS SUR BORG | |
| IS SUR MATRENZA 1920 | Joe Giorgio |
| SOUR CELESTINA KESLER | Norma Camilleri |
| POPLU L-EWWEL LEHEN}1999 | Rina Camilleri |
| POPLU T-TIENI LEHEN}1999 | Paul Vella |
| POPLU T-TIELET LEHEN}1999 | Joe Camilleri |

QEGHDA TINTWERA IS-SENA LI FIEH IL-KARATTRU RESPITTIV JIDHER FIX-XENA.

# L-EWWEL ATT

## XENA WIEHED – FL-ISTUDJU TAS-SUR FONS – 1930

## PROPS: STUDJU FIL-GENB TAL-PALK.
## SCENERY: ST.PAUL'S STR VALLETTA -1861

**(Id-dramm jibda fuq nota hafifa u xi ftit umoristika wkoll…ghax il-kbir jkun ghadu gej!………)**

ANGLU: Jekk nistaqsikhom min kien Pankrazju Vella, jew Guzeppi Borg nisthajilkom tghiduli ma nafux u qajla jinterresana, izda jekk nghidilkom minn kien Alfons Maria Galea, mhux sewwa li dduru fuqi u tghidu l-istess haga.
Ghax huwa xieraq li dan il-bniedem nsiru nafuh ftit mill-qrib. Nsibu miktub li Alfons Maria Galea twieled f'April fis-sena 1861 gewwa l-Belt Valletta u miet f'Lulju tas-sena 1941 fl-gheqqel tat-tieni gwerra dinjija fil-kunvent tal-Bon Pastur gewwa Hal Balzan. Missieru Pawlu kien negozjant tad-drappijiet u ommu Carmela gejja mill-familja Mercieca.

Kien zmien ta bidla, fejn rajna l-bidu ta revoluzzjoni industrijali gewwa l-Ewropa, zda Malta bqajna poplu fqajjar, u dipendenti mill-imperu Ingliz.

Sejrin tiltaqghu mieghi sikwiet, ghax jien kont habib tal-qalb ta Fonzu min twelidu sakemm ghalaq ghajnejh. Kont naghtih xi parir kull tant zmien, izda hu kien jaf fejn irrid jasal. Haga stramba….. kien kitieb kbir izda ghal-xi raguni jew ohra, ghalkemm, issokta hafna drabi jikteb xi haga fuq hajtu, qatt ma rnexxielu. Bil-haqq, jien ili zmien twil nhuf madwar l-erba rjihat tad-dinja, fejn l-Imghallem kull tant zmien jaghtina bicca xoghol gdida, u nilbes s-surtun ta dak z-zmien. Gieli kont liebes ta-Ruman, fis-snin ta qabel Kristu, u aktar tard fi-zmien il-Kavalieri tal-Ordni…..nimxi mill passat ghall-futur u anki fi zmienkom. Sabiex tistghu ssegwu din il-grajja ghamluli pjacir u itfu dawk l-imberkin magni zghar li ghandkom fil-but biex taqbdu ma dak u ma l-iehor, ghax nkella jkolli ninzel jien min hawn fuq u jkollna xi nghidu bil-kbir……Qeghdin taraw, naf niccajta wkoll!!

**(L-atturi fil-hemda johorgu minn fuq il-palk, filwaqt fuq sfond jidhru stampi ta dak iz-zmien…. U naraw lil Fonzu u Anglu fl-istudju tieghu.)**

FONZU: Illum li xaghri bjad u beda jehfief, jaqbel li nhares lura u nghid li kienu granet sbieh. Kien hemm zmien tajjeb u hazin u ghalkemm llum xi ftit ghajjien, fl-mghoddi, b'kuragg idi meddejt u mxejt kif deherli jien, sewwa sew, matul iz-zmien…..

**(Fil-waqt li Fonsu jitkellem wahdu tinstemma l-muzika ta' Walter Micallef, Kif deherli Jien, u fuq –play back, Fonsu jkanta l-versi filwaqt, li ghall-bidu jibqa fuq l-iskrivanija, mbaghad aktar il-quddiem, jqum u jdur fl-istudju tieghu. )**

Quote l-versi tal-kanzunetta……

Lllum li xaghri bjad u ghandu mnejn jehfief
Inhares lura u nghid li kienu granet sbieh
Kemm tajjeb u hazin u ghalkemm xi ftit ghajjien
B;kuragg idi meddejt u mxejt kif deherli jien
Matul iz-zmien.

U d-drabi li zbaljajt zgur swieli ta' taghlim (Ritornello)
Ghax qomt meta waqajt tlewwint u lhaqt ftehim
Bl-ghajnuna tal-Mulej li sibta kullimkien
Qataghli qalbi xejn u mxejt kif deherli jien

Llum li xaghri bjad u ghandu mnejn jehfief
Inhares lura u nghid li kienu granet sbieh
Kemm tajjeb u hazin u ghalkemm xi ftit ghajjien
B'kuragg idi meddejt u mxejt kif deherli jien
Matul iz-zmien

U drabi li zbaljat, zgur swewli ta' taghlimn (Ritornello)

Li kelli nerga lura ghall-bidu ta dit-triq
U ttini naghzel li nixtieq
Xejn ma nibdel u nimxi fl-istess pass
U nerga nghid matul iz-zmien
Li mxejt kif deherli jien.

Min jaf ghada x'se nsib, min jaf x'ghad hemm mistur
Kull bidu fih it-tmiem u r-rota terga' ddur
Bl-ghajnuna tal-Mulej u kull minn xtaqli l-gid
Qataghli qalbi xejn u mxejt kif deherli jien
Matul iz-zmien matur z-zmien

Li kelli nerga lura ghall-bidu ta' dit-triq
U ttini naghzel li nixtieq
Xejn ma nibdel u nimxi fl-istess pass
U nerga' nghid matul iz-zmien
Li mxejt kif deherli jien.

Xejn ma nibdel u nimxi fl-istess pass
U nerga nghid matul iz-zmien.

Anglu: **(Filwaqt li jibda jcapcap wara li jispicca l-versi. Hemm il-probabilita li l-udjenza taghmel hekk wkoll!)** Tajba Fons, taf li qatt ma dahalli fit-tavlament ta mohhi li kont kapaci tkanta! U kemm huma versi sbieh…

Fonsu: Nahseb li kieku ma gejtx go familja ghanja, kont naghmel bosta affarijiet f'hajti. Kont forsi naghtiha ghall-pittura, jew nkella nsir skultur. Jiena l-arti minn dejjem kienet tiffaxinani!

Anglu: Ghalkemm ma kontx la pittur u lanqas skultur, inti kont l-awtur u d-destin ta hafna nies foqra, tfal iltiema, xebbiet msawtin, u nisa romol. Bilhaqq meta nitkellmu bejnietna, zomm lehnek kemxejn fil-baxx tafx, ghax ma trid xejn li wiehed jahseb li bdejt titlef xi skorfina.

Fonsu: Fil-fatt vera tlift skorfina ta' dan l-arlogg, u ma nista nsibha mkien. Isma, inti tista taghtini daqqa ta'id mhux dejjem thares u tghaddi kummenti……

Liza: (Tidhol filwaqt li Fonsu jkun qieghed jghid l-ahhar kelmiet) Fons, int lili qed tkellem. Ghandi nfezzjoni f'widnejja u qajla qeghda nisma llum …Tghid mhux hekk, il-hin kollu nhares jien u nghaddi l-kummenti!!

Fonsu: Le jahasra Liza, jien mhux lilek kont qed nkellem!

Liza: X'ghid?

Fonsu: Ghidlek li tlift skorfina!

Liza: U ssa, l-parcmina minn fejn tridni ngibielek il-parcmina!

Anglu: Ghidtlek li sejjer tatiha ghall-pittura Sur Fons...

Liza: Fons, qed tinkwetani bis-serjeta'. M'hawn hadd fil-kamra. Mhux ahjar nghidu lit-tabib Sammut biex jigi jarak ftit…..

Fonsu: Le le Grazzi. Jiena nahseb nghajjat, dak kollu, u ma tlift l-ebda skorfina. (Anglu jsib l-iskorfina fl-art u jaghiha lil Fonsu)

LIZA: Dejjem fuq dik l-imbierka skrivanija....Fons, jiena forsi mmut qablek, izda b'xi mod jew iehor nixtieq li thalli xi kitba fuq il-grajjiet li ghaddejna flimkien. Jekk ma taghmilix int, nweghdek li jkolli naqbad il-lapes u nibda nikteb xi haga jien. Ftit huma dawk li min banda kellhom ix-xorti li jaghmlu daqstant gid. Kif gerbeb iz-zmien Fons!

Anglu; Issa la darba sibtlek dak li kont qed tfittex, mhux ahjar tissokta tikteb xi haga fuq hajtek, ghax bejnittna ma tantx ghandek zmien.

Fonsu: Kull darba nibda nikteb xi haga, u qatt ma nkompli….. mela , ara Lisa hallini ftit fil-kwiet mal-kuxjenza tieghi biex forsi nibda npaspar xi haga..

Lisa: Mela l-lejl it-tajjeb Fons, ir-ruzarju llejla ghidu wahdek.

Fonsu: Mhux bizejjed li kelli ommi ma tismax, issa Liza qaltli li dabret infezzjoni f'widnejja u xi kull tant ma tismaghnix. Koss tfakkarni f'ommi li kienet truxa mhux hazin!

Anglu: Jekk ma tibdiex ma tasalx Fonz.

Fons: Mela, jiena twelidt il-belt Valletta, sewwa sew go Triq San Pawl fejn missieri Pawlu kellu negozju tad-drappijiet. Kien idawwara gmielu u n-nies kienu jgibuh tajjeb.

**(Jitbaxxa d-dawl fl-istudju u fuq il-palk nsibu ruhna gewwa Triq San Pawl Il-belt. Pawlu jinsab fil-biex tal-hanut fejn nsibu gallarija fil-genb.)**

# XENA 2

## PROPS: TILAR TAL-PASTIZZI, TFAL JILGHABU FIT-TRIQ.

Pawlu tal-Pastizzi: (Jidher idur bil-karrettun tal-pastizzi)
Irkotta jew Pizelli, shan u friski. Sinjur, naghmillek xi nofs tuzzana.

Mikelang: Ghamilli tlieta irkotta. Nispera li mhux qarsa bhal ma kellek il-hamis li ghadda.

Pawlu tal Pastizzi: Tridhomx tal-pizelli mela, dawk zgur mhux qarsa.

Mikelang: Imma jiena tal-irkotta irridhom

Pawlu tal-Pastizzi: Taf li spiccaw! Jew pizelli jew xejn

Mikelang: Mela ghalfejn qed tghajjat – irkotta u pizelli.

Pawlu: L-ghajta nofs il-bejgh Mikiel.... Irkotta u pizelli!!!

Mikelang: Hallieh jghajjat, issa jbellahhom lil-xi bahri. Bongu Sur Pawl, wasalna jew, ghax Marie tieghi qaltli li c-cens ghalaq.

Pawlu Galea: Meta t-tuffieha ssir, taqa' wahedha Mikelang....ghidilha lil Marie li Carmela tieghi ta sikwiet ssemieha.

Mikelang: Jekk jkollok bzonn ta xi ghajnuna ghidli Sur Pawl. Isma xieraq nerfghalek xi bicca laham sabieha ghal meta titwieled it-tarbija...Tghid, x'ha jkollna? Tifel u tifla?...

Pawlu: Dak li jibghat il-Bambin, l-importanti hu li t-tarbija tkun qawwija u shieha!

Kapillan: Pawl llum offrejt il-quddiesa ghal Carmela, J'Alla kollox jigi b'wicc il-gid.

Pawlu: Ghaddi ftit Dun Farrugia, halli niehdu grokk flimkien….

Kapillan: Tghid, kont sejjer sal-kazin tal-banda ghax waslet il-festa u xieraq li nara ftit kif inhuma sejrin il-preparamenti tal-festa u nisma l-marci l-godda……

**(Minn Gewwa umbaghad tidher fl-ghatba tal-bieb)**

IS-SA LARA: Tifel iehor Pawl,……fakkarni x'sejjer isemmih….

Pawlu: Ahna hsiebna fl-isem ta Fonsu jekk jkun tifel jew Maria jekk hi tifla, la darba gie tifel, mela insemmieh Fonsu Marija…

Xi Nies: Nifirhulek Pawl, Prosit Sur Pawl, hawn ergajna zdiedna…

Napuljun: Tobdieh lil kapillan Pawl…. Hekk sewwa…..

Kapillan: Dan l-lejl kelli holma Pawl, fuq din it-tarbija tieghek. Mela hlomt li dan Fonsu sejjer jaghmel hafna gid meta jikber. Rajtu ragel pulit, serju, u jdur minn post ghal iehor, u jkun strumentali li jwaqqaf hafna djar ghall-foqra…kos dan il-holm hux! J'Alla dak li hlomt jkun realta' ghax minn jaf x'hemm ghalina fis-snin li gejjin. Kif qed tinqaleb id-dinja….

**(Jinstemghu t-tkaken tas-suldati, flimkien mal-march militari li jidfen id-diskors ta Pawlu u nies ta madwaru. Tfal johorgu jilghabu u jimmarcjaw bl-ixkubetti tal-injam. Mit-tieqa tidher Is-Sa Lara bit-tarbija f'ideja).**

Is-Sa Lara: Araw xi gmiel ta tarbija…. Tajjeb Sur Pawl ghandna ragel iehor ghan-negozju!

**(Is-Suldati jitbeghdu u mill-gdid jinstema d-diskors ta bejnithom)**

Napuljun: Tafu kemm naqas ix-xoghol it-tarzna. Jiena ma nafx x'sjigri jekk kemm il-darba l-arrmirall jiddiciedi li jaghti s-sensja lil bosta mill-haddiema, kif qed jigru l-ghidut

Kapillan: Il-Mulej jipprovdi Napuljun. Mhux hekk sur Pawl. (Iddur lejn Napuljun) Ma nistax nifhem kif missierek semmik Napuljun.

Napuljun: Dak kien ragel kbir u jiena kwazi daqsu

Pawlu: (Jidhaq) Issa qed nifhem, ghaliex dejjem tpoggi idejk fis-sidrija, rajtekx, tahseb li int Napuljun

Napuljun: Tigbidli saqajja Pawl, ma jimpurtax tafx, tassal tieghek wkoll.

Kapillan: Kemm niehu gost nara n-nies jiccajtaw bejniethom, Mhux hekk ghandu jkun

Is-Sa Lara: Isma Sur Pawl, ghandi ahbar ma tantx hi sabieha…

Pawlu: Alla tal-hniena, jaqaw Fonsu x'ghandu?

Is-Sa Lara: Le le Pawl, fonsu qawwi u shieh…izda nibza li Carmela…

Pawlu: Madonna tal-hniena….jaqaw…

Is-Sa Lara: Nibza li waqt il-hlas, donna faqqat t-tnabbar ta widnejja, ghax mhux qed tisma. Hallieha tistrieh naqra' imbaghad wiehed jara x'jista jaghmel.

Napuljun: Mela issa tista tgorr kemm trid Sur Pawl, ghax mhux sejra tisimghek!

Kapillan: Ejja Napuljun dawn mhux affarjiet taz-zuvjet…. Sejjer jien, ghada naghddi ftit Pawl u sellili ghal-Carmela…..

Pawlu Tal-Pastizzi: L-ahhar sitta ha naghlaq....nofs prezz minn iridhom?

**<u>(Il-nies fit-triq bilmod jonqsu u jaqa d-dlam….filwaqt li naraw lil minn jiehu hsieb jixghal il-lampa tat-triq)</u>…. <u>Nsibu ruhna mill gdid fl-istudju tas-sur Fons.</u>**

Fonsu Xieh: U ghadni sal-lum nistaqsi ghaliex ommi kellha propju tittarrax fit-twiled tieghi. Irrid nifhem li qatt ma semghetni nghidilha kemm nhobbok, qatt ma semghetni nghidlha grazzi. Imma nghid jien ma setax il-Mulej idawwar il-grajja u halla lil ommi mara b'sahitha ddur bil-familja kollha, huti Angelika, Filumena, Kerubina, u Frangisku…..

Anglu: Kienu granet sbieh Fonsu, il-Mulej jaghlaq bieb u jiftah mija u jista jbexxaq xi tieqa wkoll xi kull tant….

Fonsu Xieh: Kemm konna hbieb ma Gilardu Strickland…. Minn qatt kellu jghidlu li meta nikbru konna t-tnejn sejrin nkunu nvoluti fil-politika…Hawn spiccatli l-linka….l-klamar vojt…

Anglu: Mhux ahjar allura tmur tiehu bukkun ma Liza u tghid ir-ruzarju…. It-tfal issa kibru u thoss in-nuqqas taghhom…

# IT-TIELET XENA

**(LURA FIT-TRIQ SAN PAWL IL-BELT VALLETTA;**

(Naraw lil hutu Angelika, Filumena, Kerubina jilghabu iz-zibeq u l-passju, filwaqt li Frangisku, Fonsu u Gilarju jilghabu bic-cirku jew xi loghob iehor ta dak iz-zmien)

Fonsu Tifel: Il-Papa qalli li wasal iz-zmien biex mmur nkompli l-istudji tieghi s-seminarju Ghawdex… imma jiena nghidlek is-sewwa ma nixtieqx mmur

Frangesku: U ejja Fons, ahna mhux flimkien sejrin nkunu, hemm Mannani tiehu hsiebna, dik ghall'inqas tismaghna mhux bhal mama!

Gilardu: Jiena kieku xtaqt nigi maghkom, izda missieri lanqas biss ried jisma' li mmur nistudju s-seminarju Ghawdex. Dak iffissat fuq xi tghid ir-regina.

Fonsu: Miskin Anaklet kieku hu ha hsieb jghallimni l-qafas tas-somom, u ftit Ingliz u Taljan. ….

Frangesku: Dan min barra li jiehu hsieb in-negozju tal- Papa. Kemm hu min taghna hux dan Anaklet….

Fonsu: Naf li ghandu hafna pacenzja u ragel twajjeb… jiena niehu gost meta jirrakonta l-istorja u grajjiet li sehhew fi'|Franza, l-Italia, l-Germanja u fuq l-Imperu Ingliz. Emminni tassew nissahhar nisimghu jitkellem.

Gillardu: Missieri jghid li did'dinja qatt ma kien hawn imperu kbir daqs l-imperu Ngliz ---- ghandhom suldati fl-Africa, Fl-Indja, Fl-Awtralja, u anki hawn F'Malta.

Frangesku: Jiena nahseb li hawn Malta hawn suldati daqs kemm hemm fl-Indja!!

Fonsu: U x'nti tghid min jisimghek.

Anaklet: Sejjer niehu xi haga ghand Cordina…. Ghandu pasti verament tajbin. Trid ingibilkom xi wahda?

Fonsu: Le le ghax il-mama ma tiehux gost, u dalwaqt wasal hin ghall- ikel.

Frangesku: Il-bierah smajt lill-papa jghid lil ommi, u qal li sejjer ikellem li sur Anibale Preca biex forsi jaghtina xi privat.

Fonsu: Smajt bih…dak mghaggbin kemm hu bniedem ntelligenti.

(Jitfacca Anaklet mill-hanut)

Gilardu: Sur Anaklet, hux veru li hawn Malta hawn suldati Inglizi aktar milli hemm fl-Indja…

Anaket: Ma nafx nghidlek sewwa, imma Malta huwa pajjiz ckejken hafna, daqs villagg zghir gewwa l-Indja. Izda ghandkom tkunu tafu li Malta tinstab fin-nofs tal-bahar Mediterran u ahna mportanti hafna ghall Inglizi daqs l-Indja kollha.

Gilardu: Sewwa qed tghid. Il-papa tieghi jaqbel mieghek. (iddur fuq Fonsu) Allura meta sejrin Ghawdex?

Fonsu: Issa jghaddu l-vaganzi tal-Milied imbaghad nparpru l-hemm.

Frangesku: Lanqas haqq min jarana libsin qisna xi qassisin zghar…bis-suttana tkarkar ma l-art!

Fonsu: Ha nghidlek Cikk, mhux mbilli jinsistu fuq is-suttana. Jiena meta jfettilli naqbad u ninzghaha. Wara kollox ha nghidlek, mhux is-suttana taghmlek qassis, imma l-irgulija.

Gilardu: Isma, kemm ghandi grazzja ma ohtok Filomena!

Frangisku: Issa nara kif nsib xi huttaba u nirrangaw kollox…..imma dik izzomm mat-Taljani tafx, u nahseb missierek xejn ma jiehu gost.

Carmela: Frangesku u Alfonsu, ejjew ghax il-minestra malajr tieksah…

Alfonsu: Gejjin ma….dalwaqt gejjin

Carmela: Imma dawn it-tfal ma jisimghux….(Terga tghajjat ) Frangesku u Alfonsu…… intom ma tisimghux….ghidtilkom li l-minestra dalwaqt tieksah……
Alfonsu: Hawn gejjin, m'hemmx ghalfejn issema t-triq kollha!

Gilardu: Jekk tibqa tghajjat, it-tallaba li hemm Strada Rjali kollha tarhom gejjin hawn ghal xi platt shun…

Frangesku: Arriverderci Gilard….issa nghidilha lil Filomena…

Gilardu: Mhux ghal issa, l-ewwel irrid nistaqsi lil missieri (sabiex jigbidlu saqajh!).

(Jaqa l-lejl u jinxtghal il-fanal bil-ftiera filwaqt li jingabru xi foqra jitghalbu xi haga. Fonsu jidher johrog mid-dar u jghati xi karita lil xi whud minhom. Ninsabu fi-zmien il-Milied. Naraw il-vjatku ghaddej, bil-kappa u l-umbrella, xi abbatini jikkumpanjaw. Tfaqqa c-cuklajta u jghaddu fis-skiet. .......u qanpiena idoqq it-tokki.)

Il-Mons: Hawn Fons, tghid ommok ghandha xi platt shun ghalija?

Fonsu: Stennieni hawn, issa nara kif ngiblek skutella shuna

Il-Mons: Illum hadd ma tani xejn…ili strada rjali mill-hamsa ta' filghodu nittallab xi haga. Hadd ma jaghti kasi… bil-kemm kulhadd jghoddni biz-zuvjett ghax ghandi din il-hotba…. Ma gherfajtx l-ikel fil-hotba kif jaghmel il-gemel? Ghax jghiduli hekk ghid?

Fonsu: U nt taghtix kashom. Hallihom jghidu, mela ahna hbieb ta xejn.

Il-Mons: Alla hares ma kontx nt hafna drabi ghax kulhadd jaghtini bis-sieq. Xtaqt naghmel il-priedka tal-Milied, imma l-kappillan lanqas biss ta kazi.

Fonsu: Din is-sena jiena sejjer naghmilha… trid tisma bicca mil-priedka?

Il-Mons: Le, jiena niekol xi ftit minestra rrid jahasra.

Tifel: Mur gharak Mons titla fuq il-pulptu int? Kemm iddahhaq nies bik.

Il-Mons: Imma ghaliex tghiduli hekk…mela jien mhux bniedem bhalek. Halluni bil-kwiet jahasra...kulhadd jaqbad mieghi!

Anglu: Qeghdin taraw kif Fonsu minn dejjem kien bniedem li jhenn u jahseb fil-foqra. Ghax qalbu kienet tajba, id-destin tieghu gie mfassal skond xewqtu.

Fonsu: (wara li jkun dahal gewwa u rega' hareg b'skutella minestra) Hawn ha
Dumink oqghod fuq l-ghatba tal-hanut.

Tifel: Dak mhux Dumink….dak il-Mons

# Xena Erba ....gewwa Ghawdex - 1870.

**SCENERY: MILL-MGARR GHAWDEX – JIDHER IL-BAHAR.**
**PROPS: FALAKKA TAL-LUZZU. BARMIL TAZ-ZENGU**

Sur Fons: (Fl-istudju tieghu) Ghadni niftakar qiesu l-bierah meta morna Ghawdex ma ommi u missieri. Kien maltemp gmielu u tlabt li l-luzzu ta'Ghawdex ma jahdimx sabiex nibqa Malta ma huti u mal –hbieb. Kemm tlabt dik inhar imma hadd ma semghani u f'dak ir-rih kollhu tlaqnija lejn San Pawl il-Bahar bil-karrozin.

Anglu: Kellu gibda gmielu sa San Pawl l-Bahar.

Sur Fons: Le fil-fatt morna bit-tramm sar- Rabat imbaghad tlaqna ghan-nizla sa San Pawl il-bahar. Kieku fil-bajja il-bahar kien jghaddi u ghalhekk ommi u missieri ma hasbuhiex darbtejn, imma trid tara kif dorna mal-gzejjer ta San Pawl, dan il-luzzu beda jghola u l-bahar ihabbat donnu ried jiblaghna, u ommi twerzaq bil-biza.

Sur Fons: Missieri ried jaghmilha ta ragel, imma sar abjad xemgha bil-biza u rajtu jzebbeg il-kuruna fis-skiet, jitlob li naslu l'Mgarr b'wicc il-gid. Kif wasalna Ghawdex, il-luzzu trakka max-xatt tal-IMgarr u Mananni dlonk kienet hemm tistenniena bil-herqa…..

**(Nsibu ruhna fuq il-moll Ghawdex....Fonsu tifel ma missieru, ommu u Cikku.) Filwaqt li Manani u Rosi jkunu qeghdin jistennew fuq ix-xatt tal-Mgarr**

Manani: X'wahda din Roz, dan x'maltemp qam. Dal-lejl is-saqaf tal-ghorfa tar, u miskin iz-ziemel ha xmajra!

Rosi: Nispera li d-dghajsa tal-latini tahdem llum, ghax nkun ghamilt il-gbejniet friski ta' xejn.

Manani: U le Roz, jekk ma tahdimx id-dghajsa tal-latini, jiena certa li ta'Gejdes jigi bil-luzzu. Qed nistenna lil xi hadd. Hawn ara, il-luzzu ghadu kif dahal il-port. Min jaf x'kedda hadu msikien b'dak il-bahar kollu!

Rosi: Jaqaw reghu gejjin il-familja ta Galea? Gmielek int, min jaf kemm jwiznuk dawk biex tiehu hsieb it-tfal. Qaluli mghagbin kemm hu mqarreb iz-zghir… x'jismghu bhal issa….

Manani: Int ghal Fonzu qed tghid. U le miskin, x'imqarreb, ta tfal li huma.Bilhaqq kif hadli rasi Mario tieghek idoqq it-trumbun....

Rosi: Issa dahal mal-banda ta l-istella, u jehtieg li jaghmel ftit provi d-dar ghax nkella s-surmast ma ihallihx idoqq fil-banda.

Manani: U ntant t-trumbun tah. Ma setax nghid jien jitghallem idoqq il-vjolin?

Rosi: Il-vjolin, ahjar jitghallmu zewgek, mhux dejjem titghajru bejnitkom.

Manani: Ghall-grazzja tal-hanin Alla, hawn ara, il-luzzu ghaddu kif dahal il-port. Minn jaf x'kedda hadu msikien!

(Jinzlu minn fuq il-luzzu billi tidher tavla minn bejn il-kwinti…..)

Mananni: Kemm tlabt ghalikom sa Carmela, meta rajt l-luzzu tiela u niezel mal-mewg. F' hin minhom , Madonna tal-hniena, ma rajtux izjed, u qalbi, jahasra ghamlet tikk…daqshekk ghamlu ghidt f'qalbi.. Madonna tal-Grazzja , ehlisilhom u tghidx kemm tlabt ghalikom

Pawlu: Manànni, inti tahseb li kieku kien daqshekk mqalleb il-bahar kont nissokta bil-vjagg u nissogra l-hajja tal-familja tieghi.

Manani: Dazgur li le…ma tarax, imma jahasra tinsabu mxarbbin ghasra bil-bahar….. sinjura l-kappell ma lbistux llum?… (turija sinjal b-ideja) Il-kappell

Carmela: Il-kapell telaq mar-rih, ghax jew inzomm b'idejja biex ma naqax jew nkella nzomm il-kappel sabiex ma jtirx

Mananni: Naturalment, il-kapell imur u jigi, imbaghad is-sur Pawl jixtrilek nofs tuzzana ohra, imma s-sahha ma tibdilha ma xejn

Pawlu: Isma Manan, il-karrettun ma gibtux?

Manani: Lanqas temmen sur Pawl….. iz-ziemel l-bierah, ma riedx jaf, nahseb li Lonzu tieghi haddmu wisq il-ghalqa jigbed il-mohriet u ghandu rasu iebsa. Ma rridx jaf, ta xejn ghamiltlu karrotta quddiem mniehru, ghax ma ridtx jiccaqlaq.

Pawlu: Imma hawn mixja gmielha sar-Rabat…ma taf lil hadd hawn li jaghtina xi rikba…

Mananni: Ara ejja nitilghu din it-telgha imbaghad forsi Ghajnsielem hemm habib taghna u nitolbu jghamlilna pjacir..

Pawlu: Tajba din, m'hemmx x'taghmel, tlaqna Carm…ejjew tfal

Carmela: Kif bil-mixi sar Rabat….mela qed tiggenen.

Pawlu: Issa nibnilek il-linji tal-ferrovija…mhux ahjar nibdew mimxu forsi naslu qabel ma jidlam, u nsibu post il-lukanda…

Rosi: Isma sinjura, trid xi ftit gbejniet friski? Ghamilthom dalghodu.

Manani: U hallihom, ghadhom kemm waslu, x'kull wahda wkoll, mela ha jaharbu.

(Iddur fuq Pawlu) Issa nghatikom jien gbejniet min tieghi…Ta Rosi mhux vera friski!! Ejjew, ejjew ha mmorru.

**<u>(Id-dawl jitbaxxa u nergaw nsibu ruhna fl-istudju tas-Sur Fons)</u>**

Anglu: Ghadni niftakar kemm bdejt tigbed saqajn ommok, ja mqareb li kont!

IsSur Fons: Ha nghidlek xi haga bejnietna, jiena qatt ma ridt immur s-Seminajru Ghawdex u kieku kont nista ghamilt minn kollox sabiex nibqa' Malta. Imma forsi hekk kien hemm miktub, u d-destin taghna jkun diga fasslu l-Mulej.

Anglu: Kemm kien hemm kwiet Ghawdex, tiftakar il-mixjiet li konna naghmlu fil-widien? Bilkemm tiltaqa ma' ruh, hlief xi merhla nghag!

Sur Fons: Is-Seminarju Ghawdex kienet skola tajba ghax kien hemm hafna u hafna vokazzjonijiet hemmhekk. Kien hemm rispett kbir lejn il-knisja, izda jien kelli l-opinjonijiet tieghi. Ghalkemm kont ghadni zghir minn dejjem ried nifhem u nistaqsi **'ghaliex'** **ghaliex** il-kapillan kien joqghod jghajjat min fuq il-pulptu qiesu hadd ma kien jista jmerih!

Anglu: Izda kien hemm ir-rih tal-bidla dak iz-zmien wkoll, ghalkemm beda helu helu, kif qaleb is-seklu l-irwiefen bdew jaqilbu l-hitan u l-haddiema bdew iqumu fuq taghhom u jitolbu d-drittijiet godda.

Sur Fons: Nistqarr li ghamilt minn kollox sabiex nitkecca mis-seminarju u fl-ahhar kien irnexxili!

**(Nergaw nsibu ruhna s-seminarju)**

## SCENERY: IL-BINI TAS-SEMINARJU- GHAWDEX

Dun Rafel: Tista' tghidli ghaliex iddecidejt li tinza' s-suttana? Mela r-regolamenti taghmilhom int?

Fonsu: Ghax hassejt is-shana Dun Rafel, u wara kollox ma hemm l-ebda raguni ghala ghandna nilghabu bis-suttana.

Dun Rafel: ittawwalx ilsienek Fonsu, int jehtieg tobdi l-ordnijiet kif jaghmel kulhadd

Fonsu: Jiena nhobb nistaqsi , ghaliex irridu bilfors nilghabu bit-suttana. Dana ma jaghmilx sens u llum il-hajja hija ibbazata fuq il-logika!

Dun Rafel: Ara x'qallek il-gvernatur, mhux ahjar tghlaq halqek, ma'nghidlekx, x'kull wahda wkoll. Ara ftit minn qieghed jitkellem fuq il-logika!

Fonsu: Kif jghaddu dawn l-erba xhur, jiena ma nergax nigi hawn u nhallikom fil-kwiet.

Dun Rafel; Dana mhux billi tghid int. Ha naraw x'jghid missierek. U int Cikk ma tghid xejn? Huk iz-zghir imexxik min imniehrek!

Cikk: Jekk hija ma jigiex aktar Ghawdex, jiena wkoll naghmel bhalu.

**(Tinstema l-qanpiena u t-tfal l-ohra libsin is-suttana jingabru sabiex jidhlu gewwa)**

Dun Rafel: Allura Fons, m'intix bi'hsiebek tilbes is-suttana.

Fonsu: Le, ma nhoss li ghandi nilbes s-suttana, forsi fl-ahhar tbidlu l-fehma taghkom!

**(Lura fl-istudju tas-Sur Fons)**

# Xena Hamsa

Sur Fons: Kemm gera' warajja Dun Rafel, izda fl-ahhar tieghi ghaddiet, u gbart warajja lil hija Cikku.

Anglu: Inti taf ghaliex spiccajtu mortu tkomplu l-istudji taghkom fi Franza?

Sur Fons: Ghandi xi hjiel izda qatt ma fhimt ghaliex missieri ried bilfors ibeghedni minn ommi u huti. Ghaliex, inti taf?

Anglu: Jiena mhux kollox naf! Naf meta wkoll sejjer taghlaq ghajnejk sabiex tibda mixja ohra.

Sur Fons: Kemm nixtieq li nkun naf. Lest li naghti gidi kollu, ghaliex x'jiswa li taghmel tant gid f'hajtek imbaghad fis-siegha tal-prova ma tkunx lest.

Anglu: Kont naghmlek ta' fidi akbar. Il-Mulej ibqa zgur li ghandu kollox fi hsiebu u jpoggi fil-keffa tal-mizien dak li wiehed jkun ghamel ta gid f'hajtu. Dur dawra ma dwarek Fons u malajr tifhem li l-keffa tal-mizien qeghda taqleb sew fuq in-naha tal-lemin.

**(Sur Fons jkompli jikteb u Anglu jersaq lejn in-nofs tal-palk u fuq sfond ta kwadri li jitbiddlu jissokta jkellem lil udjenza.)**

Anglu: Minghajr qatt hadd ma seta jobsor, forsi kien id-destin li bieghad lil Fonsu mis-seminajru gewwa Ghawdex. Huwa u huh Frangesku salpu lejn Marsiglia gewwa Franza u hemmhekk ssuktaw l-istudju taghhom ghand il-

Gizwiti. Fil-fatt, huh Cikku ghazel dik it-triq, izda Fonsu ghal ftit ma kienx iltaqa' ma Don Giovanni Bosco gewwa Franza, meta hu kien mar hemmhekk, propju sabiex jiftah dar Salesjana. Meta Fonsu sema' bl-opra Salesjana fost iz-zghazagh, gie msahhar b'din l-inizzjativa u ghamel minn kollox u talab lil missieru gewwa Malta sabiex flimkien ma ohrajn jaraw kif jaghmlu u jitolbu lis-Salesjani jigu Malta.
Fonsu u huh telquha lejn Turin, izda ghal darba ohra, lil Don Bosco, li Fonsu ried bis-sewwa jew bid-dnewwa jiltaqa' mieghu, u johlom kuljum b'din il-laqgha, baqghet ma saritx. Meta Fonsu u Cikku waslu Turin, Don Bosco mar lejn l-Amerika u ghal darba ohra din il-laqgha tant mistenija ntilfet mar-rih.

## Niltaqghu ma Fonsu u Frangesku zaghzagh wara li gew min Marsilia.

## SCENERY: POST GEWWA L-BELT -

Annibale Preca: Kemm qieghed niehu gost narakom mill-gdid gheziez Fonsu u Frangesku. Kif tar iz-zmien, filli tfal u llum Alla jbierek, sirtu rgiel. Allura X'minmkom?

Fonsu: Sur Preca, ma nista ninsa qatt il-qafas tat-taghlim tieghek li kien il-bazi ta kollox.

Annibale: Kemm xtaqt naghtikom aktar mid-dehen li l-Mulej taghni, izda jiena cert li l-Gizwiti gewwa Franza huma bil-wisq aktar bravi minni.

Fonsu: Ghidli haga, qatt ma kellek risposta ghall-ittra li kont bghadt lil Don Bosco sabiex s-Salesjani jifthu dar gewwa Malta.

Annibale: Forsi ma kienx il-mument propizju, x'nista nghid, Don Manche' wkoll kiteb u kien hemm ohrajn tafux…

Fonsu: Meta kont Marsiglia hemmhekk giet miftuha dar Salesjana, u lil Don Bosco bilkemm ma kelli ix-xorti li niltaqa' mieghu. Sakemm mort sabiex nsibu, qaluli li kien telaq lura lejn Turin.

Annibale: Dak bniedem kbir u qaddis u x-xoghol tieghu ghad nisimghu hafna fuqu. Inti ghax ma taghmilx bicca xoghol u tmur Turin?

Fonsu: Lanqas temmen. Jiena u hija Cikku ghamilna vjagg bil-ferrovija lejn Turin, izda kif wasalna hemmhekk, qalulna li kien telaq lejn l-Amerika t'isfel. Ir-ragel mhux zghir u nibza' li mhux sejjer ikolli x-xorti li niltaqa mieghu f'hajtu.

Annibale: Allura issa gejtu ghal kollox u nt Frangesku x'b'hsiebek taghmel?

Cikku: Jiena minn dejjem kelli l-hajra li naqdi lil Alla fis-Sacerdozju u meta kont Ghawdex is-seminajru, mhux bhal hija, kont nisthajjilni xi qassis zghir nigri b'dik is-suttana, imma lil Fonsu qatt ma ghadtlu xejn. Issa ghamilt fhemti u sejjer nidhol mal-Gizwiti. Sejrin jifthu skola hawn Malta wkoll imbaghad l-Mulej jaghtina d-dawl.

Annibale: U int Fonzu? X'ghandek f'mohhok?

Fonsu: Kelli diskussjoni twila ma missieri u qalli li kien qieghed jikkonsidra jerfa' mix-xoghol. Kif taf, il-familja ghandha negozju tajjeb tad-drappijiet u ahna forrnituri tas-servizzi wkoll. Mhux ta min jghid jaqbad u jaghlaq, u ghalhekk, jiena ghalkemm xi ftit kontra qalbi, ghax m'ghandiex il-hajra qawwija li niehu hsieb dan in-negozju, offrejt li nipprova immidd idejja ghax-xoghol.

Annibale: Jiena bqajt nghallem b'salarju mizeru zda bqajt dejjem nistudja. Issa minbarra l-ilsien tat-Taljan, Ingliz, Franciz, Spanjol, Latin, Grieg, Gharbi, issa bdjet nistudja is-Sirjak u l-Lhudi. Tafu xejn li wasalt ghal-konkluzjoni li l-lingwa taghna gejja mill-Lhudi u mhux mill-Gharbi, ghax tafu xejn...... ahjar nieqaf hawn ghax nehdilkom raskom

Fonsu: Lanqas xejn, l-ghaxqa tieghi nisimghek titkellem fuq dan kollu...

Annibale: U xi ghasfura zghira m'ghandniex jew?

Fonsu: Ghal issa xejn, iz-zmien ghad jaghtini parir.

Annibale: Fil-hajja ibni, kollox f'waqtu. Il-hajja ta zwieg hija donn kif inhi l-hajja tas-sacerdozju. Jekk wiehed isib il-mahbuba ta hajtu, ibqa zgur li ssib il-genna fl-art, u meta z-zmien jibda jaghddi minn fuqna, hafna drabi thares lura u tghid li kien tassew zmien sabih:....isma ftit din ibni....

X'jigri bl-imhabba meta jaghddi iz-zmien, meta l-fjamma tbati il-gamra, ....

Izda wiehed imbaghad ihares lura u jara dak li ghaddejtu flimkien ma tibdlu ma xejn. Zommhom f'mohhok dawn il-kliem ibni, u xi darba forsi tkanthom lil martek…min jaf! **<u>(Fil-fatt Fonzu fl-zmien ta hajtu jkantha dawn il-versi)</u>**

Fonsu: Mhux facli li taqa u tqum, ma danakollu jiena kunvent li kull ma tmur il-hajja, wiehed ihares kull sena mill-gdid. Hekk kien jghid missieri, ghax jekk thares lura dak li wiehed jaghdi ma mhabbtu zgur ma tibdlu ma xejn.

Annibale: Marti ghamlet zmien twil ma tiflahx. Kienet tbaghti minn nuqas ta memorja. Fl-ahhar snin ma kinitx tgharafni, izda jien dejjem bqajt nuriha rispett, ghax wara kollox x'hini l-imhabba, li taccetta l-hajja kif tigi, taqsam dejjem flimkien it-tajjeb u l-hazin, dak li hu minu, dak li seta' kien u qatt ma gara, thares lejn mhabbtek u minghajr ma tlissen kelma tifhmu lill-xulxin

Fonzu: Kemm inti romantiku Sur Preca, kemm int poetiku!

Annibale: Zommhom dawn il-versi Fons. Meta jaghdi z-zmien ftakkar fihom. Bil-lapes f'idejja u bicca karta nitlaq ghal ghonq it-triq u kull hsieb li jigi f'mohhi nhazzu hawnhekk sabiex ma ninsiehx. Il-lejl it-tajjeb uliedi u Alla izomm idu fuqkom dejjem.

# <u>Xena Sitta ghand is Sur Asphar.</u>

## <u>SCENERY: NEUTRAL ROOM-LINFA</u>
## <u>PROPS: TRAY BIX-XORB – SIGGIJIET ELEGANTI</u>

Anglu: Pawlu Galea refa minn negozju u Alfons libes iz-zarbun tieghu. Cikku inghaqad mal-Gezwiti, filwaqt li Fonsu kien ta sikwiet jiltaqa mal-gemgha tan-negozjanti.

Sur Fons: Dak in-nhar meta kien hemm festin ghand is-Sur Asfar, temminni li nghidlek li ma kelli l-ebda hajra li mmur, izda qiesu x'hadd qabadli jdejja u wassalni fid-dar tieghu. Kien hemm gemgha ta nies. Kollha negozjanti u hassejtni zghazugh fost l-anzjani. Niftakar meta rajt lil Liza tieghi ghal-l-ewwel darba. Missierha , Is-sur Asphar kien ragel twil u b'daqna bajda. Kont bilkemm nissokta nhares lejh. Kien ghani hafna ghax kien jinnegozja l-hagar prezzjus u drappijiet wkoll. Ghamel zmien twil l-Indja u staghana gmielu.

## <u>(Festin Ghaddej gewwa d-dar tas-Sur Asphar. Kulhadd liebes ghall-okkazjoni)</u>

John Asphar: Merhba bik Fonsu. Missierek x'sar minhu?

Fonsu: Missieri ma tantx huwa f'siktu, issa bil-kemm jiftacca l-hanut u halla r-riedni f'idejja.

John: Int bniedem bil-ghaqal. Smajt hafna affarijiet sbieh fuqek, u naf li ghandek qalbek tajba wkoll.

Fonsu: Qed thammarli wicci sur Asphar.

John: Liza ersaq l-hawn. Nixtieq nlaqghek mal-habib tieghi Alfonsu Marija Galea mwieled u jghix il-belt Valletta.

Liza: Ghandi pjecir Sur Galea bil-konnoxxenza

Fonsu: Jisimni Fonzu u hallik mit-titli.

Liza: Ilu xi gimgha ghaddejt fil-hanut tieghek u rajtek fuq gewwa. Kien hemm wiehed xwejjah min taghna hafna li beda jdur bija u jurini kull bicca drapp li kellu. Ha nghidlek ta….mpjegat mill-aqwa .. hu hsiebu.

Fonsu: Nghidlu, halli f'idejja ghax nemmen li jiehu gost. Il-haddiema meta jaghtuk is-sehem taghhom ghandek tkun rikkonoxenti u b'hekk tghamillhom aktar kuragg

John: Liza nixtieq nghid kelma bejnitna lil Alfonsu, jimporta jekk joghogbok, ara li l-mistednin ma jonqoshom xejn.

Liza: Iva Papa bil-qalb kollha. Nergghu niltaghu Sur…. Irrid nghid Alfonsu.

Fonsu: Il-pjacir huwa tieghi Liza. Jekk trid tigi tara xi drapp iehor halli gimgha ghax ghandi nircievi konsenja gdida minn Franza u zgur li xi haga jkun joghgbok.

Liza: Grazzi, hekk naghmel.

John: Nixtieq nghidlek kelma bejnittna ghax ghandi fiducja fik.

Fonsu: Mela le, ghidli.

John: Ghamilna dan il-festin zghir sabiex ssir gabra zghira ghas-sorrijiet il-fqar li waslu Malta u qeghdin iduru bix-xjuh gewwa dar il-Hamrun.

Fonsu: Jiena tghid is-sehem tieghi wkoll Sur Asphar….

John: Perswaz, imma xtaqt naqsam mieghek haga ohra. Weghedni li zzommha bejnittna. Marti nahseb li ma tafx ghalkemm dan l-ahhar qabel ma norqod raghtni ninzel gharkuptejja u nitlob fil-kwiet…..

Fonsu: Imma b'daqshekk ma hemm xejn hazin. Jiena wkoll nsib il-farag fit-talb.

John: Ghandek tiftakar fil-Hallieq kull hin u kull mument, u mhux meta tigi fil-bzonn.

Fonsu: Qieghed timpressjonani Sur Asphar…..u nghidlek is sew mhiniex nifhem.

John: Hallini nigi ghal-punt ibni. Dan l-ahhar bdejt nhoss certu wgieh idur ghall-dari u mort ghand diversi tobba hawn Malta izda hadd minhom ma seta jsib minn xhiex gej dan l-ugiegh. (Jiena kont l-Indja u ta sikwiet kont npejjep il-pipa b'tabakk xi ftit qawwi u mhux raffinat.) {Din is-sentnenza tista tithalla barra} Ftit ilu mort l-Italja, u rrakomandaw professur famuz u malajr mar f'ras il-ghajn.

Fonsu: Jaqaw…. Tghidliex li hija din il-marda qerrieda li qeghda tahkem hafna nies….

John: Iva ibni. Ma tantx hemm tama. Il-professur qalli li ghandi tumur, hekk qeghdin jghidulha. Miraklu biss tista tfieq minu. Il-medicina ghandha ma sabbitx tgharf din il-marda. Minn jaf il-quddiem kemm ghad issir studju fuq hekk. Ghaziz Fonzu, jiena llum mghadniex xi zghazugh u wasal iz-zmien li nibda naghmel il-kontijiet.

Fonsu: Imma kif nista nghijnek Sur Asphar?

John: Ara ibni, l-ewwel haga nixtieqek li tmur ghand is-sorijiet u taghddi l-gabra ta flus li flimkien irnexxielna nigbru ghax jiena ghada sejjer safra sa Franza.

Fonsu: Sejjer ghand xi professur iehor?

John: Sejjer ghand habiba specjali – fil-fatt tabiba mill aqwa u li jekk ma taghtiniex il-kura hi, nibda nghodd il-granet u nhejji t-triq it-twila…

Fonsu: Kif sirt taf biha din it-tabiba?

John: Qed tara kif nhobb niccajta jien wkoll. Minhiex daqshekk zorr kif wiehed jistjallinni. Sejjer nzur Lourdes forsi il-Mulej, bl-intercissjoni tal-Madonna, ikollu hniena minni. Nifhem li fl-ahhar xi gurnata jew ohra, il-ktieb tal-hajja jibda jinghalaq u l-folji bil-kitba ta l-ghimoddi bilkemm jibdew jingharfu. Hekk il-hajja ibni.

Fonsu: Kemm qieghad jiddispjacini b'dak li ghidtli.

John: Tweghdni wkoll li hekk titfa ghajnejk fuq Liza, ghax tkun tassew thobbha u ghal xejn aktar….nahseb li qieghad tifhem dak li nixtieq nwassallek.

Fonsu: Naf li nt bniedem ghani hafna izda naghtik il-kelma tieghi, li ma nasal qatt li nithallat mal-familja tieghek, jekk mhux b'impenn ta mhabba sinciera. Iz-zmien jaghtina parir u ma hemm l-ebda ghagla.

John: Le ibni hawnhekk zbaljajt.

Fonsu: Ghaliex qed tghid hekk, jiena kelma ta ragel qed naghtik…

John: Le le, ibni, zbaljat fis-sens li ghidt  li ma hemm l-ebda ghagla.Il-granet tieghi huma mghaduda u niehu gost narakhom migburin flimkien. Jiena tfajt ghajneja fuq dak il-palazz Capua, li jidher mid-dar tieghi, sabiex, min jaf, forsi ikolli x-xorti li nara l-ulied taghkom jilghabu fil-gnien min fuq il-bejt tieghi.

Fonsu: Nitlob li Alla jaghtik is-sahha dejjem u taqtax qalbek. Halli mmur nkellem lil Liza…. Ma jimpurtax hux hekk?

John: Naghtik il-barka tieghi b-idejja t-tnejn ibni.

Fonzu: Jimporta nghid kelma ma Liza, Sur Asphar?

John: Isbah din. Hu hsieb dawk il-flus. Liza isma ftit. (filwaqt li jwarrab biex jkompli mal-mistiednin)

Fonzu: Liza, jiena kont qed nosservak mill-istudju tieghi fil-hanut. Inti ma stajtx tarani.

Liza: Nistqar li ma rajtekx Fonz, ghax li kieku lil ohti Mary, kont nghidilha li ried nkellmek.

Fonzu: Allura kif qeghdin thossukom wara li gejtu mill-Indja?

Liza: L-Indja hija kompletament dinja differenti. Hemmhekk, il-poplu maqsum bejn il-Hindu u l-Musulmani. L-insara bhalna, huma minoranza, izda b'riehet l-Inglizi, kulhadd huwa fil-liberta li jaghzel ir-religjon tieghu minghajr ndhil zejjed.

Fonzu: Imma vera li qed jitolbu l-indipendenza mill-imperu Ngliz?

Liza: Hemm hafna xnieghat, u kif tghidu nthom il-Maltin, il-qasba ma cekcikx ta xejn!

Fonzu: Brava, qed titghallem il-Malti gmielek.

Liza: Fejn tmur tisma quddies il-Hadd?

Fonzu: Jiena mmur il-knisja ta San Pawl, vicin d-dar. Normalment nisma ta' l'ghaxra, ghax dik tkun cantata.

Liza; Mela issa nghid lil ohti Mary, biex nigu hemmhekk nhar il-hadd.

Fonzu: Tajjeb, Jiena noqghod fil-kuruttur fin-nofs tal-knisja, in-naha tal-lemin, u inti ejja hdejja, naturalment fuq in-naha tax-xellug, man- nisa l-ohra.

Liza: X'hmerijiet hux! Dan ghalfejn in-n isa joqghodu fuq in-naha tal-knisja, u l-rgiel fuq in-naha l-ohra.

Fonzu: Dak sabiex kulhadd jkun jista jitlob bil-qalb….. imma nahseb li nhar il-hadd, ha nkun mohhi fik u mhux fit-talb… probabli sejjer jkolli nisma quddiesa ohra.

(Filwaqt li jithqu bejnithom jkomplu mal-mistiednin l-ohra)

Anglu: U b'hekk Alfonsu iltaqa ma Liza Asphar, fil-festin tal-karita. U minn qatt kellu jghidlu li kieku ma marx ghal din l-okkazzjoni forsi l-laqgha tieghu mal-familja Asphar u z-zwieg tieghu ma Liza ma kienx isehh.

## Xeba Sebgha – Il-familja tas-Sur Fons u t-telfa ta Terry.

## SCENERY: KAMRA GHAND S-SUR FONS
## PROPS: 4 SIGGIJIET HOMOR

(Fonsu jhares lejn xi ritratti tal-familja tieghu)

Anglu: U kemm sejjer iddum thares lejn dawk ir-ritratti Fons.

Fonsu: Kif tar iz-zmien….. ara dan huwa Louis, l-ewwel wild taghna – dejjem kellu xehta ta' avukat hux! Marija l-ewwel tifla. Frangeska ir-raba wild, u Joseph il-hames tarbija…

Anglu: Ghaliex qbizt it-tielet wild Fonsu, ghax forsi sal-lum ma kontx kapaci taffronta r-realta' tal-hajja…. E habib hekk kien miktub…

Fonsu: Iva sewwa qed tghid, ghadni sa llum ma nistax nifhem **ghaliex** Terry, tifla tant hi helwa kellha tmut f'eta daqshekk ckejkna…..

Anglu: Kont naghmlek bniedem ta fidi akbar……

Fonsu: E siehbi, f'grajjiet bhal dawn, ta xejn wiehed jissokta jsib spjegazzjoni, ghaliex kollu ghal xejn. …. Ghadni niftakar dik il-lejla li gejt mix-xoghol……naturalment kont izghar hafna izda dik ix-xena ta spiss tigi quddiem ghajnejja u nerga nghixa mill-gdid.

**(Fuq in-naha ta wara tal-palk nergghu naraw dik ix-xena meta Liza u Fonsu kienu zghar bit-tfal iduru maghhom. Jidhlu it-tfal jghanquh…Louis, Marija, Frangeska u Joseph…..)**

Fonsu: U Terry fejn hi?

Papa …..( kulhadd jghanqu filwaqt li Liza b'harsa ghaddiet il-messagg li Terry xejn ma hi tajba….)

Liza: Kif kienet il-gurnata llum Fons…. It-tfal il-hin kollu issemuk.

Fonsu: Ghidli Liza, Terry kif ghaddiet?

Liza: Xejn ma hi tajba ….ghandu jigi t-tabib aktar tard ghax baghadt nghidlu ma Censu l-gardinar. Miskin rega gie u qalli li t-tabib sejjer jaghmel minn kollox sabiex jigi llejla.

Fonsu: Imma allura ma hemm l-ebda tama. Ma ghamlet l-ebda bidla? Id-deni baqa jahkimha.

Terry: Minn gewwa. Mama fejn nt, irrid noqghod hdejk…

Fonsu: Tfal, morru fil-kamra l-hamra u oqghodu hemmhekk, oqghodu 'ilaghbu xi ftit, sakemm ningabru sabiex nghidu r-ruzarju umbaghad mmorru norqdu.

Terry: (tifla Zhira) Papa, ma niflahx,…. Ghandi rasi tugghani hafna…Mama qed nibza!

Fonsu: (Jghanaqa mieghu) Ejja binti ejja hdejja – il-Bambin thobbu int?

Terry: Iva nhobbu hafna , imma **ghaliex** ma jridx jaghddili dan l-ugiegh?

Fonsu: Ma nafx binti, ma nafx. Li kieku nista nitolbu biex l-ugieh li ghandek jaghddih lili, imma dan ma nistghax naghmlu.

Terry: Imma l-Bambin qieghed hdejja Papa…qed narah

Liza: X'inti tghid Terry qalbi,…. (Lil Fonsu) Id-deni qed jahkimha miskina.

**(FILWAQT LI LIZA U FONSU META KIENU ZGHAR, DDURU BIJA – JItBAXXA D-DAWL U FUQ SPOT LIGHT FUQHOM, JGHEJXU DIK IX-XENA FILWAQT LI FONSU XIEH, MILL GDID IGIB QUDDIEM GHAJNEJH DAWK IX-XENI TAL-MGHODDI)**

Fonsu Xih: Binti, kif stajt ma ndurx lejn il-bambin, u nitolbu bil-hniena kollha, sabiex l-angli jigu hdejk **(ihares lejn ritratt)** u jonfhu lil hemm dak kollu li qeghda thoss. Kif stajt binti, narak lejl wara l-iehor, thewden u titqalleb, kif stajt binti ma nxarablekx haddejk bid-dmuh min tieghi, li jithaltu ma' gharaq fuq haddejk.
U ta xejn nibda nkantalek minn ta ht l-ilsien, biex forsi ghajnejk tmur bik.

Fonsu Ragel: Liza, hudha fis-sodda halli tistrieh…. Il-Bambin jkun mieghek binti, u nhalli f'idejh…..

**(Liza tiehu lil Terry u terfaghha fis-skiet….. It-tfal l-ohra jidhlu hdejn Fonsu donhom sabiex jaghtuh dak il-wens li kien jinhtieg)**

Anglu: U kemm il-darba nistaqsu **ghaliex**, ghalfejn, dik il-hamiema bajda li taret ghalxejn. In-nota tal-qanpiena fil-hemda ta fil-ghaxija, (tinstema id-daqq tal-qanpiena – in-nota tal-mewt) tinfed is-sirda fis-skiet tal-lejl. Hadd minha ma jghid li rridu mmutu, u tafu xejn, li dawk li mietu qatt ma kienu jahsbu li se jigrihom hekk, izda Fonsu baqa tul hajtu jfittex twiegiba , **ghaliex** fil-fjur tal-hajja Terry tarret ma l-angli lejn is-smewiet!

**(Jidhlu t-tfal flimkien ma ommhom )**

Fonsu: (Xih) (**Dan il-hsieb mehud mill-poezija ta Oliver Friggieri Mur Orqod Binti)** Ghadni niftakar dawk il-kliem li ghadna flimkien Liza: Le,

uliedi, l-lejla ma ningabrux flimkien ma Terry, halli nghidu r-ruzarju, sar hafna hin , u Terry mhix sejra tqum.

Liza(xiha): U jiena komplejt: Le uliedi ghada mintomx sejrin tilghabu aktar maghha, ghax l-angli haduha il-boghod min hawn. Minn jaf jekk jaqbadiex l-ghatx fit-triq, jew tieqaf sabiex tistrieh! Hemm barra niezla x-xita u hi tibza mir-raghad.Nibza li fit-triq m'hemmx ruh, u jekk thabbat il-bibien hadd ma jiftah.

Fonsu Xih: U tiftakar Liza kif it-tfal baqghu jharsu lejna meta harisna lejn xulxin u ghadna: Imma tibzax pupa tieghi, ibqa imxi warajh, sejra tiltaqa mal-Bambin Hu hadha mieghu, u issa wliedi telqu l-boghod, il-boghod it-tnejn. Tibkux uliedi ghax Terry qeghda miegHu u minn fejn taghddi jaghidlha HU,

Liza Xiha: Kien wiehed min dawk l-ljieli li ma jispiccaw qatt: Ejjew issa nitfu d-dawl u nghalqu t-tieqa, ghax dahal gmielu l-lejl. Min jaf jekk qeghda tirtghod bil-bard, min jaf jekk ghajjietx u waqfet biex tistrieh? Min jaf, min jaf **ghaliex?**

**Il-Mara misterjuza li tidher fuq il-plataforma, donha qeghda tistenija tkanta l-addagio bil-Malti)**

Ghidli Mulej fejn nista nsibha, Ghidli Mulej fejn qeghda issa, zommha ma genbek ghax hija tibza, imshilha d-dmugh ghax hija mbikkma, zommha f'hdanek u tiha l-wens, haddanha mieghek u ghatiha l-bews, ....grazzi Mulejja , ghatina s-sabar u l-gherf, urijna t-triq tal-gherf u farragna f'kull mument.

# XENA TMIENJA

# Xena DISA – Il-migja tas-Salesjani f'Malta u l-ftuh tat-teatru Juventutis Domus

**(Ix-xatt tas-Sliema, xi nies iduru lhawn u lhinn u Pawlu tal-pasitizzi bhal dejjem jaqla l-ghixen)**

Ganni ta Pisanu: L-ghodwa t-tajba sur-Fons. Smajt li xtaqt tkellimni.

Sur Fons: Ganni, grazzi talli gejt tarani. Gann, ejja naqbdu karrozzin u naslu wasla sa' hdejn it-torri u nurik il-lant tax-xoghol. F'idejja ghandi l-pjanti, u nistghu nitkellmu ahjar fuq il-post.

Liza: Zewgi dejjem jara' x'jivvinta. Izda din id-darba, nistqarr li ghandu pjan kbir li ilu hafna jhewden fuqu. Tridu taraw, kif f'nofs ta' lejl, nistenbah, u ninzel isfel u f'dik il-hemda ta' bil-lejl, bil-lampa baxxa, nara lil Fonsu tieghi, mitluf fil-pjanti u karti, ihazzez xi figuri….

Ganni Sinjura Elizabetta, kullhadd jaf kemm ghandek ragel qaddis. Huwa minnu li l-Bambin taghkom hafna gid, izda huwa minnu wkoll, li inthom nies twajba, li taqsmu dak li ghandkom ma' min hu fil-bzonn.

Liza: Gann, il-hajja taghna hija qasira wisq. Filli hawn, u wara ftit snin, li jgerrbu bhall- lehha ta' berqa, nsibu ruhna fit-tarf tal-mewt. U ghalhekk tajjeb li wiehed jaghmel il-gid f'hajtu.

Ganni: Kemm jien grat lejk sinjura. Ghaliex Duminka tieghi, qaltli li kont int li ghaddejt kelma tajba mas-sinjuri ta' Tax-Xbiex. M'ghandekx ideja kemm qeghda ghal qalbha maghhom. Nies minn taghna hafna wkoll…

Fons: Hares ftit hawn, x'tahseb. Din it-triq li tiehu ghal-bahar. Allura Gann, tahseb li taqdini?

Ganni: Habat tajjeb Sur Fons ghaliex bhal issa ghadni kif lestejt bicca xoghol f' Birkirkara u l-haddiema herqana sabiex jergghu imiddu jdejhom ghax-xoghol.

Serva : Sur Fons , gie Belindu tal-karrozzin sabiex iwassalkom.

Ganni: Stajna morna bil-mixi m'hawnx boghod sa' hdejn t-torri .

Sur Fons: Illum xejn ma jiena f'sikkti. Mhux kulhadd irid jaqla sold Ganni.

Anglu: Mas-sebh ta nhar il-hamsa ta' Mejju 1907 in-nies li kienu bakkru u kienu ghaddejjin min-naha ta' l-istitut ta' St. Patricks, lemhu lil-imghallem tal-gebel maghruf ma kulhadd bhala Ganni ta' Pisanu u n-nies tieghu min bil-baqqun u minn b'xi qoffa jistennew fuq roqgha blat. Fr. O Grady, ir-rettur ta' St. Patricks, bierek l'art u dlonk beda x-xoghol tal-bini ta dan it-teatru gdid, u sewwa sew sena wara, fis-seba ta Mejju tas-sena 1908 kien hawn il-ftuh ta dan it-teatru. Fonzu Maria Galea kien tant kburi u ghamel kelmtejn ghal- okkazjoni tal-ftuh:

## SCENERY: SLIDE TAL-KOR FIL-FTUH TAT-TEATRU

( HAWNHEKK JIDHER SLIDE FUQ WARA BIL-KOR U L-ORKESTRA, EZZATAMENT MEHUD MIN RITRATT ORGINALI TAL-OKKAZZJONI. JIDHER FONZU FLIMIEN MA LIZA U DUN URSO HDEJHOM)

Fonzu: Reverendu Dun Mikiel Rua , s-succesur ta Don Bosco, L-eccelenza Gvernatur Sir Henry Fane Grant, Mons Grech – il-vigarju ta' Isqof, Sur Reynolds, l-onorevoli Avukat Mercieca, L-imhallef Pullicino, u sinjuri distinti, Fr. O Grady, hbieb tieghi:

Jekk jiena u l-ghaziza marti, o ohta Mary, ghamilniex xi haga rejalment li tkun ta gid ghall-futur, mhux il-punt li nixtieq nsemmi f'din l-okkazjoni tal-ftuh ta dan it-teatru. ~~Jekk hu hekk, ahna xorta wahda ninsabu obligati u servi taghkom~~. Ghamilna

dak li kienu xtaqu l-genituri taghna. Ghax wara kollox, il-bniedem hu dak li hu skond it-trobija tad-dar u l-imhabba tal-genituri. Mohna u qalbna gew mrawma skond il-principji nsara. Jekk bniedem jasal biex jaghmel xi gid, dan jkun kollu dovut ghat-trobbija tajba.

Hawn nsibu l-'busti' tal-mibki missier il-mara tieghi, John Joseph Fathullah Asphar, Pietru Pawl Galea, u Carmela Galea, l-gheziez genituri tieghi. Jekk illum qeghdin flimkien niccelbraw din l-okkazjoni ta ferh, dan kollu huwa dovut lil dawn n-nies.....Il-hajja taghhom sabieha u fl-istess hin semplici tirrifleti l-mhabba lejn il-proxxmu. U anki issa narawhom fostna, jaqsmu maghna dan il-ferh, jitghamaw fil-futur bhal ma nitghamaw ahna, jisimghu l-ghajjat ta tfal ferhana jilghabu fil-bitha vicin tal-oratorju, dan kollu huwa muzika mill-isbah ghal widniehom! Nittama li dan il-palk, jkun il-mera tan-natura u li jwassal dak kollu li huwa pur u tajjeb. Nittama li t-tahbit tal-qalb zghazugha tkompli thabbat matul s-snin, u niftakru fl-gheziez genituri taghna li kieku ma kienx ghalihom dan ma kienx jkun possibli.

(Fil-fatt dan li gej huwa parti min diskors fil-ftuh ta St Patricks, izda nhoss li huwa addatta wkoll ghal din l-okkazjoni)

Jiena dejjem hlomt flimkien ma' hafna ohrajn li dan il-jum sabih izernaq u ghad juri li fih ix-xoghol tas-Salesjani jinxtered ukoll f'art twelidi ghall-gid taz-zghazagh Maltin. J'Alla d-dar tas-Salesjani fi zmien qasir toghla daqs ggant imdawwla bil-barka t'Alla. J'Ajja dejjem ikollha fuqha l-ispirtu ta' fejda, ta' hegga, ta' xoghol u ta' civilta' nisranija.

## XENA GHAXRA

**(NILTAQGHU MA DOLUR TFAJLA ZGHAZUGH – ID-DESTIN!)**

**SCENERY: L-ISTESS KAMRA B ERBA SIGGIJIET HOMOR**

Anglu: Minn mindu Fonsu refa' minn negozju fis-sena 1896, ried jara x'jaghmel, u ghemnuni bil-kemm kont nlahhaq mieghu. Jigri min hawn u min hemm, jghaddi kelma tajba lil dik u lil dak sabiex isibu xi xoghol, jghin is-sorijiet, l-istituti, izda wara medda ta ghaxar snin, hass id-demm tal-vini jbaqbaq ghal dak li kien qieghad jissokta ma dwaru fil-lat politiku Malti.

Fonsu: Ang, jiena ma nistax nitqies bhala politikant, ghax ma nafx nwassal bizzejjed il-kelma, izda lest li nkun politiku, umli u nittama li nkun nista naghmel xi ftit gid.....

(Ihabbat il-bieb u tidhol Dolor is-seftura)

Dolor: Nista nidhol Sur Fons jekk joghogbok.

Fonzu: Dazgur binti, ghaddi ghaddi.....

Dolor: Grazzi Sur Fons. Nista nghid lil Censu jghaddi wkoll.

Fonzu: Censu, il-gardinar. Fejn qieghed?

Dolor: Hawn qieghed, wara l-bieb.

Fonzu: Wara l-bieb x'qieghed jaghmel hemm, x'kull wahda wkoll.Cens, ghaddi

Censu: Grazzi, hallejt il-qorq barra fil-gardina, ghax ma nixtieqx li nhammeg it-tapit.

Fonzu: U b'daqshekk ma jkun gara xejn Cens. Allura x'inqala?

Dolor: Le , le kieku ma nqala xejn, imma xtaqna nigu nkellmuk ftit

Fonzu: Jaqaw tridu zieda hux hekk, u nifhimkom, ghaliex kollox joghla. Smajtu l-hobs kemm sar?

Censu: Iva smajt, imma ma nahsibx li hu minnu. Din xi qlajja u xejn aktar

Fonsu Le ibni mhix qlajja xejn. Kulhadd irid jiekol mhux hekk.

Censu: Ara sinjur, jiena u Dolor ma gejniex hawnhekk sabiex nitolbuk zieda….

Dolor: ....ahna kuntenti hafna nahdmu hawn sinjur, u issa ilna xi ftit nafu lil xulxin

Censu: Ma nixtieqx nghoqod ndur mal-lewza sinjur. Ara, jiena u Dolor ilna hbieb, u meta tohrog tixtri fil-ghaxija, ta sikwit jiena kont mmur maghha. Hekk jew hekk, kienet triq wahda sa hdejn ommi

Fonzu: Iva iva, sewwa u allura...

Dolor: Ghax jiena ma ghandi lil hadd sinjur u Censu jaqla' xi haga min hawn u kien jitma lil ommu wkoll.

Censu: Miskina ommi issa ila madwar sena li hallietna...

Dolor: Kif kont qed nghid sinjur, jiena ma ghandi li hadd, u Censu sab ruhhu wahdu, u ghalhekk konna qeghdin nahsbu biex jiena u Censu, eq,...ma tafx sinjur.....

Censu: Ha naqtaha fil-qasir. Jiena u Dolor nixtiequ li nizzewgu.

Fonzu: Ah, iva tizzewgu.... haga xierqa. Imma hsibtu fejn sejrin toqghodu?

Censu: Meta nizzewgu, ghal l-ewwel Dolor tista tigi toqghod mieghi, fejn kienet toqghod ommi, terran zghir, zewg tikkmamar.

Dolor: Sinjur inti kieku ma thallinix nahdem ftit tax-xhur mieghek, sakemm

Fonzu: Tista toqghod kemm trid u kemm joghogbok, Dolor sakemm…

Dolor: Le mhux sakemm il-bambin jibghatli xi fjur,

Censu: Sakemm jkun wasal z-zmien li nsallpu lejn l-Awstralja.

Fonzu: Bihsiebkom temigraw?

Censu: Iva sinjur, kulhadd qieghad jghid li hemmhekk hemm dinja ohra, u tajjeb ghal-futur ta wliedna

Fonzu: Wliedi, jiena nberkkom b'idejja t-tnejn u j'Alla tkun kuntenti dejjem, sibu wens f'xulxin u nawguralkom minn qalbi. Allura d-data diga giet iffissata?

Censu: Iva, fil-festa ta San Pawl.... xaghar iehor Sur Fons, fl-ghaxra ta Frar.

Fonzu: Ghandi nifhem li sejrin taghmlu xi festin zghir mal-hbieb mhux hekk?

Dolor: Kieku xtaqna sur Fons, imma nistqarr li m'ghandiex minn fejn.

Fonzu: Hallu f'idejja, issa nitkellem ma Liza tieghi u xi haga naghmlu flimkien. Gheziz tieghi, minn qalbi nixtiqilkom kull risq.

Dolor: (bilkemm tkun sejra tghanqu)...grazzi, grazzi Sur Fons.

# XENA HDAX

**(Nergaw naraw lil Fonzu jikteb fl-istudju tieghu flimkien ma Anglu)**

Anglu: X'int tqalleb? Le Fonzu, jekk ser tibqa taghmel hekk, mhu sejjer tasal mkien. Meta tikteb jehtieg li tfassal sewwa l-grajja tieghek.

Fonzu: Kont zammejt kopja ta ittra li bghadt lil Dun Rua, t-tieni successur ta Dun Bosco. ....hawn hi...isma ftit x'kont ghidtlu: Ghaziz Reverendu Dun Rua, minn zmien twil ili nahseb ukoll progett bit-tama li narah isehh quddiem ghajnejja, opra sabiha illi tkun ta gid kbir ghal dawk it-tfal l-aktar foqra li jinsabu fil-gzejjer taghna jekk kemm il-darba l-gvern ta Malta jghini sabiex nasal biex inwettaq il-hsieb tieghi. Jiena nixtieq li noffri elf lira u l-art mehtiega biex jitwaqqaf istitut u mieghu bitha kbira gewwa tas-Sliema. Dan l-istitut nifhem naghtih f'idejn is-Salesjani biex imexxuh huma. L-ghan ta dan l-istitut ikun ghal dawk it-tfal l-aktar fqar biex jitghallmu xi sengha u l-quddiem johorgu rgiel bil-ghaqal u jkunu jistghu jaqilghu bicca hobz bl-onesta. Ma dawn it-tfal jingabru wkoll xi ftit tfal ddiskli. Izda ghal dan inhalli fl-ghaqal taghkom is-Salesjani biex kif jidrilkom intom inzommuhom mifrudin biex ma jhassrux wiehed lill-iehor...

Anglu: Taf xi tghid Fons...izda zball wiehed ghamilt. Ma tistax thallat tfal diskli ma tfal tajbin ghax fl-ahhar mill-ahhar, it-tuffieha l-hazina dejjem hasret it-tuffieh l-ohra.

Fonzu: Sewwa qed tghid. Taf x'qed jigrili? Nahseb fuq xi episodju f'hajti u nibda niftakar qiesu l-bierah, kwadru wiehed wara l-iehor. **(filwaqt li jibda jqalleb il-ktieb li fih kien qieghad jikteb)**

Anglu: Nahseb li nsejt episodju mportanti hafna f'hajtek li baqa xi ftit jew wisq mistur. Qieghed nghid fuq il-hbiberija li kellek ma Dun Urso.

Fonzu: Dazgur, Dun Urso miskin, kemm kien bniedem min taghna, mimli entuzjazmu ghall-hajja......kont sikwiet niltaqa mieghu u naghmlu miexja flimkien lejn ix-xatt tas-Sliema, niehu kikra te u zewg pastizzi u hallina nfasslu xi haga gdieda....ghadni niftakar meta qalli x'kien bi'hsiebu jfassal u jpingi fuq il-palk tat-teatru Salesjan.....

**(NINSABU FIX-XATT TAS-SLIEMA- BILQEGHDA FUQ MEJDA JITKELLMU FLIMKIEN – SUR FONS GHANDU 47 SENA)**

**SCENERY: IX-XATT TA TAS-SLIEMA – BID-DGHAJJES ETC**
**PROPS: ZEWG MWEJET ZGHAR U ERBA SIGGIJIET KOMUNI**

Dun Urso: Carissimo Alfonsu.... Dik l-art li tajt int lilna s-Salesjani nixtieq li tkun centru shih ta attivita. It-teatru mhux ta minn jintuza biss mill-istudenti tal-universita', izda ghandu jkun benniena ta attivita ghaz-zaghzagh kollha.

Fonzu: Dawk il-pastizzi keshu....ismaghna ftit...jiena l-iskop tieghi kien wiehed. Li l-post jghaddi f'idejn is-Salesjani. Jiena cert li intom ghandkom vizjoni kbira u tistghu taghmlu hafna gid.

Dun Urso: Hallini nispjega ftit l-pittura li xtaqt naghmel fuq id-dahla tal-palk. Ara Alfons, jiena xtaqt li (Jispjega l-kontenut tal-lunetta filwaqt li fil-fatt jhares lejn l-pittura donnu qieghad johlom u jara fir-realta x-xena lesta)

Naghmel pittura forma ta lunetta- nofs qamar li jzejjen fuq il-palk.

Fonzu: Antonino, nixtieq li din il-holma li ghandek ssir realta, u min jaf kemm ghad titgawdha minn nies li jigu f'dan it-teatru.

Dun Urso: Nixtieq nohloq seba karrattri, mifruxin minn naha ghal-ohra

Fonzu: U x'sejrin jkunu dawn il-karrattri?

Dun Urso: Fin-nofs naraw xbiha ta mara sabieha, qiesa xi sultana, b'ghajnejha lejn is-sema. Din trid turi l-fidi, it-twemmin f'Alla. Nghamilha B'idejha miftuhin tixtieq thaddan lil kulhadd, tistieden ghal twemmin wiehed

Fonzu: Interresanti...imbaghad

Dun Urso: Fuq ix-xellug taghha nilmhu mara ohra b'rasha l-isfel, b'mizien f'idha x-xellugija u l-warda tas-susan fil-leminja. Din tkun trid tfisser l-onesta' li kollox taghmel bil-qies. Hi tkun qeghda bhal tqim is-Sultana, il-fidi, ghax minha din l-onesta tiehu l-qawwa taghha.

Fonzu: Imma nti tkellimt ma xi hadd, ma xi artist.

Dun Urso: Siguro… dazgur. Tiga kellimt li Cali li kien qieghed jaghmel xi xoghol il-belt fil-knisja ta San Frangisk. Hemm ideja simili hafna

Fonzu: Imma sa 'issa semmejt zewg karrattri biss…

Dun Urso: Fit-tarf lejn in-naha tax-xellug naraw mara ohra b'tifel imqabbad maghha, ghall-kenn, waqt li qieghed jahrab bezghan, minn lifa li hija xbiha tal-hazen, li tkun hierga minn ktieb. Din il-mara trid tkun tfisser il-morali, jigiferi l-gharfien tal-ghazla tat-tajjeb mill-hazin f'ghemil il-bniedem

Fonzu: Qieghed nimmagina din il-pittura. Allura sejjer taghmilha bi stil fresco

Dun Urso: nahseb imma irrid nara x'jghidli Cali

Fonzu: Ghad baqa erba personaggi ohra Antonino!

Dun Urso. Fuq in-naha tal-lemin nilmhu mara ohra thares l-boghod, donnha xi ftit mhassba b'idha fuq id-dinja. Din hija x-xjenza l-gherf li bih il-bniedem jahkem fuq id-dinja u kull ma fiha. Ghax ha nghjduha kif inhi Fonz, il-bniedem li ma jaghrafx l'Alla il-bidu ta kollox ma hu xejn gharef. X'tahseb?

Fonzu: Eccelenti.... meraviglioso!!

Dun Urso: Aktar fuq il-lemin naraw xwejjah u tifel jitlieghbe ma lhitu. Dawn it-tnejn nixtieq li jaghtu dehra ta tjubija li tintwera kemm mix-xih li jaf jaghder u jghallem liz-zghir li jqim b'imhabba li tqarrbu ghal kollox lejn il-kbir, l-imgarrab, lix-xih.

Fonzu: Qed nghid, li ghaldaqstant tkun dahhalt is-seba virtujiet tal-bniedem

Dun Urso: Alfonsu, hemm hafna x'naghmlu. Nispera li l-holm kollu li ghandi jirnexxili nwettqu.

Fonzu: Ha nabbuza u nistaqsik xi haga personali...jimporta

Dun Urso: Mela ahna hbieb ta xejn..... ghidli Fonz.

Fonzu: Jiena sewwa smajt li s-superjuri qalulek sabiex toqghod ftit lura milli tispjega l-kongregazzjoni tieghek fuq........

Dun Urso: Iva sewwa smajt. Inti taf li hawn hafna faqar u hawn hafna familji kbar, min ghandu 7, 9 11 il-tfal. U ghidli ftit kif sejrin jitimghu dawk l-ulied kollha

Fonzu: Ma nafx x'naqbad nghidlek. Emmini , jiena naf kemm hawn nies bil-guh. Mhux l-ewwel darba li l-omm tibqa bil-guh hi biex titma lil ulieda. Dan mhux sewwa lanqas.

Dun Urso: Qaluli li dalwaqt jkolli nsallpa lura lejn Sqallija, u ghalhekk dak li ghandi naghmlu, jehtieg li naghmlu mill-aktar fis possibli. Wiehed mill-voti tieghi hija l-ubbidjenza. Forsi l-Mulej qieghad jghajjtli biex mmur hemm ghal xi raguni ohra.

Fonsu: Naqbez f'diskors iehor. X'kor irnexxillek tghaqqad , xi gmiel , x'vucijiet hloqt…

Dun Urso: Mhux cajta, kelli erba vucijiet u orkestra ta 56 strument

Fonzu: U kemm kellek nies fil-kor?

Dun Urso: Kien hemm 138 ruh. Tiftakar biex ftahna?

Fonzu: Misni le wkoll… bid-daqq tal-marc ta Tannhuaser ta Wagner, U dik il-bicca ta Gounod kemm harget sabieha…. X'jisimha Bhal issa?

Dun Urso: Benedictio et claritas… vera sabieha dik il-bicca muzika.

Fonzu: Ejja hu bukkun maghna. Liza dejjem tahseb ghal xi platt zejjed

Dun Urso: Andiamo caro amico...... ghax l-imsaren vojta jibdew igorru...

**(FILWAQT LI DUN URSO U FONZU JITBEGHDU FIL FOND TAL-PALK, JIDHER ANGLU LI JERGA JKELLEM LILL-UDJENZA)**

Anglu: Kemm hassu kburi Fonzu dak in-nhar li fetah it-teatru bl-isem Juventutis Domus – Id-dar taz-zghazagh. Hemmhekk fl-ewwel filliera kien hemm Dun Rua – is-successur ta Don Bosco, li kien gie ghal tal-lapposta min Turin. 7 ta Mejju 1908…. Fr. O Grady kien hdejh. Niftakar li l-gvernatur ta dak iz-zmien Sir Henry Fane Grant wara li ghamel kelmtejn ta l-mfietah lil Dun Rua. U min jaf, matul iz-zmien kemm laqa nies dan it-teatru, kemm telghu zghazagh u tfal fuq dawn l-erba ghewdiet….. ghax jiena ma nagharafx iz-zmien bejn il-bierah, illum u ghada. Fejn marli Fonzu…. Ha jkolli nzommlu jdejh ghax li kieku kien ghalih, kien iberbaq gidu kollu.

# XENA TNAX

**(Jingabru bosta tfal, subien u bniet li marru harga flimkien mas-sur Fons, Dun Urso, xi sorrijiet Frangeskani – harga fil-kampanja. Fuq wara jidher ritratt ta din il-harga, is-sur Fons iqassam il-helu u t-tfal iduru mieghu)**

**SCENERY : XI MKIEN FIL-KAMPANJA – UMBAGHAD F'NZUL IX-XEMX…..**
**PROPS: KITARRA**

**Dun Urso**: Xi gmiel ta' gurnata, jiena dalwaqt jkolli nhalli din l-art, questa isola bella, izda nerga nigi u flimkien naghmlu hafna affarijiet sbieh.

Hbieb tieghi, din hija l-ahhar darba li hrigna flimkien. Xtaqt naghmel hafna affarijiet flimkien, specjalment fit-teatru taghna u fl-oratorju li naf li huwa ghal qalbkom hafna. Izda qawwu qalbkom, min floki gej habib tieghi, Dun Vincenzo Allegra…. Il-kelma Allegra gejja mill-kelma Alegria, li bit-taljan tfisser – ferh. Ejjew hbieb tieghi nifirhu flimkien – harsu ftit lejn nzul x-xemx- xi gmiel il-hoqien, kemm kien kbir dan il-pittur, kiemm kien kbir dan l-isultur, bilfors kien xi professur…. Isimghu din hbieb……

It-tfal: Viva Don Urso…. Viva Sur Fons…..

Dun Urso: **(IKANTA FUQ IL-KITaRRA U TFAL JIFIRHU FLIMKIEN IL-POETA TA PAWLU BUHAGIAR –**

Illejla l-ajru car u l-qamar kwinta,
Illejla donnu l-balzmu qed jizvinta
Id-dwal ghadom ma ntfewx
U l-qlub ghadhom ma hlewx mill-fantasija

Illejla kulhadd qaghad jiggerra barra
Jissemma n-nọti mqanqla tal-kitarra
l-gharajjes jiccaccraw,
jitbewsu u jinnamar mal-melodija

Tghid fejn ghosfor il-poeta
Tghid min honqu kliem ix-xih
Tghid min sikket lill-ghannejja
Dan kif kollox tar mar –rih

Mank I kont imqar poeta
Mank li kelli d-dehen tax-xih
Mank twelidt b'lehen l-ghannejja
Mank nistenbah minnufih

CURTAIN

Illejla salpa g-gifen tal-pirata
Illejla l-erwieh hargu passiggata
l-imsiebah qalb il-blat
jilaghbu mal-fatat il-mistohbija (It tfal jilghabu nolli!)

Illejla ma nstemghux ifaqqghu bombi
Illejla hargu l-gzuz mill-katakombi
L-ucuh qed jarmu d-dmugh
Il-ward u z-zghar ifuh mimlija dija
Rit: Tghid fejn ghosfor il-poeta etc.

Il-lejla nstemght tidwi is-sirena
Illejla nixtieq kieku npitter xena
Ma stajtx naghlaq ghajn m'ghajn
Il-muza f'haqqa t'ghajn biddlet xortija

Illejla d-dinja donnha gejja f'taghha

Illejla anke d-dghajjaf gietu s-sahha
Id-dalma nbidlet f'dawl
Il-holma saret qawl u l-poezija

Rit: Tghid fejn ghosfor il-poeta etc.
Dun Urso:
Hbieb tieghi, din hija l-ahhar darba li hrigna flimkien. Xtaqt naghmel hafna affarijiet flimkien, specjalment fit-teatru taghna u fl-oratorju li naf li huwa ghal qalbkom hafna. Jien sejjer naghmel missjoni ohra gewwa Messina, u nitlobkom jekk xi darba tkunu f'dawk l-inhawi, ejjew gharawni eh. Izda qawwu qalbkom, min floki gej habib tieghi, Dun Vincenzo Allegra…. Il-kelma Allegra gejja mill-kelma Alegria, li bit-taljan tfisser – ferh. Ejjew hbieb tieghi nifirhu flimkien – harsu ftit lejn nzul x-xemx- xi gmiel il-hoqien, kemm kien kbir dan il-pittur, kemm kien kbir dan l-iskultur, bilfors kien xi professur…. Isimghu din hbieb……

(TINSTEMA L-KANZUNETTA TA' PAWLU BUHAGIAR – KALEJDOSKOPJU)

**(BILMOD KULHADD JOHROG MINN FUQ IL-PALK WAQT L-AHHAR RITORNELLO, SAKEMM IL-KANT U L-MUZIKA JINSTMGHU FIL-BOGHOD. JITBAXXA D-DAWL U JINXTGHAL L-UFFICJU TAS-SUR FONS).**

# IT-TIENI ATT

## Xena Wiehed
## Is-Sette Gunju l-belt Valletta..1919

**(Fil-Waqt li tinstema l-muzika fil fond, jkun qieghad jisbah u l-folla bdiet tingabar gewwa l-belt thejji ghar-rewwixta tas-sette Gunju**

**SCENERY: IL-BELT VALLETTA – SULDATI, KASTILJA, PJAZZA, VICTORIA GATE, ETC.**

**PROPS: BANDIERA MALTIJA MQATTA U MCAPPSA BID-DEMM, SIGGIJIET TAL-ASSEMBLEA ANTIKI – MADWAR ERBA**

Anglu: Llum ghandna 7 ta Gunju 1919, ghodwa li sejra tibqa mfakkra fl-istorja tal-poplu Malti...... (jaqra minn fuq gazzetta)

Guzi Bajjada: (Wiehed mit-vittmi tas-sette Gunju) Kelli norqghod barra dal-lejl, sibt dahla fil-barrakka ta fuq imma n-nemus qattani….

Kappillan: Habib tieghi ghax ma gejtx ghandi? Konna naqsmu hobza biz-zejt u tadam bejnittna, nghidu talba zghira biex forsi l-Mulej jiskansana mill-gwaj li qieghad jidher fuq ix-xefaq habib. Imma nt x'kien qieghad hawn Malta, inti mill-Gharb hux hekk?

Guzi: Iva mill-Gharb, missieri habib ta Frenc u tieh jaghzaq l-ghalqa u xejn aktar. Jiena ghadni zghir u xtaqt li ndabbar rasi lejn l-Awtralja. Hawn fil-gzejjer taghna m'hawx futur. Gejt Malta sabiex nlesti xi karti biex ma l-ewwel vapur insalpa l-hemm. Talbuni l-karta tat-twieled, ara Dun, din tajba hux

Kappillan: Iva tghammidt l-Gharb stess, isma Guzi kif qeghdin flimkien, ghax ma tigix sal-knisja mieghi u tghini fil-quddiesa

Guzi: Iva Dun hekk naghmel, xejn xejn niskorri naqra, imbaghad bi'hsiebi ningabar ma huti l-Maltin biex flimkien nuru l-ghadab taghna kontra l-hakma barranija u ghaks li gabu fuqna.... rajt kemm gholiet hobza Maltija...

Kappillan: (Bic-cajt) u hobza Ghawdxija l-istess prezz?

Guzi: Nghidlek is-sew ma nafx , ghax ommi ghadha tahmi l-hobz hi, u missieri sikwiet jghidha li l-ftira thalliha wisq...

Kappillan: Sakemm naslu l-knisja tista tiftah qalbek mieghi u mal-Mulej

Guzi: Tajjab... mela kif nibda ghax ili ftit ...

Kappillan: Il-Mulej dejjem jaghder ibni...(fil-waqt li jibdew mexjin) fl-isem tal-Missier.....

**<u>Xena ohra xi mkien il-Belt…forsi hdejn Victoria Gate.</u>**

Wenzu Dyer (Vittma iehor) : Qbadt l-ewwel dghajsa mill-Birgu Rozi ghax ridt niltaqa mieghek qabel ma tmur ghax-xoghol

Rosi : Wenzu hares ftit ghax il-hin gmielu, s-sinjur qalli sabiex llum ddabbar rasek u tibqax il-belt ghax sejjer jkun hawn l-inkwiet

Wenzu: U x'jista jinqala, ftit ghajjat u storbju u kollox jghaddi

Rozi: Jiena ma nifhimx imma s-sinjur qalli li l-Assemblea sejrin jiehduha kontra l-gvern u jitolbu jirrevedi l-prezz tal-hobs…. Ara ommi x'taghatni llum, bil-kemm nitrejjaq….

Wenzu: Tghid mhux sejra tibqa' bil-guh ghand is-sinjura, daqs kemm iggibek.

Rozi: Minn daqshekk vera. Meta gej ghand missieri sabiex tghidlu li qeghdin niltaqghu, ghax Alla hares jkun jaf li qed nitkellmu ta sikwiet.

Wenzu: Tajba din mela n-nies ma jkellmux in-nies, x'kull wahda wkoll

Rozi: Insomma, xejn ma nghidlek oqghod attent ma tmurx tidhol f'xi basla llum . Warrab mill-kotra kemm jista jkun.

Wenzu: Sahha qalbi, sejra taqbad il-ferry ghax xatt tas-Sliema?

Rozi: Tghid mhux sejra bil-karrozzin! Il-gurnata t-tajba Wenz.

Wenzu: Niltaqghu ghada?

Rozi: Iva jekk l-Bambin irid, fl-istess hin, Victoria Gate…..

**(Il-folla tizdied u jibda ftit ghajjat- il-palk jizvojta min nies u nsibu ruhna x'mkien tas-Sliema- fil-fond jidher ix-xatt tas-Sliema)**

**(Fil-waqt li Manwel jkun qieghad jispicca iqaxxarlu l-lehja)**

Fonsu: Jiena nizzu hajr l-Alla ghal tlett affarijiet, li twelidt nisrani, li jiena ragel u li ghandi hafna pacenzja.

Manwel: Izda Sur Fons hemm limitu ghal-pacenzja. Jiena ghandi hames ulied u mara x'nitma, u tarbija fit-triq....bil-prezz tal-hobs kif inhu ghidli ftit kif nista nghix.... ma ghandi l-ebda kapricci

Fonsu: Manwel, int bhala parrukkier ghandek iddawwar sold mhux hazin, b'dawn is-suldati kollha madwarna. Tas-Sliema hemm flotta mhux hazin, u ghandi nifhem li jigu sa' ghandek jaqtaw xagharhom.

Manwel: Xejn ma huma galantomi Sur Fons. Mhux bhalek. U ha niftehmu ma tanx niehu xoghol fuq rasek, izda dejjem twieghzinni xi ftit.

Fonsu: Ibni jiena llum ghandi tmienja u hamsin sena u matur bizzejjed sabiex il-hajja nxommha mill-boghod. Nibza li llum sejjer jigri d-demm il-Belt. L-Inglizi ma jistghux' ihallu l-poplu jingabar bil-kotra u jmur kontra r-riedha tal-Imperu...

Manwel: Imma dawn ghax ma jhalluniex bil-kwiet....jaqsmu ftit maghna l-gid kollu li ghandhom. Ahna poplu ckejken Sur Fons, bin-nitfa taghhom f'pajjizhom, jkunu jistghu jitmghu poplu shih hawn Malta.

Fonsu: Tmur xejn il-belt Manwel, isma minni. Mur id-dar ma martek, ghalaq il-bieb u gawdi dawk l-angli. Ghidu talba flimkien biex llum jibghatilna

b'wicc il-gid. Ghallem it-tfal sabiex jkunu twajba u gentili ma kulhadd, ghannaq lil martek imbaghad ghada jizbah gurnata gdida…

Manwel: Nhoss li nkun qieghed nonqos jekk kemm il-darba ma ninghaqadx ma shabi l-Maltin u nuru l-ghadab taghna kontra l-gvern Ingliz… Ha mmur sad-dar u nghid lil marti sabiex ma tiehux hsiebi jekk kemm il-darba ntawwal ilum, ghax nahseb li l-ferry tkun mimlija gmiela.

Fonsu: Il-Bambin mieghek ibni u sellili dejjem…..

**(Lura l-Belt……)**

Karmenu Abela (Ir-raba vittma) Ghandi t-tifel l-kbir ma jahsibha xejn. Mohhu sabiex mmur jilghaba tal-eroj. U ta xejn nghidlu, ma jismax. Irid ibiddel id-dinja, minghalih.....

**Fil-Pjazza l-Belt....naraw zghazugh fuq pedestal jhanbak....Dawn il-versi jew jinstemghu minnu jew min Anglu fil-genb u z-zghazugh juri li qieghad jitmashan...... u l-poplu jwiegeb bit-turija ta' ponnijiet...**

**(Dan id-diskors mehud minn artiklu ta Guze Orlando li nkiteb wara fis-sena 1927.)**

L-ahwa.. min zmien il-migja ta' Konti Ruggieru Malta minn dejjem kienet mahkuma min klikka privileggjata u permezz ta' lsien li mhux tal-poplu, it-Taljan, dejjem zammet bhala bieb tal-hadid li l-kotra tqum fuq taghha u ssemmi lehenha. Din il-klikka tisserva biss mill-kotra, qatt ma jaqbzu ghall-jeddijiet taghna, qatt ma jaghtuna sodisfazzjon ta dak kollu li jghamlu jew ssir fil-pajjiz. Izda dejjem permezz ta dak il-bieb tal-hadid taht forma ta lsien tal-kultura, jzommuna bhala pupi, jgebbduna lejn fejn iridu meta jkollhom bzonna. Huti, tafu li 75 fil-mija mill kotra la nafu niktbu u lanqas naqraw u ghaliex ma nitkellmux bl-ilsienna. Tafu huti li 90% fil mija tal-poplu ma jafx bit-Taljan. Din il-klikka, jaqblilha bil-wisq illi thalli lill-poplu fid-dlam ta l-injoronza ghaliex meta l-poplu jkun fid-dlam, bil-wisq aktar facli li tkun tista tahkmu, taghmel bih li trid, u gieghlu jibla malajr dak li l-aktar jaqbillek.

Izda ahna llum ngbarna b'hdana sabiex nuru l-ghadab taghna kontra l-Gvern Ingliz li minghajr kompens ta' xejn, irid jgholli l-prezz tal-hobz. Kif sejrin nitimghu lil uliedna, kif sejrin nistqejru wara gurnata ta' xoghol iebez. L-ahwa ma nibzghux, ghax fejn hemm il-ghaqda hemm is-sahha. Halluhom is-

suldati jingabru quddiem il-palazz, halluhom jaghmlu xogholhom, u ahna naghmlu xogholna....l-ahwa nibqaw maghqudin.....

**(Il-passi tas-suldati jinstemghu jizdiedu, sparar, ghajjat tal-kotra, kullhadd jigri.. filwaqt li Manwel, Wenzu u Guzi jinsfaw vitmi. Fil-genb tal-palk in-naha l-ohra tkun ghadeja l-laqgha tal-Assemblea Generali u xi whud mill-kotra jerfghu lil Wenzu u dlonk jitilqu bih lejn il-parlament Malti. Jinzlu mit-tarag tal-genb lemini u jaghdu bih fost l-udjenza...**

**In-naha l-ohra tal-palk hemm ghadejja l-laqgha tal-Assemblea Generali fosthom.....**

**Fuq in-naha tal-lemin jidher Fonzu jikteb u jghid.....**

Fonsu: Meta rajt dak kollu li kien qieghad jigri lill- poplu Malti, u l-aktar il-haddiem batut, analfabeta, hassejt li nkun nista nservi ghall-gid ta huti, ta wliedna, ghal futur ahjar, u meta ltqajt ma Ganni Bencini bdejna t-triq sabiex nifformaw il-partit tal-haddiema....

**In-naha l-ohra tal-palk....waqt l-assemblea generali jidhol, il-Kanonku Ferris min qalb in-nies u jhabbar;**

Kunsullier: Il-kanonku Ferris mar jara b'ghajnejh x'qieghad jigri gewwa strada Rjali. Jehtieg li nzommu l-kalma u ngieghlu l-kotra biex tmur lura lejn dara.......

Can Ferris: L-awha dak li konna qeghdin nistennew issa sehh, u l-kotra qamet fuq taghha. Nibza' li l-mewg tar-rabja hadd mhu sejjer jikkalmah. Ilna nitkellmu fuq il-kostituzzjoni gdida min Frar ta dan is-sena. L-istudenti tal-Unniversita' diga hassuhom urtati fuq il-mod li wiehed jilhaq tabib jew avukat u dan mhux sewwa. Ma ninsews li fl-ghaxra ta Mejju sar strajk mill haddiema tal-posta. Nibza' li l-pulizija sejrin wkoll jieqfu li jaghmlu dmirhom u imbaghad jkun hawn kjassshih u s-suldati jiehdu r-ridni f'idejhom. Qeghdin naraw li hafna mill-haddiema tat-tarzna bdew jinghataw is-sensja u ghalhekk illum qeghdin naraw lil hutna armati bl-ghodda tar-raba u gebel. Hutna bdew jitfghu l-gebel mal-faccata tal-main guard u lejn il-palazz. Xi Maltin dahlu l-biblijoteka, telghu fuq inizzlu l-bandiera Ingliza , carrtuha u tellghu dik Maltija. Kien hemm kotra ohra li attakkaw

l'istabbilimenti tad-dqiq ta Cassar Torregiani u Francia. Inthom tafu li dawn gew akkuzati bl-abbuz fil-prezzijiet gholjin tad-dqiq. Il-poplu qieghed jatakka kull hanut li hawn miftuh fil-belt. Kien hemm minn qalli li xi whud dahlu go djar li huma favur l-Inglizi. Saret herba shiha fl-ufficju tal-gazzetta Daily Malta Chronicle. U ghalhekk wara dan kollu l-gvern baghat corma suldati biex min ghalih izzom l-ordni. Imma l-folla qamet fuq taghha u nibza li...........

**(Jidhlu l-folla jgorru lil Wenzu)....**

Araw x'hadna bil-kelma t-tajba li inthom dejjem issostnu fuqha... araw id-demm ta hutna jithallat fuq l-abjad tal-bandiera Maltija.....

**(Tinstemgha il-kanzunetta Tiehom Widien izda tibda minn 2.50m. Din titkanta min Mons Ferris, filwaqt li-kull minn jingabar fuq il-palk – il-kotra fin-nofs, l-Assemblea fuq ix-xellug u l-familja tas-sur fons fl-istudju fuq in-naha tal-lemin...kullhadd jinghaqad b'vuci wahda 'Tiehom Widien'. Dawn huma l-kliem tal-kanzunetta.........**

Ta Tmintax il-sena ridt tbiddel id-dinja
U llum li qrobt il-erbghin
Minn bilqieghda rajt il-hajt jaqa kollu
U ndunajt li ma nftiehem xejn
Tixtieq itqum u ssemma lehnek
Ghax id-demm ghadu jbaqbaq kif kien
Izda ghalemm ghad hem mil-hajja fl-ispirtu
Il-gisem issa ghajjien

Tistaqsi l-dawk l-erbgha migbura madwarek
Fejn huma z-zghzagh daz-zmien?
Min huma s-sriep li qed ibellghaulhom
It=trab li jwassalhom sat-tmiem?
Fejn hija l-gustizzja  li hambaqna fuqha
U dawk illi halfu bis=sew
Ghax ghalkemm it-tuffieha sabiha minn barra
Id-dudu nawwarha minn gew

**L-eroj tal-komiks miet**
**Imma ghandu mnejn jerga jirxoxta**
**U inti li ghazilt is-skiet qed issib li mhix r-risposta**
**U dawk l-erbgha madwarawek li fehmu l-messagg**
**U qed ihegguk u jaghmlulek kuragg**
**Tihom widien imqar ghal darba biss**
**Tihom widen imbaghad ghal aaktar spiss**

**Tihom widen ghall generazzjoni li jmiss**
**Tihom widen**

Jekk temmen li ghad hemm tama ghalina
Minn bilqeghda xejn mhu se jsir
IZ-zghazagh ta' ghada jridu twegiba
Tihielhom qable l-ghasfur itir
Wegibhom bil-vuci u l-kitarra
Kif wegbuk meta inti staqsejt
Ghax sakemm ghad ghandek il-hajja fl-ispirtu
Qatt tammetti l-ghejejt!

# XENA TNEJN

# Il-hajja fil-politika - 1920

## FIL-KAMRA L-HAMRA GHAND FONSU PROPS: ERBA SIGGIJIET HOMOR, KIKKRI TAL-KAFE, U COFFE TABLE FIN-NOFS.

Anglu: Fil-bidu tas-seklu ghoxrin kien hawn faqar kbir. L-injoranza u nuqas ta' taghrif fuq kollox, hallew lill-poplu Malti f'qaghda ta' ghaks, guh u tbatija. Il-qaghda marret ghal aghar meta fl- 1902 il-gvern Ingliz naqqas mill-flotta li kienet tghasses il-bahar Mediteran u b'hekk naqqas ix-xoghol fil-tarzna li dak iz-zmien kienet thaddem madwar 5000 ruh. Bdew jaghtu s-sensji u t-toroq ta'Malta mtlew bit-tallaba.

**(Jidhru xi nies jittallbu u ohrajn libsin pulit iduru maghhom. Minn jghinhom u minn iwarrabhom.)**

**(Sur Fons mill-gdid fl-istudju tieghu - )**

Theresa s-Serva: Skuzani sur Fons. Hawn is-sur Ganni Bencini u qalli li qieghed tistennieh.

Fons: Iva Theresa, jekk joghogbok ghidlu jaghddi.

Theresa: Mhux qieghed wahdu sinjur. Hemm xi erba sinjuri ohra. Jiena ma nafhomx.

Fonsu: Tajjeb ma gara xejn, minflok zewg kikkri kafe, naghmlu sitta. Ghidilhom jghaddu.

Theresa: Tajt mhux ahjar ngharraf lis-sinjura Liza.

Fonsu: Iva hekk hu xieraq. Ghidilha li sejrin nkunu fl-istudju u l-kamra l-hamra.

Theresa: Mela le sinjur.

Anglu: Fonsu, 'int taf ghal x'hix diehel?

Fonsu: Ili nhewden hafna ghal dawn l-ahhar xhur, izda fl-ahhar hsibtha tajjeb u hadt decizzjoni li nahseb bl-ghajnuna tal-Mulej, forsi nkun nista naghmel nitfa gid.

Theresa: Ghaddu sinjuri. Naghmlilkom xi ftit kafe?

Fonsu: Iva Theresa, u gibilna ftit minn dawk l-qaghaq li tawni s-sorrijiet.

Theresa: Kollox sew.

Ganni: L-ghodwa t-tajba Fonsu. Il-bierah it-team tal-football tieghi erbahna. Taghnihom tidwiera u grejna bihom.

Sur Agius: Imma darba ohra it-Team ta Saint Georges sejrin ilestu sew ghalikom. Qaluli li dahlu maghhom xi zewg Inglizi li qeghdin abbord fuq wiehed mill-bastimenti.

Sur Robert Bencini: Mhux sew hekk. Jiena lil hija Ganni kemm il-darba ghidtlu li jehtieg naghmlu ftit regolamenti. Tajba din, jistghu allura jgibu xi players ohra mill-imperu kollu.

Sur Agius: Mur habbatha maghhom imbaghad. Imma l-ahwa rridu naccettaw li s-sur Gann minn dejjem kien patrijot – tista tghidilna ghalfejn fost tant ismijiet trid issemmieh Melita.

Sur Gann: l-ahwa, x'hawn isbah milli tkun patrijott! Melita, u ha nghidilkom sejrin taraw x' team sejjer ikollna – izda apparti c-cajt – l-importanti hu li nghaddu siegha zmien, sabiex ninsew ftit l-inkwiet tal-hajja…

Theresa: (Thabbat il-bieb) Skuzani hawn s-sinjuri Arena, sur-Borg, u Sur Matrenza.

Fonsu: Merhba bihom, ghidilhom jghaddu.

Sur Arena: L-ghodwa t-tajba hbieb.

Sur Borg: Insellmu, grazzi talli lqajtna f'darek Sur Fons

Fonsu: Nghidu kelma ta hbieb fil-kwiet u minghajr ma naghtu fil-ghajn.

Sur Matrenza: Anzi bil-maqlub…irridu naghtu fil-ghajn halli l-poplu kollu jsir jaf bina.

Sur Gann: Ma nigrux hbieb tieghi. Ejjew naghmlu l-affarijiet bis-sewwa.

Sur Borg: Qabel ma ninsa, s-sinjuri Tua, Schembri u Zammit Hammet talbuni sabiex ghan nom taghhom, jiskuzaw ruhhom, ghaliex kellhom impenn importanti u ma setghux jigu.

Fonsu: Ma jimpurtax. Ahna llum sejrin biss nghidu kelma bejnittna ta hbieb, imbaghad il-quddiem infasslu kif jehtieg l-istatut taghna.

Liza: l-ghodwa t-tajba lil kulhadd. Kif inthom, SurGann, ….

Fonsu: Liza inti lil kulhadd taf?

Liza: Le ma nahsibx.

Fonsu; Dan huwa Robert Bencini,

Liza: Ghandi pjacir bil-konnoxxenza

Fonsu: Sur Arena u sur-Matrenza.

Liza: Jiena gibtilkom xi ftit biskuttini li ghamlulna s-sorijiet.

Matrenza: Kull qalb trid ohra mhux hekk sinjura Galea

Liza: Liza jekk joghogbok. Theresa dalwaqt sejra igib il-kafe'. Oqghodu komdi. Ghalqu l-bieb u nittama li dak li sejrin tiddeciedu flimkien ikun ta gid ghal kulhadd. Skuzawni... (Tohrog)

Sur Gann: Jiena l-bierah mort sa Bormla. Qbadt id-daghajsa mix-xatt tal-belt u flimkien ma xi bahrin li kienu sejrin lura fuq il-bastiment, wara li trekken mal-vapur, rega qabad ir-ritmu u nzilt il-Birgu, u mort bil-miexi l-fuq sakemm wasalt hdejn il-knisja tal-kuncizzjoni...

Matrenza: Imma dana ma tantx jinteressana Gann

Sur Gann: Le hbieb tieghi, sejjer jinterresakom . Jiena ma mortx Bormla biex nkellem lit-team ta Saint Georges, imma ridt nara b'ghajnejja n-nies kif jghixu f'dawk l-inhawi. Hemmhekk donnu t-tfal kienu jitwieldu bil-gzuz u jitfawhom fit-trab u fit-tajn. Minn hemmhekk johorgu b'mohh ckejken li r-raguni ma jafux x'hini u jintelqu meta jikbru ghall-hajja tax-xoghol ieb es, ahrax u qalil, ix-xoghol li jrabbi l-kallijiet fl-idejn, ix-xoghol li biex minnu taqla' x'tiekol trid tahdem bla mistrieh....

Matrenza; Il-verita kollha Gann....sewwa qed tghid...

Sur Gann: ma hemm hadd jaqbez ghalihom, hemmhekk jehtieg tahdem bla argumenti ghax issib ruhhek barra, tghawweg darek, tinhaqar u tbati. Kulhadd t-tarzna, ma hemm l-ebda xoghol iehor li jistghu jintefghu ghalih, ghax nieshom gibuhom fid-dinja kif qattusa ggib il-frieh taghha, umbaghad jahsbu huma ghal rashom.

Sur Borg: Dawn huma nies li tammirhom, qabdu l-hajja tax-xoghol, iebes kemm hu iebes, b'hajr lil Alla mhux hazen biss hareg mit-toroq ta Bormla.

Matrenza; Lanqas xejn, anzi jiena nghid u nsostni li hemm familji tajbin li jiehdu hsieb l-uliedhom

Sur Fons: Izda b'dispjacir nghid, li l-kotra taz-zaghzagh jintelqu ghall-vizji u ghad-dnub, ghas-serq u ghall-loghob, ghal kull xorta ta hazen li tista taghti d-dinja.

Sur Gann: Jekk wiehed ma jaghtix kashom u jinholoq skop li tghix b'mod dinjituz, ghal xi whud minnhom it-tmiem taghhom jkun il-habs, ghax dak huwa t-tmien naturali sa fejn twassal it-triq tad-dlam u ta l-injoranza.

Sur Fons: Minn mindu gie mxandar l-abbozz sakemm harget il-proklama saru hafna konferenzi u laqghat politici. Hafna drabi forsi l-ambizzjoni taghna, l-hakma tal- poter tista taghamina u nitilfu l-iskop ahhari ghalfejn iltqajna.

Matrenza: Wara l-entuzjazmu u l-ferh u l-applawsi bdejna l-glieda politika tal-partiti

Sur Gann. Nibtu hames partiti f'qasir zmien. Tajjeb li jkun hawn opinjonijiet varji, zda fl-ahhar mill ahhar jehtieg li poplu Malti jigbied habel wiehed ghal-gid tal-haddiema Maltin

Matrenza: Mela ghandna 'Unione Politica Maltese, dak li qieghed imexxi Mons Ignazio Panzavecchia, umbaghad ghandna l-Partito Democratico Nazjonalista f'idjen l-avukat Enrico Mizzi, imbaghad hemm siehbek Fons

Sur Fons: Mela mela, Geraldu Strickland, - il-Constitutional Party ' mur ghidilna li filli qeghdin nilghabu flimkien gewwa Triq San Pawl il-belt, u issa qeghdin nilghabu ghal-poter!

Sur Gann: Ma ninsewx li hemm wkoll La Camera del Lavoro- il-partit taghna. Fonsu ahna nixtiequk li tissieheb maghna. In-nies iriduk u kulhadd jaf kemm ghandek ghal-qalbek il-haddiem.

Sur Fons: Jiena nixtieq nirringrazjakom tal-fiducja li qeghdin turu fija. Izda nixtieq li flimkien infasslu xi hsibijiet li fuqhom nibnu l-ghan taghna

Sur Gann; X'ghandek f'mohhok Fonsu

Sur Fons: Kieku ghandi hafna hsibijiet f'mohhi, izda ghal inqas naf u dan huwa ta serhan kbir ghalija li l-erba partiti naqblu li r-Religjon ghanda tkun

dik tal-Kattolici u li ghandha tkun ir-Relgjon ta Malta. Naf li l-gvern Ingliz ma laqghax din il-proposta li tkun parti mill-kostituzzjoni taghna.

Sur Gann: Nahseb li fl-ahhar icedi Fonsu. Ha nghidilkom xi ftit mill-hsibijiet tieghi... l-ewwel wiehed: l-artijiet li ma humiex ta htiega ghas-servizzi jinghataw lura lill-gvern Malti, jehtieq li nindirizzaw n-nuqqas ta xoghol u n-nies qeghda. Nixtieq li jsiru ligijiet dwar il-hlas, is-sighat tax-xoghol....

Matrenza: Qieghed nisthajlek Lenin fir-Russja.....

Sur Fons: B'differenza wahda, li Ganni jixtieq id-demokrazija u mhux il-kumunizmu.... Bejn is-socjalizmu u l-kumunizmu hemm bahar jaqsam, Ghandi nifhem li dawn il-hsibijiet tieghek diga qsamthom ma shabek?

Sur Gann: Qieghed biss inlissen dawk ix-xewqat li fuqhom il-partit taghna irid jibni l-pedament tieghu... naraw l-kundizzjonijiet ta' mpjiegi u l-kumpens ghall-haddiema f'kas ta korriment fuq ix-xoghol. Araw ftit kemm jkun hemm incidenti gewwa t-tarzna, u hafna minnhom jibqghu f'xiber mnieher!

Matrenza: U xi nghidu ghall-liberta tal-kelma, ....

Sur Fons: L-attendenza obbligatorja fl-iskejjel, l-ilsien Malti nibzghu ghalih..

Sur Gann: Dan x'jigifieri f'pajjizna nitkellmu bl-ilsien iehor, minn bit-taljan u minn bl-Ingliz.... Ghandna lingwa taghna gejja mill-fenici... ejjew nahdmu flimkien u nghozzuha...

**(Filwaqt li narawhom jitkellmu u jitmahsnu bejnithom minghajr kliem izda bil-mossi ta idejhom......)**

Anglu: (Mill-genb tal-palk fuq in-naha l-ohra) U b'hekk rajna ftit kif kien il-bidu tal-partit tal-haddiema. Meta gie mwaqqaf il-partit u gew eletti l-membri sar ftehim bejniethom li l-President u l-vici President ikunu zewg persuni ohra barranin. Dawn kienu nies maghrufa li jhobbu lill-haddiema-nsibu l-avukat Pier Frendo bhala President u l-Kurunell William Savona bhala Vici President. L-ewwel kazin kien fi'Triq Santa Lucija l-Belt fejn fid-disa ta Dicembru 1920 gie mbierek minn Mons Can. Pawlu Muscat.

Sur Gann: L-ahwa jiena tkellimt mas-sur Anton Schembri li hareg bl-idea li l-partit taghna jkollu zewg ismijiet – Camera del Lavora u Labour Party Club.

Sur Fons: Imma nghid jien ghax isem bit-taljan u iehor bil-ingliz…ghaliex mghandux jkun wara kollox- Il-Partit tal-Haddiema

Matrenza: Sa issa, l-kostituzzjoni taghna tghid li ghandu jkun hemm zewg t'kmamar – Il-kamra ta isfel u s-Senat. Fonsu, ahna nixtiequ li nti tohrog ghas-senat.

Sun |Gann: Kulhadd jaf kemm ghandek ghal-qalbek il-haddiem, lest li dejjem taqbez ghalih u jekk jirnexxillna nhajru wkoll lil Mons Mikiel Gonzi, tkunu t-tnejn b'vuci wahda.

Sur Fons: It-tifel tieghi Louis kien qieghed juri' interess wkoll. Jimporta nghidlu?

Matrenza: Qeghdin jixluna bhala rivoluzzjonarji u li ahna qeghdin inqanqlu l-mibgheda bejn il-klassijiet – izda l-verita Alla biss jaf x'hini.

Sur Gann: Fonsu nafu li diga gew javvicinawk il-Kostituzzjonali u N-Nazzjonalisti fl-mghoddi u hawnhekk ghandi kopja tad-diskors tieghek li ghamilt f'meeting fis-6 ta Mejju tas-sena 1901 – ara kif gie rraportat fi La Gazzetta di Malta –

Sur Borg – Nahseb li dak iz-zmien kont thoss li l-politika ma kinitx ghalik.

Sur Gann: Nafu li nti tithabbeb ma haddiema ta kull xorta, u taghmel minn kollox ghalihom, inti dejjem anzjuz li huma jkunu mhallsa sewwa u fil-pront. U ghalhekk nahseb li din l-imhabba ghal haddiema ghandha ggieghlek tinghaqad mal-Partit tal-Haddiema.

Sur Fons: Jiena minhabba l-gid tal-haddiema lest li nirrapprezsenthom fis-senat u minhabba fihom biss, u minghajr ebda ambizzjoni personali, ghax jiena mhux xi politikant, bil-kemm naf nitkellem, izda nghid li jien politiku , lest li naccetta n-nominazzjoni tieghi.

Matrenza: eviva s-Sur Fons- awguri mill-gdid…. Eviva…..

Liza: (Wara li tisma l-ghajjat ta ferh).... Jiena gejt nara x'qeghdin ticcelebraw?

Sur Gann: sinjura Liza, ghandi l-pjacir ngharfek li zewgek accetta n-nomina tieghu bhala kandidat tal-Partit tal-Haddiema fis-senat u J'Alla l—ghanjiet nobli tieghu ghal gid tal-haddiema jsiru rejalta u jitwettqu ta bilhaqq.

**(WARA LI SSELMU LIL XULXIN, BILMOD JOHORGU MILL-KAMRA)**

Anglu: Kulhadd jigbed il-habel tieghu.... kull partit jghid u jhanbaq il-weghdiet tieghu....Fonsu sab ruhhu fis-senat flimkien ma Mons Mikiel Gonzi bhala kandidati tal-Partit tal-haddiema. Min qieghed jismani llum jista jkun jaf jew qara' l-istorja tal- poplu Malti u kif svolgew l-affarijiet.

## NARAW LIL FONZU MILL-GDID FL-ISTUDJU TIEGHU

Anglu: Jekk tahseb li wasal iz-zmien li twarrab mix-xena Politika, ghamel dak li tixtieq qalbek.... Jekk bniedem ma jaqbilx ma xi twemmin, jista jew jingarr mal-kurrent, jew jissielet biex igib bidla...

Fonsu: Inti minn dejjem parir tajjeb tajtni u wara li flejt bir-reqqa s-sitwazzjoni, dal-lejl ktibt ittra lis-Sur Guze Ellul.... Ismaghha ftit:

Sur Guze Ellul:
Walitli l-ittra tieghek tat 23 ta dan ix-xahar u nistqarr li fraht biha ghaliex minnha jidher illi l-imhabba tal- Labour Party lejja ghadha li kienet fil 1921 meta ridtuni bhala kandidat taghkom ghas-senat. Ebda fehma ma kelli nidhol ghal dan ix-xoghol billi naf li ma ninqalax ghalih, izda la darba sibt ruhi fil-politika ghamilt safejn jidhirli jien d-dmir tieghi ta Senatur.
Imma issa wara l-ittra teighek, fejn urejtuni qalbkom issobija illi jehtiegli ngharrafkom li billi l-partit taghna ntrabat ma partit iehor u bejn il-programm taghna ghall-elezzjoni li gejja f'xi hwejjeg ma naqbilx mieghu ma nkunx nista nissieheb bhala kandidat ghall-Asemblea u lanqas ghas-Senat..

Anglu: Ghaddew madwar hames snin fil-qasam tal-Politika, u forsi hallejt xi timbru minn tieghek wkoll!

Fonsu: Barra minn hekk ghall assemblea ma nhossnix nista nidhol b'dawk is-sighat taghha bil-lejl. Mill-partiti l-ohra l-ebda wiehed ma hu ghal qalbi bhalma hu taghkom u fuq hekk xtaqtkom bqajtu wahedkom.

**(Tidhol Liza ghallarieda)**

Liza; Ergajt qed titkellem wahdek Fonsu…

Fonsu: Le kont qed naqra qalbi….. ittra li sejjer nibghat lil Partit

Liza: Nahseb li wara dawn is-snin ntbaht li l-politika ma kinitx ghal snienek, ghaliex l-ghan tieghek kien kollu kemm hu missjoni. Naqbel mieghek ghaziz tieghi li mghandekx tintrabat ma partit la darba inti ta' fehma ohra. Fis-sena 1927, ftit zmien sejjer ikollna elezzjoni ohra u nibza li sejra tkun wahda ta tghajjir, abbuzi, xili, u korruzzjoni.

Fonsu: Flimkien nistghu naghmlu aktar gid min barra x xena Politika u sejjer nikkoncentra izjed fuq il-kitba tieghi....biex nwassal lil-haddiema dak il-messagg ta kuragg, qawwa u li ghandhom izommu dejjem f'mohhom li wara kollox il-hajja f'din id-dinja hija mixja qasira... ghax il-kbir ikun ghadu gej.

Anglu: Mal-ftuh tal-Parlament il-gdid fil-23 ta Awissu tas-sena 1927, lil Fonsu ma rajnihx aktar fix-xena Politika. U hekk hi l-politika hbieb tieghi, hawn min jahseb li lahaq is-sema, imbaghad, wara ftit snin, kullhadd jintessa u qiesa qatt ma kien xejn – hadd aktar ma ssemieh!

**(Tajjeb li jekk fost l-udjenza jkun hemm xi membri parlamentari, jissokta ihares lejhom sabiex jinghata messagg halli hadd ma tikbirlu rasu!!)**

**Anglu:** U kemm ghandek karti Fons, jigru ma kullimkien. Jehtieg li torganizza ftit ruhek.

Fonsu: Taf xi inhi din l-ittra? Kienet sfortuna kbira li Dun Urso gie mitlub biex jitlaq minn Malta u mar d'dar Salesjana ohra gewwa Messina. Nistqarr li jien u shabi hadnija bi kbira meta Dun Urso kien gie mitlub biex jhalli dak ix-xoghol kollu li kien beda fl-oratorju u t-teatru tas-Salesjani. Jiena u hafna hbieb ohra, konna ghamilna petizzjoni lil Rettur Maggur tas-Salesjani gewwa Turin, lil Dun Mikiel Rua u jiena gejt moghti l-kariga sabiex niehu

din l-ittra personalment. Hawnhekk ghandi kopja. Taf xejn li l-pettizzjoni giet iffirmata minn 427 ruh. U hawn ghandi risposta min ghand Dun Rua nnifsu li jgib id-data tal-28ta Dicembru 1908…isma ftit…

(Mehuda minn Traduzzjoni genwina mit-taljan ghall-Ingliz li taqra hekk..)

*Jaqra: L-indirizz li baghtuli ffirmat mhux inqas minn 427 ruh, l-aktar nies intelligenti u ta kultura tal-gzira taghkom, li jiena u l-kunsill tieghi nzomm b'stima kbira, waslet meta jien kont fuq mawra ndur xi djar min taghna. Ghalhekk nitlobkom apologija tad-dewmien tar-risposta tieghi. Nixtieq nisprimi l-apprezzament tal-kliem sbieh li ghogobkom taghmlu fuq is-socjeta umli Salesjana, u fuq l-ghaziz dun Urso. Nitlobkom tghaddu dan il-mesagg lil firmaterji kollha u nirrigrazjom minn fond ta qalbi.*

*Ghalina kien sagrificcju wkoll li tlabna lil dun Urso sabiex jitlaq minn Malta, izda huwa laqgha t-talba taghna.....*

U insomma kompla jikteb sabiex nitolbu lil Mulej biex jibghat l-barka tieghu fuq ix-xoghol li kien beda Dun Urso...

X'ironija Ang! Taf xejn li din l-ittra miktuba minn Dun Mikel Rua, is-succesur ta Dun Bosco, nkitbet propju fit-28 ta Dicembru 1908, dak in-nhar stess, li kien sehh it-terrimot ta' Messina fejn mietu madwar 90,000 ruh, u fosthom miskin il-habib tieghi Antonino Urso. Mur ghajdtlu x' kien miktub ghalih..... Xi kultant ma nifhemx id-destin.... GHALIEX, TAF TGHIDLI GHALIEX?

Izda kif dejjem nghidu, l-bniedem jipproponi u Alla jiddisponi. Tiftakar kemm habbat il-mewg mal-blat ta' tas-Sliema, wara dak it-terrimot?

# XENA TLIETA
# IL-KARITA – 1926

## SCENERY: FIL-KAMRA L-HAMRA TA FONSU
## PROPS: L-ISTESS SIGGIJEIT HOMOR, KAXXA HELU.

Fonsu: Ghaziza Liza, mindu erfajt mix-xoghol, u ghandi z-zmien ndur ma l-inhawi kollha, qieghad izjed nifhem kemm hawn faqar. Familja kbar, li bilkemm ghandhom biex jitimghu lill-ulied.

Liza: Fonsu jenhtieg tifhem li ma jistax ikun li kull minn jigi jittallab tatih il-karita, ghax inkella jkun mehtieg xi pulizija wara l-bieb biex izomm l-ordni.

Fonsu: Sewwa qeghda tghid, imma qalbi ma ttiniex! Il-flus kollha li ghandha x'sejrin naghmlu bihom? L-artijiet li akkwistajna, ha nrabbu l-patata jew. Jien nifhem li jekk naghtu l-ghajnuna taghna f'dan il-qasam jkun ta frott kbir il-quddiem

Liza: Ghanda tigi ohti Mary llum. Ghadha bil-hsieb biex tkellimna fuq l-art ghall- kunvent u oratorju ghat-tfajliet tas-sorrijiet Frangeskani. B'hekk f'tas-Sliema, tkun tista tghid b'wiccha bil-quddiem li b'hilitha nbnew zewg postijiet ghall-gid taz-zghazagh – wiehed ghas-subien u l-iehor ghat-tfajliet.

Fonsu: Miskina Mary, kieku mill-ewwel qablet mal-idea tieghi fuq dik l-art fejn is-Salesjani llum ghandhom l-oratorju. Jien ma xtaqtx li d-dar tissemma Alphons House – ghax qisom riedu jghiduli grazzi. Sewwa sew, grazzi lill-ohtok Mary - …. Asphar kemm kellkom kuljomkom stramp hux Liza? Jiena ma nahsibx li huwa kuljom Malti **–(Bic cajt)** Galea hafna isbah mhux hekk, qieghad niccajta qalbi….

Theresa: Skuzani sinjuri, hawn wahda mara, qaltli li jisimha Sunta Camilleri li tixtieq tkellmek.

Fonsu: Inti tafa Liza?

Liza: Sunta Camilleri – bhal issa mhix tigini f'mohhi

Theresa -Serva: Maghha ghandha erba tit-tfal – tlett t'ibniet u tifel.

Fonsu: Qaltlek fuq x'hiex trid tkelliemni?

Thresa s-Serva: Le sinjur, lili ma qaltli xejn, imma osservajt li liebsa l-iswed!

Liza: Fhimt .... trid tghid li bil-vistu hux hekk

Serva: Ma nafs sinjura Liza, 'imma nahseb li donnu hekk hu.

Fonsu: Ghidilha tghaddi..... qabel xejn ara ftit jekk hemmx helu fil-kaxxa tas-soltu.

Serva: Iva sinjur, hemm ghax l-bierah xtrajt ftit mix-xatt tas-Sliema.

Fonsu:  Kollox sew, kollox sew, ghadilha tghaddi....

Liza: Xejn ma nghidlek Fonsu, ftakar x'ghandna kemm tkellimna.

Fonsu: Inti l-ewwel ha nara xi trid... forsi giet biex titlob xi mpjieg.

Serva: Ghaddi sinjura.

Sunta: L-ghodwa t-tajba sinjuri. Sinjura Liza qatt ma kelli l-pjacir li niltaqa mieghek.

Liza:  Ghandi l-pjacir tal-konoxxenza sinjura.....

Sunta: Jisimini Sunta Camilleri – mart Manwel l-istampatur

Fonsu: Manwel ir-ragel tieghek?

Sunta: Iva sur Fons. Kien ir-ragel tieghi

Liza: X'jigieferi kien?>

Sunta: Ilu xi gimgha tajtu taqliba sew, u dak il-lejl stess, miskin Manwel tieghi mbaram.

Fonsu: Manwel l-istampatur... dazgur li nafu. Fil-fatt kelli xi xoghol ghandu. Min jaf jekk lahaqx lestieh.

Sunta: Ha nghidlek jekk lestieh, nahseb li mintix sejjer tiehdu sinjur.

Fonsu: Jiena xorta nhallas lilek sinjura!

Sunta: Mhux fuq il-flus qed nitkellem Sur Fons. Mieghek qatt ma hu mitluf!

Fonsu: M'hinix nifhmek ta!

Sunta: nghidlek is-sew hsibt li smajt x'gara l-belt.

Liza: Hawnhekk f'tas-Sliema, qisna maqtughin xi ftit minn nies, u jekk ma tohrogx mid-dar l-ahbarijiet ma tantx jaslu fil-hin.

Sunta: Dana kellna dizgrazzja kbira sinjuri. Manwel tieghi kien bniedem habrieki hafna, jorqod kien jonqsu l-istamparija, kien idum hafna. Lejla minhom ried llesti bicca xoghol u baqa hemm, jahdem. Inqata d-dawl, u kien qed jahdem bil-lampa tal-pitrolju. Jew ghajnejh marret bieh u laqata. L-lampa waqghet fl-art u f'kemm ili nghidlek il-pitrolju gara mal-hanut kollu. Fi ftit minuti, anzi sinjuri nista nghid ftit secondi, l-istamperija kienet vampa wahda.

Liza: Allura wegga hu, x'gara?

Sunta: Haraq idejh kollha miskin, imma kien kollu ta xejn. Kien hemm xi girien li ppruvaw jaghtu daqqa t'id imma n-nar tant kien qawwi li ma salva xejn.

Fonsu: Kemm qieghed jiddispjacini Sinjura Camilleri.

Liza: Ghidli haga, hu miet bin-nar?

Sunta: Le kellu xi griehi hfief imma tant hadha bi kbira li waqa fil-muta.

Liza: Dawn l-angli, x'jismek int sabieha tieghi?

Carmelina: Jiena Carmelina, Carmelina Camilleri

Liza: Kemm hi helwa. Kemm ghandek zmien?

Carmelina: Ghandi (turija fuq idejha)..

Fonzu: U int guvnot... inti x'jismek

Pietru Pawl: Pietru Pawl sinjur – ghal San Pietru u San Pawl

Liza: Imma int twieled fl-Imnarja?

Pietru Pawl: X'hini l-mnarja Sinjura?

Liza: Ghandek ragun Pietru Pawl, hija l-festa ta San Pietru u San Pawl

Sunta: Din hija Helen u Mary.

Fonsu: Kif nista nkun ta' ghajnuna?

Sunta: Emminni sinjur ma xtaqtx nigi hawn, izda tant kemm sfurzawni l-girien. Qaluli mur ghand s-Sur Fons, u dak zgur jaghtik l-karita

Liza: (Thares lejn Fonsu donnha trid tghidlu xi haga). Fons jien ha mmur sal-kcina. Sahha sinjura l-Bambin jaghtik l-ghajnuna.

Sunta: Ghax biex tghaqqada sinjur, kellna xi haga mwarbra u Manwel tieghi kien izommha fil-hanut- fl-istamparija- izda l-flus nharqu, ara ftit sinjur dawn ma jiswew xejn issa. Lanqas ghandi biex nitma lil dawn il-hlejqa.

Fonsu: Nifhem li tinsab f'sitwazzjoni xi ftit iddisprata, izda xejn ma nghidlek, zomm dejjem f'mohhok dak li jghid il-vangelu: Alla jitma l-ghasafar tal-ajru, mhux sejjer jiehu hsieb tieghek.

Sunta: Hemm bahar x'jaqsam meta tkun bil-fiha sinjur!

Fonsu: Jiena kieku nista nghaddi kelma mas-Salesjani, biex lil Pietru Pawl jidhol fil-kulegg ta St Patricks. Hemm hekk jitghallem xi sengha wkoll, anzi habat tajjeb, jista jitghallem is-sengha ta stampatur u jkompli fejn halla missieru.

Sunta: Imma skuzi jiena ma gejtx hawn biex indahhal it-tifel fil-kulegg.

Fonsu: Sinjura jehtieg tifhem li jiena ma nistax naghti flus lil kull min jigi hawn – kieku kont xi ministru kont nohrog xi haga mill-kaxxa ta Malta biex nisa bhalek ikollhom xi forma ta ghajnuna .

Sunta: Sewwa ghidt, li jkun ta' xejn li nigi ghandek ghall-ghajnuna.

Fonsu: Nixtieqek tifhem il-posizzjoni tieghi sinjura…

Sunta: Kif tridni nifhem sinjur… ghidli kif kull lejla sejra nitma lil dawn il-qaddisin…. Vera qaddisin ghax ma jgorru qatt… nahseb zaqhom tgorr bil-guh.

Fonsu: (Jaqbad il-kaxxa kollha tal-helu) Hawn tfal, hawn hudugha kollha, u kull fil-ghaxija jekk ikollkom hafna guh hudu wahda, u ghidu talba zghira ghal missierkom

Sunta: Ghandek xi xoghol ghalija Sur Fons

Fonsu: Nistqarr li m'ghandix fil-prezent, imma jekk inkun naf min ghand xi hadd minn shabi, nghaddilek kelma tajba.

Sunta: X'nista nghidlek Sur Fons. Grazzi talli ghall-inqas lqajtni gewwa darek u qaghadt tismani.

Fonsu: It-tfal malajr jikbru Sinjura, zomm dejjem il-gieh u r-rispett lejn Manwel.

Sunta: Sahha mela, ejjew tfal u ghidulu grazzi lil dan is-sinjur

Liza: (Tidhol b'dish mgezwer f'sarvetta) Sunta, nixtieq li tiehu mieghek din it-torta tal-irkotta, ghax ghamilna wahda zejda...

Sunta: Xi'tfuh sinjura.... ir-riha sejra taqsamli qalbi.... Grazzi mill-qalb.... Imbaghad ngiblek it-turtiera.....

Liza: Le m'hemmx ghalfejn zommha….. u meta ssajjar xi haga fiha ghid talba zghira ghalija u ghal Fonsu tieghi….

Sunta: Il-gurnata t-tajba …. Ejjew wliedi... Sahha u grazzi (Tohrog)

Fonsu: Bdejt niggieled mieghi nnifsi. Kif stajt ma nghinhomx dawn il-povri krejaturi

Liza: Naf li kienet decizjoni difficli, izda xi kull tant fil-hajja wiehed jehtieg li jzomm iebes. Inti taf fejn toqghod din is-sinjura?

Fonsu: Le lanqas biss staqsejta.

Lisa: Issa nsaqsi ftit fuqha' imbaghad nghidlek.

# XENA ERBA

## (IS SUR FONS KIENBENEFATTUR KBIR – 1930-1935 )

## SCENERY: FIL-GNIEN TA FONSU
## PROPS: SIGGIJIET TAL-BAMBU

**(Dawn ix-xeni jiddependu minn kemm huwa possibli li jingabar 'cast' mdaqqas u jiddependi mid-direttur tal-produzzjoni. Hawnhekk wiehed jista jifhem kemm kienet kbira il-generozita ta' dan il-bniedem)**

Anglu: Fonzu kien dahal b'ruhu u b'gismu ghax-xoghol tal-karita. Ma kienx marbut ma xi stitut wiehed. Ghalih l-istituti kienu kollha ndaqs, kien ihobbhom kollha u kien jahdem ghalihom indaqs.

Fonsu: **(Li jidher ma xi hbieb minn tieghu – irgiel u nisa kollha libsin pulit- b-irgiel b'xi bastun f'idejhom kif kienet il-moda dak iz-zmien – fil-waqt li mexjin….)**

Hbieb tieghi il-hniena ghall-fqar u l-imsejkna, dik li tmiss il-qalb tal-bniedem ghall-imhabba ta' ghajru u ggaghlu jaghmel l-ghegubijiet ta l-istituti tal-karita, hafna drabi jitwettqu bla ma taf kif bdew. Bilfors hemm l-id misterjuza tal-Hallieq ghaliex anqas minn waqqafhom ma kien jobsor li jasal fejn wasal u nistaghgbu xhin narawhom gejjin il-quddiem.

Liza : Kif jghidli Fonzu, drabi jkun daqsxejn ta ajk, daqqa jkun qassis, daqqa tkun xebba u hin bla waqt id-dar tikber u ssir Istitut.

Fonzu: Jiena dawn ix-xtieli rajthom b'ghajnejja, isaqquhom bil-gharaq ta gbinhom u t-talb taghhom l-Alla jixhdu bil-herqa il-gid li dawn il-haddiema tieghu qeghdin jwettqu.

Liza: Sewwa qieghad jghid Fonzu ghaliex matul il-medda tas-snin rajna lil dawn ix-xtieli jissahhu u jsiru sigar fejn ghal-dell taghhom jimirhu t-trabi, ix-xjuh, il-morda, l-iltiema.

# L-Ursolini:

# SCENERY: IL-KNISJA TAL-URSULINI

Sour Marija: Bhal issa ghadna 150 tarbija u fosthom hemm x'whud li tfarfru wkoll.

Sour Theresa: Ghandek tghid li kieku ma kienx is-sur Fons li bena din id-dar hawnhekk fi triq Alexandra hdejn l'Oratorju Salesjan, kieku ghadna l-Belt fi triq id-dejqa.

Sour Marija: Kelli seba' mitt sena sabiex nohorgu minn hemm. Kemm il-darba gharraftu lil Mons. Formosa, imma kien jghidli li bhal issa ma jiflahx ghal pis gdid....

Sour Theresa: Il-hbiberija li kellu mas-Sur Fons, waslet biex holma ohra ssir realta'.... U kemm hu min taghna dan is-sur Fons.

Sour Marija: Smajtu jghid lil Dun Busietta biex jghamlu s-sigra tal-milied. Uzanza helwa kif jaghmlu l-Inglizi.

Sour Theresa: Lili qaluli biex nixtri xi rigali, kuruni u mbaghad inwahhalhom fuq is-sigra biex meta jigu t-tfal ghad-duttrina jarawhom hemmhekk.

Sour Marija: Tiskanta kemm jigbdu aktar tfal dawn l-affarijiet zghar.

Sour Theresa: Dik il-pupa minn fejn xtrajtha…kemm hi helwa….

Sour Marija: Taghni l-flus sur-Fons u l-hsieb hu li tittella lotterija u d-dhul kollu jmur ghall-opra Santa Infanzja.

Sour Theresa: Diga ghandha tlett t-djar, il-Belt, l-Msida u hawn hekk f'tas-Sliema….. grazzi ghall l-intervent tas-Sur Fons li bena l-kappella u l-kunvent.

Sour Marija: Kull tant zmien titfacca xi tarbija gdida. Il-Mulej dejjem jipprovilna, mhux hekk sour Theresa?

**(Jidhlu gewwa wara li tinstema il-qanpiena li donn tkun qed ssejhilhom ghad-dover taghhom).**

# Il-BLUE SISTERS U ZAMMIT KLAPP HOSPITAL

# SCENERY: CASA LEONE- BALLUTA PROPS: BANK TAL-GEBEL

EMILIA ZAMMIT KLAPP TIDHER TITKELLEM MAS-SINJURA MARY ZAMMIT:

EMILIA ZK: Oht, mindu gejt lura Malta wara l-mewt ta zewgi Henry Layman Clapp sibt dik il-paci f'qalbi, specjalment meta nigi hawn fuq-L-gholja tal-Ballut

Mary Zammit: Qed niftakar kemm kien ta ghajnuna Fonzu Galea.

Emilia: Nghidlek is-sew ma stajtx naqbel ma l-idejat tal-perit u li kieku ma kienx Fonzu li dahal biex jitkompla l-progett, ma nafx x'kien issir.

Mary Zammit: Taf kemm qabadni dahq meta darba minhom Fonsu gie lura bl-istess kaxxa li kont tajtu mimlija b'korrispondenza li kellek ma l-awtorita u l-perit u qallek hawn ara issa kollox spicca…

Emilia: Kemm hadta b'kbira.... X'jigifieri ghidtlu, jiena fdajt f'idejk id-dokumenti kollha u nti ghoghgbok tqatta kollox!

Mary Zammit: X'qallek imbaghad?

Emilia: Bil-kalma kollha qalli Emilia hawnhekk poggejt xi bicciet tal-gazzetti fejn tidhru inti u ohtok Mary, sabiex tistghu zommuhom bhala rikordju tal-gid li ghamiltu meta tajtu din l-art li fuqha nbniet l-ewwel Casa Leone umbaghad l-isptar. Qalli ruhi Emilia, dawk l-ittri ma kien fihom l-ebda siwi ta negozju u ma setghu jkunu ta gid ghal hadd u ghalhekk qabad u qattaghhom.

Mary Zammit: Il-kapella li hawn giet mkabbra bi flus s-sur Fons fil-1913 bhala ringrazzjament ta fejqan minn marda li kellha s-sinjura Liza.

Emilia: Is-sorijiet tal- Blue Sisters qeghdin jaghmlu hafna gid. Mhux biss jaraw f'djarhom lis-sinjuri li jistghu jhallsu, imma wkoll zzurru lil-foqra u jaghtuhom il-kura li tkun tinhtieg. Mary, inti gejja mieghi tiehu t-te' ghand in-nutar Casolani?

Mary Zammit: Sejra taghmel xi kuntratt iehor?

Emilia: Sejrin nitkellmu fuq il-possibilita li tinbena skola li fiha wiehed jitghallem fuq n-nursing.

Mary Zammit: Ha nkun honesta, nahseb li bizzejjed hrigna s-somma ta Lm9000 lira bejnittna... irrid inhalli xi haga taht rassi.

Emilia: Le nahseb l'gvern interresat f'dan il-progett...

Mary: U fil-kaz ta diffikulta nduru fuq is-sur Fons. Dak dejjem lest li jisma u jghin.

**(Johorgu)**

# L-ISTITUT TA FRA DIEGU – IL-HAMRUN

## SCENERY: JEW L-ISTITUT TA FRA DIEGU JEW X'MKIEN FIL-FTUH

Klara (JOE): Issa li kbirna u mghadniex noqghodu l-istitut ta Fra Diegu, xorta tibqa marbuta ma qalbi l-hajja li konna naghddu hemmhekk.

Martha: Qed niftakar meta ghidtli l-storja meta Fra Diegu kien talab lis Sur Galea, kulhadd kien jafu bhala s-sur Fons u qallu biex iwassalni l-Hamrun.

Klara: (JOE)Mela ma kontx taf tmur wahdek?

Martha: Ajma, dak iz-zmien il-belt kienet mimlija bahrin u suldati, u tfajla bhali kont naghti xi ftit fil-ghajn....

Klara: (JOE) Imma kien jafek sur Galea?

Martha: Lanqas isimni ma kien jaf, ahseb u ara kemm kien jafni.

Klara: (JOE) Allura kif lltaqa mieghi…

Martha: Fra Diegu wara kien qalli, li talbu jigbor tfajla minn fuq l-ghatba u jwassalha fid-dar il-gdieda l-Hamrun, li kien akkwista minn ghand il-markiz Guzeppi Scicluna. Insomma kellha s-saqaf jzomm bil-hniena...

Klara: (JOE) Ghidli imbaghad x'gara

Martha: (JOE) Allura rajt li dan ir-ragel, bil-mustacci kbar u qalli sinjorina, inti trid tmur il-Hamrun u jiena sejjer l-hemm, talbuni sabiex inwasslek.

Klara: (JOE) Xi 'hlew, kemm hu gentlom...

Martha: Dak mhu xejn. Ghajjat zewg karrozzini u jiena ghidtlu, sinjur, jiena wahdi qieghda tafx...

Klara: (JOE)ha ha....x'qallek?

Martha: Naf naf sinjorina, mhux xieraq nirkbu flimkien, ara inti mur fuq l-ewwel wiehed li ghandu z-ziemel iswed u jiena nirkeb ma ta warajh...

Klara: (JOE) Forsi s-sinjura tieghu ma kienitx tiehu gost?

Martha: U le miskina, qedgha tghid ghas-sinjura Liza, mara min taghna hafna ghax wara kont ltqajt maghha meta konna morna r-Rabat ghax kellhom ibiddlu s-saqaf tad-dar tal-Hamrun.

Klara: (JOE) Issa qeghda niftakar, kien l-istess sinjur li hallas biex jibdlu s-soqfa hemmhekk

Martha: Allura isma din. Meta wasalna tal-Pieta, lil kuccier ghidtlu, ieqaf ftit ghax irrid immur nara lil ommi.

Klara: (JOE) Zgur haseb li sejra tahrablu….

Martha: Wehhilt id-dar u trid tara lil dan il-povru ragel, wara li tela' it-tarag kollu bla nifs, ihabbat bieb bieb u jistaqsi ghalija....

Klara: (JOE) Mela kont ghidtlu x'jismek?

Martha: Le ma kienx jaf x'jisimni, u meta beda ihabbat il-bibien kien hemm xi girien ta Ommi li hasbu li kien n-namrat xwejjah tieghi...

Klara: (JOE) Imma sabek imbaghad.

Martha: U mela u niftakar x'qalli Sinjorina, xieraq li darba ohra ghal inqas ghidli x'jismek ghax hassejtni qed nonqos mill-weghda li ghamilt lil Fra Diegu li niehu hsieb sabiex nwasslek il-Hamrun.

Klara: (JOE) Kemm smajt li ghamel gid dak is-sinjur.

Martha: Li ma kienux xi erba galantomi bhalu, forsi llum mahniex dak li ahna. Xi darba nixtieq mmur narah lil dan is-sinjur ghax emminni ghalkemm xwejjah, seraqli qalbi.

Klara: (JOE) Taf fejn joqghod?

Martha: Mhux kulhadd jafu lil dak. Min hawn u min hemm nsibu...tlaqna.

# L-Istitut San Guzepp

# (jidher l-istitut ta' San Guzepp il-Hamrun)

**Anglu:** Smajtu bl-istitut ta San Guzepp il-Hamrun? Fonsu kien izur l-istitut ta spiss u f'wahda miz-zjarat tieghu qal: Meta narhom hemm ninsa li jien dhalt fiz-zmien u nilhaq nixxennaq nibqa nigri maghhom. Tidhqux bija, jekk ghomri ghaddejtu mat-tfal kull meta jkolli siegha zmien u nizzi hajr l'Alla. Fonsu ghen mhux ftit lil dan l-istitut li kien jixbah hafna l-opra tas-Salesjani fl-istitut gewwa tas-Sliema.

# L-ISTITUT TAS-SORRIJIET GESU NAZZARNEU – ZEJTUN

# SCENERY: IL-KUNVENT ZEJTUN PROPS: SIGGU

Sour Guzeppina Curmi: Meta kont mort mas-sur Fons, 1895 ghall-ewwel pellegrinagg Malti ghall-Lourdes, hemm gietna l-vokazzajoni li nwaqqaf kongregazzjoni gdida taht l-isem Is-sorijiet ta' Gesu Nazzarenu.

Sour Katerina Sacco: Ghadni niftakar meta ghidtli li mort fuq missierek, Is sur Pawl, fejn dak iz-zmien kien sindku u ghidtlu bil-holma tieghek… bil-kemm ma baghtekx tixxejjer!

Sour Guzeppina: Kellu ragun ghax gennientu. Ma kellix fejn nghallem id-duttrina lit-tfal, u ghalhekk kont nigborhom fid-dar taghna z-Zejtun. Min diehel u minn hiereg u xi kull tant ikissru xi vazun wkoll!

Sour Katerina: Jiena haga wahda ma nistax nifhem`ghaliex l-isqof awziljarju Mons Portelli kien qallek li 'ghanda kongregazzjonijiet u istituti bizzejjed hawn Malta!

Sour Guzeppina: Mhux darba qalli hekk. Meta miet l-papa taf x'qalli, "meta nara l-porzjon li misek mill-wirt, jiena nhallik tibda il-missjoni tieghek. Qalli, inti jidhirlek li tista tibda bix-xejn jew li tghabbi lil haddiehor?

Sour Katerina: Ma stahax wkoll!

Sour Guzeppina: Ha nghidlek haga Katerina, dak li hu minn Alla ma jhassru hadd. Kemm grejna minn post ghal iehor sakemm fl-ahhar sibna l-id tal-providenza li waslitna s'hawnhekk.

Sour Katrina: Kwazi bdejt naqta qalbi u li kieku ma kienx ghal intervent ta Sur Fons, kont nispicca ninghaqad ma xi kongregazzjoni ohra.

Sour Guzeppina: koss wkoll.... Bdejna b'tlett itfal orfni meta kienet inghaqdet maghna Vincenza Degabriele u krejna dik id-dar zghira fi Triq San Piju – Z- Zejtun.

Sour Katrina: Konna nghallmuhom, inlibbsuhom u nitimghuhom mill-ahjar li stajna.

Sour Guzeppina: Imma dik d-dar kienet fqira wisq  minghajr affarijiet mehtiega. Miskina Vincenza ma kienetx tieqaf tahdem il-bizzilla, tmur tbieghha u ddahhal ghaxar soldi u konna nsajru ghal jumejn f'darba. Bil- ftit il ftit il-flus bdew gejjin u l-ewwel dar taghna bdiet tiehu l-hajja.

Sour Katrina: Qed niftakar meta l-arcipriet taz-Zejtun Dun Pawl Zammit, Alla jaghtih il-mistrieh ta dejjem, kien taghna sitt sodod, u kien hemm ragel iehor li ma nafux xtralna l-kutri.

Sour Guzeppina: Jahasra t-tfal kienu jitghallmu fl-art ghax lanqas kellna bankijiet fuq x'hiex ipoggu. Kien dahal ghalija Dun Spiridione Grixti. Imbaghad tiskanta, kemm hi kbira l-id tal-hniena, ghax meta n-nies rat is-siewi tax-xoghol taghna bdew jibaghtulna hafna hwejjeg tad-dar. Meta nkunu hekk fil-kwiet nhares lura u quddiem ghajnejja jigu xeni tal-imghoddi. Qed niftakar meta l-habiba tieghi l-markiza Testaferrata giet

tarani u ndunnat li kont norqod fl-art. Baqghadt mistaghgba. Mill-ewwel kellmet lir-ragel taghha u ftiehmu li jaghtuna parti mill palazz tal- Boun Kunsill. Hemmhekk kellna 33 bejn subien u bniet u mhux cajta tafx!

Sour Katrina: Ma misniex morna, ghax kif hsibt jien, f'qasir zmien malajr inqala ntopp u qalulna biex ndabbru rasna ghax il-Markiza kellha bzonn il-palazz ghas-sajf biex taghtih lill-familja taghha li kienet toqghod il-belt.

Sour Guzeppina: Hemmhekk gieni l-hsieb li nixtri ghalqa u nibni istitut. Kelli f'mohhi l-ghalqa msejha Bur Is- Salib li kienet tal-baruni Gino De Piro, imma din biex tghaxxaqha kienet vinkolata. Kont mmur ghand is-sur Fons u niehu parir min ghandu, ghax dak kien jaf lil kulhadd, u qalli nti stenna ftit, stenna…

Sour Katrina: Ghaliex qallek hekk, x'kellu f'mohhu?

Sour Guzeppina: Jiena sal-lum nghid li xi Hadd nebbhu, ghax li gara l-baruni marad u kellu bzonn ta operazzjoni serja. Dar fuq martu u qalilha, 'tridx naghmlu weghda li jekk tirnexxi l-operazzjoni nikkuntentaw lil Guzeppina. U hekk gara. L-operazzjoni ghaddiet b'wicc il-gid u l-baruni zamm il-weghda tieghu u l-ghalqa ghaddiet ghandi.

Sour Katrina: Imma mhux hemm bnejt…

Sour Guzeppina: Ma stajtx . ghalhekk wara hafna tahbit sibt dik l-ghalqa maghrufa bhala Hajr il-wied. Imma xorta ma kelliex flus u mort ghand is-sur Cassar Torregiani biex nissellef Lm628 biex nixtri l-ghalqa. Alla jaghtih il-genna, meta kont mmur biex nhallsu bin-nifs kien jaghtini rrcevuta minghajr ma jzommli flus.

Sour Katrina: Hekk tajjeb e'

Sour Guzeppina: Ghamilna kuntratt fis- 6 ta Dicembru, kienet riesqa l-festa tal-Kuncizzjoni, bil-kundizzjoni li kull sena fil-festa ta Sant Antnin, kellna nibghatu maktur lil Kav. Antonio Cassar Torregiani, u wara mewtu noffru quddiesa kull sena ghal ruhu u ghal ruh martu. Dawn kienu nies twajba bhal ma kien sur Sur Fons. Kemm stinka miskin biex nbena l-istitut fejn qeghdin llum. Taf kif kien baqa' mibluh meta nduna li kellna biss sebghin lira meta bdejna l-progett. Qalli, mma ruhhi qalbi, minghajr flus x'tista taghmel. U l-

bini waqaf ghal sena u nofs shah. Hareg bl-idea li minn irrid jghin jaghti sitt soldi kull gebla, kellna d-dhul mill bejgh tal-qamh u r-rotta bdiet ddur.

Sour Katrina: Naturalment, la darba l-bennejja bdew jithallsu regolarment, il-bini kompla jitla b'ritmu mghaggel sakemm ftahna l-istitut fl-1929.

Sour Guzeppina: Nistqarr ma kulhadd li kieku ma kienx ghal-pariri u l-kuragg li taghni s-sur Fons llum mahniex hawn. Alla jaghtih is-sahha kull mument.

Sour Katrina: Ilu ma jigi jarana.

Sour Guzeppina: Iva vera, xieraq li mmorru nzuruh ahna f' tas- Sliema. Certa li jiehu gost bina u anki martu, s-sinjura Liza...

(jidhlu gewwa bilmod, pass wara l-iehor....)

Anglu: Qeghdin taraw kif il-habib tieghi Fonsu kien isib ruhu mdeffes, nistghu nghidu f'kull opra ta' karita… hekk il-hajja u r-rota ddur!

**<u>(Is-Sur Fons jidher lura fl-istudju tieghu jqalleb xi karti)</u>**

# TAL-KLAWSURA

## SCENERY: IL-KUNVENT TAL-KLARISSI-SAN GILJAN IX-XENA FL-ISTUDJU TA FONSU

Anglu: Li tfajla helwa, fl-aqwa taghha taghzel li tingabar mas-sorrijiet tal-Klawsura, ghadni sal-lum, bejnittna ma nistax nifhima! U araw ftit kif jigru l-affarijiet…..

**<u>(Ihabbat il-bieb u tidhol tfajla helwa li riedet tkellem lis- Sur Fons)</u>**

Tfajla: Qaluli biex nigi u nkellem lilek sinjur.

Fonsu: Ghidli binti, f'hiex nista naqdik?

Tfajla: Jiena kont gharusa u l-mahbub tieghi mar ghall-gwerra u ma giex lura.
Sirt naf li miet fit-truncieri tal-Belgju. Kull ma kelli nfaqtu sabiex mmur nzur il-qabar tieghu li wara kollox ma sibtux.

Fonsu: Qieghad tassew jiddispjacini sinjorina, mma ghadni ma nistax nifhem kif nista nkun ta ghajnuna.

Tfajla: Meta tkun thobb li xi hadd, taghmel minn kollox ghalih, mhux hekk?

Fonsu: Dazgur, sewwa qed tghid.

Tfajla: Fassalna hajjitna flimkien u kollox tar mar-rih sinjur. Ninsab mitlufa ghax il-hajja ghalija tielfet kull skop. Ta sikwiet mmur f'xi kappella u nitlob bil-hniena x'nista naghmel.... U wara hafna xhur wasalt ghal decizjoni xierqa. Nixtieq li ninghaqad mas-sorijiet tal-klawsura. Mort narahom u mill-ewwel ntbaht bil-paci li ghandhom hemm fil-kunvent taghhom.

Fonsu: Kellimt lil Madre?

Tfajla: Iva li Badessa Madre Marguerite Marie de St Jean, u qaltli li tafek.

Fonsu: Nistqarr li kont gejt mahtur bhala s-sindku tas- Sorrijiet tal-klawsura, sabiex forsi nkun ta xi ghajnuna. Msieken, dawk meta faqqet il-gwerra fil-Palestina, u t-toroq halfu li joqtlu lil kull minn ma kienx musulman, dawn kellhom jaharbu, u sabu ruhhum Malta fuq il-vapur Franciz.

Tfajla: Naf li huma fqar u sabiex ninghaqad maghhom talbuni d-dota, u nistqarr li jien m'ghandiex minn fejn nhallas u nixtri dak li hemm bzonn.

Fonsu: Imma nti certa minn dan il-pass li sejra taghmel binti?

Tfajla: Kieku ma kontx certa, ma kontx nigi hawn u nitolbok sabiex taghtini l-ghajnuna tieghek.

Fonsu: Hemm x'ghandek sinjorina.

Tfajla: Jiena ndoqq il-kitarra u nghedha fil-muzika...

Fonsu: Niehu gost jekk isellmaghna xi haga...minuta wahda halli nghajjar lil-Liza tieghi ghax titghaxxaq... Liza, isma ftit....

Tfajla: Il-Mulej taghni don u nixtieq li b'lehni nrodd lura sabiex nwassal messagg u nferrah lil minn jismaghni...

Liza: Is-serva qaltli li dahlet tfajla b'kaxxa kbira maghha! U nghidlek il-verita gietni kurzita.

Fonsu: Din it-tfajla tixtieq tidhol mas-sorrijiet tal-klawsura u peress li kif taf int, jiena s-sindku taghhom, giet ghandi ghal-ghajnuna...

Tfajla: Isimghu din sinjuri.....

**(Jekk hu possibli u minn jaghmel din il-parti jkun jista jkanta tant ahjar. Jekk le jaqbez mill-ewwel Anglu u jkellem lill-udjenza)**

Anglu: Gurnata wara l-ohra l-habib tieghi kien jara' kif jista jkun ta ghajnuna ghall-proxmu.... u qatt ma jaqta qalbu mix-xejn. Bid-dahqa fuq wiccu, jobrom xi kultant il-mustacci, jhares fit-tul, u dlonk b'kelma ghall-gid jwassal lil dak u lil iehor fit-triq it-tajba.... kien jaqtghali nifsi.... nispera li meta jkun jasal z-zmien ma nintaqax ma xi hadd daqshekk habrieki... forsi jibghatni biex niehu hsieb tieghek sinjur....le le mhux int., hemm siehbi mieghek, .ghalik qed nghid hemm wara!!!.
Qatt ma smajtni nkellmek?!!!!

## XENA HAMSA

## Tigi Mary, oht Liza li ta sikwiet kienet izzorhom -1930)

## SCENERY: FIL-GNIEN TA FONZU
## PROPS: SIGGIJIET TAL-BAMBU

Maria Asphar: Liza, kif jghaddi z-zmien?

Liza: Oht, llum Terry taghna ghalqet 25 sena mejta u Fonsu qalli biex Nofru l-quddiesa b'mod specjali ghaliha.

Maria: U dik qaddisa ruhhi qalbi. Dik dritt ghand l-Mulej marret. Ghadni niftakar kif l-papa meta konna l-Indja kien b'mod regolari f'gheluq il-mewt ta' l-ewwel mara tieghu, Marija Madalena kien johodna sabiex nisimghu quddiesa ghal ruhha. U dan kien imur mat-tieni mara tieghu, jigifieri mal-mama taghna.

Liza: U konna mmorru kollha f'daqqa, jiena, nti u Theresa.

Marija: Kienet differenti l-hajja fl-Indja. Gewwa Kalkutta fejn konna noqghodu tant kellna servi li ma konna naghmlu xejn. Minn jahsel, minn isajjar, minn jilghab fil-gardina, tiftakru lil Ahmed, li ghalkemm kien musulman, kien dejjem jirrispetta t-twemmin taghna.

Liza: Kemm kellu mara min taghna, tiftakara, u kemm kienet helwa.

Marija: Ghadni niftakar meta l-papa ha decizjoni sabiex jigi lura Malta. Lil-shabu n-negozjanti kien gharafhom meta kien ghamel dak il-festin. Kulhadd hadha bi 'kbira u hafna minhom lanqas biss qatt kienu semghu b'Malta.

Liza: Meta mar sabiex jurihom fuq il-globu li kellu fl-istudju dam idawru li ghoddu kien qalghu minn postu...

Marija: Imma baqa ma sabhiex..... umbaghad qallhom araw, hawn hekk l-Italja u Malta qeghda taht it-takkuna!

Liza: Kemm dahaq Sir Hamington meta sema li Malta taht it-takkuna ta L-Italia....

Marija: Hallieh ghalih dak, mill-ewwel qal, li Malta qeghda taht it-takkuna ta Ingliterra, u minnufih l-papa hatfu u qallu, li nthom l-Inglizi ghandkom tkunu grati li l-Maltin laqghawkom gewwa pajjizhom... instamat u dabbar rasu helu helu....

Fonsu: (Jidhol fl-istudju) Marija, l-ghodwa t-tajba...

Marija: Kif ahna Fons. Qeghdin nirrakkuntaw xi grajjiet u esperjenzi li kelna l-Indja meta l-papa kien jghix hemm. Mela darba kien akkwista xi gojjeli

Prezzjuzi, ma nafx kemm kienu jiswew, u wahda mis-servi b'zball warbithom fil-kcina u ghal mument hadd ma kien jaf sar minhom.

Liza: Mhux hekk Fons, il-Papa kien haseb li xi hadd kien seraqhom u bil-kemm ma kienx sejjer jirraporta lil-Pulizija.

Marija: Imbaghad giet il-koka u qaltlu, Sur Asphar nahseb li nt dawn qed tfittex, kienu go kaxxa hdejn il-tewm.... Baxxa rasu, hares lejn is-serva, izda qatt ma qalilna x'kien ghadda minn mohhu...

Liza; Min jaf, forsi veru kienu sejrin jinsterqu...

Marija: Madankollu, taf x'naf inghid, li s-servi li kellna kienu kollha onesti, u llum li issa kbirt ghadni niftakar dawk il-jiem ferhana gewwa Kalkatta – x'genn ta belt, miljuni ta nies fuq xulxin, u haga ta l-iskantament, kulhadd jghix u jiekol.

Fonsu: Allura Marija, inti ghadek bil-hsieb fuq dik l-art ta hdejn it-torri ta tas-Sliema.

Marija: Li kieku dawk il-gawhar prezzjuzi ma nstabux, forsi l-papa ma kienx jkun jista jixtri dawn l-artijiet kollha gewwa Malta. U wara kollox, ahna Fons, x'ha naghmlu bihom dawn il-flus li hallilna l-papa!

Fonsu: Jiena lil Liza hekk nghidilha. Il-Mulej taghna bir-razan u ma jonqosna xejn. It-tfal issa kibru u kulhadd ha l-istat tieghu, u bix-xieraq li naghmlu ftit gid.

Marija: Smajt li fl-ahhar wara tant snin li ilekk tikteb, is-Salesjani laqghu t-talba tieghek u b'hsiebhom jigu Malta. X'ghidtli li jismu dak il-qassis li kellu jigi biex jara l-pjanti....

Fonsu: Don Bertelli, minn Sqallija.

Marija: Meta ghamiltu l-appuntament ghand in-nutar?

Fonsu: Fil-fatt ghadni m'ghamiltux, ghax l-ewwel ried nkun cert li nti ghadek ta l-istess fehma.

Marija: Iva dazgur Fons. Kelma ta mara- dak li ghidtlek qabel ma mort Turin stajt haffirtu fil-gebel. Ma tarax wara li kellimt lil Dun Rua u lis-segretarju tieghu... x'kien jismu dak?

Fonsu: Inti ghal Patri Secondo Franco qeghda tghid...dak Gizwita u mhux Salesjan

Marija: U iva ma taghmel l-ebda differenza...

Fonsu: Mela hekk ghidilhom ma taghmel l-ebda differenza!!

Marija: apparti c-cajt.... jiena t ajt kelma ta mara u dik l-art sejra naghddiha lis-Salesjani sabiex tinbena skola u li tkun mmexxija minn dawn is-Salesjani – ta Don Bosco. Dan l-ahhar gie f'idejja dak il-ktieb li kien tak Dun Rua Nnifsu u nghidlek is-sew, gibtu mieghi.. hawn ara... kitba ta Du Boy... dan mhux taljan imma…

Fonsu: Ma nafx Marija, u qajla jinterresani.

Liza: Llum oqghod kul maghna oht, umbaghad nohorgu flimkien passiggiata qasira hdejn il-bahar u ghidli ezatt fejn hija din l-art….

Fonsu: Marija jiena ma nixtieqx niehu l-mertu jien ta din l-karita li sejra taghmel, ghax mhux xieraq…. Ftakar li minn jitkabbar quddiem il-Mulej Jitbaxxa f'gheluq z-zmien…

Liza: X'inti thawwad Fonsu, din minn fejn gibtha llum….

Fonsu: Imbaghad nara ezatt kif inhi…. Insomma xi haga hekk

**(Fi-waqt li jidhqu bejnithom, u wiehed jaghti l-impressjoni li kienet tezzisti relazzjoni tajba hafna bejn l-ahwa u haten Marija – Sur Fons)**

# XENA SITTA

# Fil-kunvent ta' Santa Elizabetta – f'Sliema. 1939

## SCENERY: ST.ELIZABETH CONVENT PROPS: GHAJN TAL-ILMA U GEBLA FEJN WIEHED IPOGGI FIT-TRIQ

**(Ninsabu fil-kunvent hdejn 12 Triq San Gakbu f' tas-Sliema.)**

Madre: Ismani sewwa Sour Maria Bernardetta (Calleja) . Kemm il-darba ghidtlek, biex jigi minn jigi, iddahhal lil hadd qabel ma ssiru is-saghtejn.

Sour Maria : Iva Madre nisma minnek.

Madre: Qabel kont iggib l-iskuza li mghandekx arlogg. Issa ghandek wiehed U jahdem tajjeb. Ma mmurx il-quddiem.

Sour Maria : Sikwit nhares lejh (Tohrog l-arlogg mill-but) u kull meta jdoqq il-qanpiena tal-knisja tas-Sacro Coure, nqabbel il-hin.

Madre: Ftakar li wiehed mill-voti tieghek hija l-obbidjenza u jinhtieg li tosserva l-regolamenti tal-kunvent.

Sour Maria : Halli f-idejja Madre, jiena naghmel dak li tghidli.

Madre: Ahna sejrin naghmlu t-talb taghna ta wara l-ikel. Hu hsieb it-tfal u kemm jista jkun ma jaghmlux storbju

Sour Marija: Kollox f'idejja Madre. Tiehu hsieb xejn.

(Il-Madre twarrab mill- bitha tal-kunvent {fuq il-Palk u tidhol gewwa} Jidher is-Sur Fons jaqsam il-palk – issa xjah gmielu –ihabbat il-bieb)

Sur Fons: Xtaqt nkellem lil Madre jekk joghogbok.

Sour Marija: Jiddispjacini ma tistax tidhol qabel ma jdoqqu is-saghtejn

Sur Fons: Imma l-Madre qieghda tistennieni tafx

Sour Marija: Ma jinterresahnix! Dawk huma l-ordnijiet tal-kunvent. Jekk trid oqghod stenna hemm fid-dell, jew nkella hemm l-ghajn u ixrob minnha

Sur Fons: Kollox sew mela. Imma jekk joghogbok ghid il-madre li jiena gejt kif kien miftiehem.

Sour Marija: Jiena qieghda nobdi l-ordnijiet u xejn izjed

(Issabbat il-bieb u Sur Fons jibqa donnu miblugh!)

Sur Fons: Grazzi Sour…grazzi…. (Ihares lejn l-arlogg u jdur biex jmur ipoggi fuq xi ghatba ta xi bieb)

Anglu: Kemm ghandek don kbir Fonzu.

Fonzu: Ma nistax naghtieha tort miskina lil dik is-soru.

Anglu: Ara kemm sejra tinkwieta meta ssir taf min int?

Fonzu: Tassew, missni ghal inqas ghidtilha min jien!

Anglu: Imma nahseb li xorta ma tafekx. Ghalija Fonzu u Pankrazju huma l-istess. U dan wara kollox gejt biex tikonkludi d-dettalji tal-kuntratt fuq l-ghalqa ta' hdejn dan il-kunvent u li fuqha sejjer jinbena l-oratorju festiv ghat-tfajliet.

Fonzu: Li kieku ma kienx ghal Marija Asphar oht marti Liza, dan ma kienx ikun possibli. Jiena sempliciment strument zghir f'idejn l-providenza divina.

**<u>(Titfacca mara Dolor li issa tidher kibret ukoll - )</u>**

Dolor: Skuzani sinjur, imma inti mhux is-sur Fons?

Fonzu: Iva sinjura, m'inhiex ngharfek.

Dolor: Ghandek ragun sur Fons ghax ghaddew hafna snin min mindu ltqajna l-ahhar.

Fonzu: Allura ghidli, min int.

Dolor: Jiena Dolor – s-seftura tieghek li kont izzewwigt lil Censu l-gardinar.

Fonsu: Dolor, dazgur kemm qieghed niehu gost narak. Imma int kont emmigrajt lejn l-Awstralja , hux sewwa qieghed nghid?

Dolor: Ghandek memorja tajba hafna sur Fons. Ghax ghaddew hafna snin gmielhom.

Fonsu: Meta kontu sifirtu ?

Dolor: Dan huwa ibni John , jew Ganni li twieled l-Awstralja.

Fonsu: Ghandi pjacir bil-konoxxenza guvnot.

Anglu: (Lil Fonsu) Jidher li dan il-guvnott baghta hafna, izda ssa jaf x'irid. Anki Dolor rat hafna ma wiccha u tixtieq tghidlek min xhiex ghaddiet.

John: Sinjur, jiena lilek ma nafekx, izda niftakar lil ommi titkellem fuqek. Kemm ghandek qalbek tajba. Jiena twelidt fl-Awstralja u wara li miet missieri sibt ruhi wahdi.

Dolor: Jiena cert li tiftakru lil Censu. Kemm kien bniedem habrieki, min xoghol ghal iehor, ma jieqafx . Imbaghad gara li nltaqa ma siehbu li kien jahdem fil-kanniebi, jaqta z-zkuk taz-zokkor u hajru mmur mieghu.

## SCENERY: MIN HAWN JIBDEW JINQALBU SLIDES SKOND IL-XENA LI WIEHED JKUN QIEGHAD ISEMMI.

John: Jiena bilkemm niftakru ghax kont ghadni zghir hafna

Dolor: Ma kienx mument, ghax ghodwa wahda gie siehbu u qalli li lil-Censu, gidmu serp velenuz u baqa tal-post. Tista tahseb kif spiccajt, wahdi bla xoghol b'zewg ulied.

Fonzu: Imbaghad, ghidli x'gara x'ghamilt?

(Dan il-hsieb mehud mill-kitba ta Eric Sarracino Inglott – Ir –Raheb)

Dolor: Gara li kontra r-rieda ta' qalbi, z-zewg subien dahhalthom f'istitut hemmhekk. Kienu jsejhulha – Il-belt tat-tfal- u gera z-zmien minghajr ma kont naf – s-snin gerbu u John tieghi sar ragel u baqa jigri minn kull belt ghal ohra, f'dik l-art bla tarf sakemm , miskin, sabni f'sptar tal-mohh. Hu dar bija sew u llum ghal-grazzja t'Alla ninsab tajba – ridt ninsa min dak kollu li ghadda min ghalija.

John: Ma, dan ir-ragel jidher bniedem sewwa, u kif kienu jghidulek it-tobba, tajjeb li titkellem fuq l-imghoddi ghaliex b'hekk tista sserrah il gerha li ghandek f'qalbek.

Dolor: Kemm hu helu Johnie tieghi. Ghadni sal-lum nishet il-mument li baghttek dak l-istitut fl-Awstralja. Ghax ghandek tkun taf Sur Fons, li ma kienux granet sbieh, min dak li qalli Johnie.

Fonsu: Nistqarr mieghek, li dan l-ahhar smajt kemm kien hemm tfal li sfortunatment gew abbuzati fl-istituti fl-Awstralja. Nitlob dejjem lil hanin Alla li stejjer bhal dawn qatt ma jaslu hawn fi'xtutna u f'pajjizna.

John: Meta tkun tifel zghir u ssib ruhek f'ambjent kompletament differenti, nies li ma tafhomx, ohrajn iharsu lejk bicciera donnok minghajr ma trid tiggranfa ma xi hadd li min ghalik jkun jixtieqlek il-gid.

Anglu: Dak li sejjer tisma Fonsu, sejjer jahsdek bis-serjeta u ghalhekk zomm f'mohhok biex tghaddi l-messagg, li z-zejt dejjem jitla f'wicc l'ilma. Is-sigrieti jsiru jafu bihom, llum u ghada, l'erba irjihat tad-dinja!

John: Ghal l-ewwel jiehduk mod bil-hlewwa u tiftah qalbek, umbaghad helu helu, jibda ssir l-abbuz b'hafna mghoddi. Jghidulek biex ma titkellem ma hadd, u jekk tazzarda tiftah fommok, jghidu li nt mignun…..

**(Tinstema l-kanzunetta ta Walter Micallef – "FIL-CUPBOARD TAL-KCINA – filwaqt li John jkanta bhala play back. Fl-isfond jidhru bosta kwadri ta tfal mnikta – wiehed jista jaghmel uzu mill clip fuq You Tube, li jgib l-istess isem fejn turi wcuh ta tfal zghar b'demghat fuq wicchom. Jkun bil-bosta ahar jekk nkunu originali ).**

# SLIDES TA TFAL MBIKKMA

**Il-Cupbaord tal-kcina.**
Id-dawl bass Bilkemm nara hawn gew
bl-bieb maghluq naf li mohbija sew
ghax sakemm tinsab hawnhekk
xejn m'hu se jbezzaghni

Il-Bambin baghtek, minghajrek m'jien xejn
L-ghajat ta' barra jtarrax il-widnejn
Ghax sakemm tinsab hawnhekk
Hadd ma jinkwetani

Siehbi fil-cupboard tal-kcina
Qatt ma telaq minn hdejja
Qatt ma kellimni bil-herra
Qatt ma sakkarni fil-kamra

It-tfal l-iskola ma nsemmulhom xejn
Dan is-sgriet jibqa bejnietna t-tnejn
Ghax sakemm tibqa hanwhekk
Xejn ma jkun jonqosni

Jekk hawl l-istorbju toqghodx taghti kas
Issa l'hawn jein tghaddi l-ugieh tar as
Ghax sakemm nibqghu flimkien
Hadd m'hu se jweggaghna

Siehbi fil-cupbaord tal –kcina
Qatt ma telaq minn hdejja
Qatt ma kelliemni bil-herra
Qatt ma sakkarni fil-kamra

Siehbi fil-cupbaord tal-kcina
Qatt ma bengilli idejja
Qatt ma haraqni bil-gamra
Qatt ma gidimli widjenna

Siehbi fil-cupbaord tal-kcina
Qatt ma rabatni mas-sodda
Qatt ma waddabli l-platti
Qatt ma qal li jien nahti

Siehbi fil-cupboard tal-kcina
Qed jghidu li m'huwiex veru
Qed jghidu li immaginajtu
Biss jiena nahlef li rajtu.

Dolor: Kif kont qed nghidlek jiena spiccajt fi'sptar tal-mohh. Meta kiber John, baqa sakemm sab it-triq tieghi u bl-ghajnuna tieghu, b'mhabba, u rispett gabarni min xaghri u hadni noqghod mieghu.

Fonsu: U t-tarbija l-ohra x'sar minnha?

## SLIDES: FIL-KAMPANJA L-AWSTRALJA

Dolor: Meta miet Censu, jiena kont tqila. Lil Johnnie haduh, izda go qiegh qalbi kelli mhabba gdida, kbira daqs id-dinja, mhabba li ghall-ewwel helsitni min kull dieqa. Qbadt it-triq u mort biex nahdem f'razzett kbir – fil-kampanja li ma jispicca qatt. Ghelieqi kbar kull fejn thares. Ghal l-ewwel kont nahsel u nonxor, izda imbaghad bdew iqabbduni ngorr u nqandel. Kienet hajja iebsa izda kont ghadni niflah, u tajjeb jew hazin kont naqla x'niekol

Fonsu: Imma allura kif spiccajt l-isptar?

Dolor: It-tifel kien twieled fiz-zmien il-Milied u hemmhekk taghmel shana kbira dawn iz-zmienijiet. Kien kif xtaqtu jixbah lil missieru. Setghu tefghuni l-barra dawk l-ghonja, qaddejja kellhom kemm riedu, izda zammewni. Sibthom qalb tajba, baqghu jaghtuni kenn u jien bqajt nahdmilhom.

Fonsu: Ghalinqas kienu nies tajba….

Dolor: Iva, minbarra ragel, li kien mizzewweg lit-tifla tas-sinjura li xehet ghajnejh fuqi. U ghalhekk min rajha kelli nhallijha dik id-dar tal-hniena. Niesu kienu ntebhu. Jiena ma stajtx nhallas b'deni lil dik il-familja u mill gdid bdejt it-triq bla tmiem, b'ibni fuq drieghi. Hlift li din id-darba ma nhalli lil hadd ibghedni minnu. Ghamiltha ta tallaba, ta qaddejja, u hassiela u bdilt mit sid, wiehed aghar mill-iehor.

Fonsu: Meta nisma stejjer bhal dawn, emminni ghaziza Dolor jaqbadni niket kbir.

Dolor: U dak mhu xejn Sur Fons. Ma riedx nemmen li kien hemm nies li jichduli boqqa halib ghaz-zghir, jew loqma hobs ghalija. Il-jiem u x-xhur ghaddew…u donnu kulhadd beda jahrabni. Kont nigri min post ghal iehor, bla xoghol, bla serhan, bla kenn bil-guh, bil-bard bil-ghajja …bit tarbija tinghi fuq dirghajja. X'naghmel, noqtol ruhhi b'idejja u nhalli l-ibni warajja?

John: Le ma qatt ma kontx tassal biex taghmel hekk, jiena nafek sewwa.

## SLIDES: FIL-KAMPANJA L-AWSTRALJA F'NZUL X'XEMX

Dolor: Niftakar kien fl-gheqqel tas-sajf u ibni kellu d-deni irqieq. Nigerra mat-toroq u nqandel l-ibni fuq dirghajja- ghax ma kienx jiflah jimxi – kien mikul bid-deni. Niftakar li kont ili tlett t'jiem u tlett iljieli. Qtajt jiesi. Hrigt fil-bierah qalb ir-raba boghod mid-djar fejn ma rrid nara lil hadd aktar. Meddejt it-tifel fl-art hdejja t aht hajt, intlaqt magenbu, b'rasu fuq hogri bhala mhadda.

John: Ma ieqaf ghax qed narak mill gdid tbati u tghix dawk iz-zmienijiet, ma nitolbok ieqaf..

Fonsu: Le ibni, halleha tiftah qalba ghax b'hekk tista tfejjaq l-gerha tal-mghoddi….

Dolor: Meta nizlet ix-xemx hassejtu ftit ahjar, ma baqax jhewden, kien bired xi daqxejn u donnu kien nizillu d-deni. Flimkien tlabna u radd is-salib u riedni nbusu. Qtajtlu xewqtu w bistu kemm il-darba. Hassu mistrieh u xxfar ghajnejh ghalaqhom. Qbajt bih hemm fis-skiet waqt li x-xemx nizlet u waqghet is-sirda – filwaqt li nistenna u nitlob. Nsejtu l-hin u sthajjiltni qieghda nohlom. F'nofs ta' lejl bexxaq ghajnejh , sejjahli, bistu mill gdid u rega qalli, 'Ma ma nhobbok'. Issa kien jahraq nar u snienu bdew jcekcku, beda jhoss il-bard miskin. Sahhantu mieghi fi hdani u tajtu dmugh ghajnejja! Kien kollu ghal xejn- qaleb ghajnejh il-fuq ihares bit-tbissima lejn il-kwiekeb, u meta miet kienu ghadu jitbissmilhom.

Fonsu: (Jidher emozjonat ghall-ahhar) Issa nitolbok ieqaf ghax smajt bizzejjed.

Dolor: Bdejt nghajjat u nwerzaq mitlufa min sensija… ma flahtx aktar Sur Fons, sakemm gie bidwi u kien kollu ta xejn, ghalkemm ipprova jikkonslani. Hemmhekk umbaghad haduni f'sptar tal-mohh ghax tlift kull sens ta ragun. **<u>Ghaliex</u>** il-hajja kellha tkun daqshekk kiefra, **<u>ghaliex</u>** Sur Fons. Taf tghidli **<u>ghaliex?</u>**

Fonsu: Binti, kif nista jien nispjega d-destin tal-bniedem. **<u>Ghaliex</u>** jiena gejt sinjur? Ma nafx.

John: Ma, ejja mmorru issa.

Fons: Fejn sejrin John?

John: Waqafna Malta f'triqtna lejn l-Ingliterra. Ghandi bicca xoghol specjali. Jiena komplejt nistudha u llum ghandi mpieg tajjeb mal-gvern. Sejjer l-Ingliterra biex nkompli ninvestiga **<u>ghaliex</u>** kienu jibghatu tfal zghar wahedhom fl-Awstralja, u weghduhom id-dinja. Umbaghad hlief mohqrija u xoghol iebes ma sabux!

Fonsu: Ibni hu hsieb ommok u nittama li tasal ghal –dik t-twegiba li qed tfittex f'qalbek

Dolor: Sur Fons, grazzi talli qadt tismaghni. Napprezza hafna li xi kull tant niftah qalbi ma xi hadd li jkun lest li jisma.

Fonsu: Sahha Dolor u ejja nitolbu ghal xulxin.

**(Fil-fond fuq il-platform, naraw ix-xena li tkun qed tirrakonta Dolor, b'xebba izghar – Dolor is-seftura fiz-zghozija- bit-tifel maghha, sakemm iwarrbuha min nofs sabiex tittiehed f'sptar mentali).**

## SLIDES: LURA F'TAS'SLIEMA

Anglu: Taf li qabzitlek demgha Fons?

Fonsu: Iva u kif, u ma nisthiex nghid li emozzjonajt ruhi bil-kbir, meta fhimt minn x'hiex kellha taghddi dik il-mara.

**(Jersqu lura hdejn il-platform ta wara, filwaqt li l-Madre u Sour Marija Bernardetta johorgu fil-bieb tal-genb)**

Madre: Qeghda niskanta kif s-Sur Fons ghadu ma giex.

Sour MB: Isma Madre, l-ewwel ghall-habta tas-siegha gie ragel xwejjah u jiena obdejt l-ordni li tajtni u bghathu l'hemm!

Madre: X'ghamilt? Mela qed tiggennen? Taf min hu dak is-sinjur?

Sour MB: U le mhux sinjur, kien zmattat, bil-bastun, u mustacci kbar bojod.

Madre: X'wahda gralna. Dak huwa s-sur Fons li kellu jigi biex niftiehmu fuq ix-xiri u l-kuntratt tal-bini tal-kunvent u skola n-naha l-ohra. Issa lanqas ghandi wicc nhares lejh? Oh Sinjur tini l-pacenzja…

Sour MB: Issa daqqu s-saghtejn Madre, halli mmur forsi nsibu, ghax ghidtlu biex mmur jistejqer u jixrob ftit ilma mill-ghajn tal-kantuniera.

Madre: Kif nixtieq l-art tiblaghni x'kull wahda wkoll.

Sour MB: **(Li warbet ftit sabiex tmur tfittex lis-Sur Fons)**

Sour MB: Hawn sinjur, il-madre issa tixtieq tkellmek.(Fil-waqt li thares lejn l-arlogg)

Sur Fons: Kien minn Alla li ghidtli biex mmur nixrob ftit ilma Sour

Inti x'jismek?

Sour MB: Sour Marija Bernardetta Calleja.

Sur Fons: Kemm ghandek zmien?

Sour MB: Ghandi tmintax il-sena sinjur. Imma qaluli li nidher ikbar hux hekk!

Sur Fons: Le ma nahsibx, kont naghmlek li fil-fatt inti 'izghar!

Madre: Sur Fons, niskuza ruhi ghall-agir ta sour Marija.

Sur Fons: Le le, nahseb li kellha ragun. Wara kollox nahseb li kienet qeghda tobdi l-ordnijiet tieghek, mhux hekk?

Madre: Iva vera, imma din lanqas ghandha ftit melh f'mohha. Ma setatx tobsor min int!

Sour MB: Jiena niskuza ruhhi sinjur, imma ghidli ftit, ghax l-ewwel ghidtli kien minn Alla li ma dahhaltekx?

Sur Fons: Ghax b'hekk iltqajt ma habiba antika li kienet tahdem mieghi u sefret lejn l-Awstralja. Issa giet lura u donnu l-imghoddi taghha li xejn ma kien sabih hallietu warajha.

Sour Dominka: Mhux ahjar nidhlu gewwa Sur Fons. Hemm t-te' lest kif wkoll dawk l-buskuttini li thobb int.

Marija Asphar: Mela inti 'issa gejt Fons.

Fonsu: Ma kontx naf li qieghda hawn. Ilek li wasalt?

Marija: Jiena gejt minn kmieni fil-ghodu, smajt l-quddiesa ta l-ghaxra ma novizzi u mbaghad il-Madre talbitni biex niekol maghhom.

Madre: Xejn specjali...kif jghidu minn dak li joffri l-kunvent...

Marija: U ha nghidlek taf, il-kunvent joffri tajjeb hafna....

Madre: Ma nistghu qatt nofru dak li intom sejrin tofrulna....

Fonsu Marija inti tiftakarha lil Dolor li kienet tahdem maghna?

Marija: Dolor, Dolor dik ma kienetx marret L-Awstralja?

Fonsu: U miskina minn xhiex ghaddiet. Fakkarni halli nirrakontalek l-istorja taghha...imbaghad taraw l-ahwa kemm il-bniedem jiflah ibatti!

Madre: Sur Fons, sour Celestina ghamlitlek xi haga tajba minn dak li thobb int ghal mat-te.

Sur Fons: Dawk l-buskuttini taghkom ma nibdilhom ma xejn. U mhux imbelli tajtni r-ricetta – Liza tieghi qatt ma rnexxiela ggibhom daqshekk tajbin.... Nahseb li ghandkom xi sigriet specjali

Sour MB: Is-saghtejn u hamsa Madre, u t-Te' sejjer jiksah.

Sur Fons: Donnok ferhana b'dak l-arlogg hux Sour Marija Bernardetta!

**(Kulhadd jidhol gewwa)**

Anglu: Xi kull tant inhallih wahdu lil Fonsu. Ghandi mohhi mistrieh, specjalment issa fl-eta tieghu! Oht il-mara tieghu Marija Asphar kellha hafna artijiet fuq isimha, u ta' sikwiet kienet tiltaqa' mar-ragel t'ohta, u jitkellmu kif jistghu jaghtu xi Bicca art li fuqha jista jsir xi gid. U b'hekk naraw kemm il-darba ftehmu biex Fonsu jwassal l-ahbar u Marija tifirma l-kuntratt!

# Xena Seba

## <u>(Niltaqghu mill-gdid mal-Mons - 1939)</u>

**<u>(Naraw lil Liza flimkien ma Fonsu idduru u jistaqsu fejn jistghu jsibu lill-Mons- ).</u>**

## <u>SLIDES: IL-KERREJA L-BELT VALLETTA – BIL-LEJL</u>
## <u>PROPS: SIGGU QADIM U BICCA MEJDA</u>

Fonsu: Skuzi qeghdin nfittxu lil Duminku….

Tfajjel: Duminku l-Mons?

Fonsu: Le mhux il-Mons, imma lil Duminku.

Tfajjel: Hawnehkk kulhadd isibu hekk sinjur. Hemm itla l-kerrejja t-tielet sular, bieb qieghed izomm bil-hniena…

Fonsu: Grazzi guvnott. Wahdu jghix

Tfajjel: Sa fejn naf jien,….dak m'ghandu lil hadd.

Fonsu: **<u>(Ihabbat il-bieb)</u>** Duminku…. Duminku

Duminku: <u>(Jidher mixhut fuq siggu bil-hotba mgezwer go kotra qed taqa' bicciet)</u> Hawn xi trid

Fonsu: Nista nidhol….

Duminku: Inti min int?

Fonsu: Ghaddew hafna snin Dumink…

Duminku: Dumink, inti biss kont tajjatli b'ismi... Fonsu... irrid nghid Is-sur Fons.

Liza: Dumink,jiena Liza l-mara ta Fonsu. Gejna narawk ghax qalulna li ma tantx inti tajjeb u li ma ghandek ilhadd.

Duminku: Iva Sinjura.... iva... qieghed nistenna l-mewt tigi fuqi... ghax issa ghajjejt... sinjura.. ghajjejt nissielet mal-hajja.

Liza; Gibnilek xi haga x'tiekol hawn... ara umbaghad meta trid hudha...

Duminku: Fonsu.... fid-dwejjaq tieghi lil Alla fittixtu, u meta rajt li fittixtu u ma sibtux indannajt fija nnifsi u shett id-dinja u xortijja.

Liza: Imma Alla lil kull bniedem tah taghbija x'jerfa u dik it-taghbija waqtiet iserrhu ftit minnha....

Duminku: imbaghad mill gdid ikollu jerga jerfaghha u jqandalha u tibqa miexi milwi taht it-toqol taghha sa l-ahhar trid tghid sinjura!

Fonsu: Dumink, taht il-pis ta dik it-taghbija kollox jidher iswed u ikrah u ghandek ragun taghdab u tirrabja habib tieghi, imma mbaghad meta dahrek jidra l-pis u s-saqajn ma jibqghux izjed joghtru taht it-toqol tinduna li dik it-taghbija gejja minn Alla bhala rigal u mhux bhala kastig....

Duminku: Hekk nghid bejni u bejn ruhhi ....halli nkun nistghu inwassluhielu sa-tarf it-triq u mbaghad inkunu nistghu nghidulu: Hawn Mulej, din it-taghbija li int tajtni, issa sejjer inroddielek lura, wassalta tal-bieb tal-genna... u minn jaf Fonsu, minn jaf...

Liza: Il-passat hafna drabi ma jibqaghlux hlief tifkiriet morri u wiehed forsi jahseb li l-present tisthajlu waqaf ghax spicca l-ferh, spiccat il-hegga, u spicca kollox

Duminku: Jiena qatt ma kelli ferh f'hajti, u xejn anqas hegga. Sinjura l-futur ghalija ma jezistix. Qed nghix biss bit-tifkiriet qarsa, nisma kuljum min jghdli hawn Mons.... meta kont ckejken kont niehu gost ghax kont nahseb li qeghdin jghiduli Monsignor, sakemm fhimt li ridu jghiduli – il-monstru!
U issa li nghodd hafna snin, lanqas naf kemm ghandi zmien, ghax id-duhhan taz-zmien qieghed wkoll ftit ftit icajpar xi tifkiriet ta tfuliti, meta kont tigi

taghtini xi platt minestra shuna... imma issa hlief cpar ma narax, bil-kemm narakom ma qieghad, la nkun naf jekk dalamx u jekk ix-xemx telghatx, kuljum wahdi fix-xejn,u l-bahh ta madwari,...kulhadd hallieni mad-dwejjaq tieghi...

Llum xjaht sewwa u s-sahha naqsitni ghal kollox. Ma baqaghlix naghmel haga ohra hlief nhares mit-tieqa u noqghod nara mcajpar t-tfal jilghabu u jiggieldu kif konna naghmlu ahna wara kollox, imbaghad nara z-zghzagh hergin min darhom biex jiltaqghu ma dik jew ma dak li jhobbu. Kif ghadha kollox bhal holma, ghax jiena li qatt ma habbejt lil xi hadd, u wisq izjed lili qatt hadd ma habbni. Il-Mulej taghni dan il-piz wara dari ... qed nhoss li wasalt biex nistrieh.....

Fonsu: Ismaghni ftit Dumink. Xi tghid jekk tigi mieghi u niehdok fid-dar tas-sorijiet tal- Bon Pastur jew ghand is-sorijiet il-Hamrun. Dawk huma grati hafna lejn il-familja ta Liza u nahseb li jsibulek xi sodda u tkun tista tiekol xi bukkun shun wkoll...

Dumink: Tghid huwa possibli Sinjur…kif qatt nista nroddlok lura dak kollu li ghamilt mieghi, kemm fi'tfuliti u anka issa li kbirt u ninsab wahdi…

Liza; Kif Fonsu sema bik dan l-ahhar qalli, ejja mieghi ghax irrid insib mill-gdid il-habib tieghi Duminku…li minghajr ma jaf , ghallimni hafna affarijiet sbieh fil-hajja….

Fonsu: Hawn nehhi dik il-kutra min fuqeq u ha, ilbes dan il- 'coat' ghax barra hemm is-sirda …. Ejja mmorru flimkien…

Duminku: L-ikel nista ngibu mieghi?

Liza; Kif tixtieq inti Duminku, jew inkella ghatih li xi hadd fil-kerrejja.

Fonsu: Ejjew mmorru bil-mod...ejjew

**<u>TINSTEMA L-KANZUNETTA TA' PAWLU BUHAGIAR – BEJN IL-HBIEB</u>**

Anglu: (**<u>Filwaqt li johorgu bil-kwiet u jidhru jaqsmu l-palk...)</u>**

Anglu: Kemm il-darba Fonsu staqsieni –GHALIEX – il-bniedem ghandu jsofri daqshekk? Qatt ma nista nghatih dik it-twegiba li xtaqt. Ma nafx, ma nafx ghaliex.... inti taf!

# <u>IT-TMIEN XENA</u>

# WASALNA FIL QRIB TAL-MEWT TAS SUR FONS – 1940

# SLIDE: FIL-GNIN TAS-SUR FONS

**<u>(Naraw lis Sur Fons mill-gdid fl-istudju tieghu, flimkien ma martu Liza. Fil-boghod tinstema s-serena. Ninsabu fl-gheqel tat-tieni gwerra dinjija)</u>**

Anglu: Fons, jiena tal-parir li twarrbu ftit min tas-Sliema, u morru ghaddu xi zmien ghand is-sorijiet tal Bon Pastur f'Hal Balzan.

Fons: **<u>(Lil Liza)</u>** Qed nahseb biex nerfghu kollox, naghlqu l-bibien, u mmorru ghal-kwiet tar-rahal ta Hal Balzan.

Liza: Fons, ahna llum mahniex zghar u l-Mulej jghajtilna meta Jrid Hu. Izda nahseb li sewwa qed tghid. Rajt kif dik il-bomba waqghet fuq il-knisja ta Stella Maris, ftit passi min darna.

Fons: Niehu gost li qed taqbel mieghi ghaziza Lisa. Naf kemm hija ghal qalbek din id-dar, imma fl-ahhar mill-ahhar, f'April li ghadda ghalaqt tmenin sena, u qed nhoss li z-zmien tieghi fuq dina l-art qieghed joqrob malajr.

Liza: Jehtieg li nhallu kollox ghar-rieda tal-Mulej Fons. Meta tixtieq li ndabbru rasna

Fons: Donnu l-ghadu qieghed izid l-attakki tieghu u jaqbel li mmorru llum qabel ghada.

Liza: Jekk s-sefturi jixtiequ li jibqghu hawn, ghalija ma jimpurtax, anzi nahseb li jkunu jistghu jaghtu daqqa t'ghajn lid-dar.

Fons: Jekk hawn periklu ghalina, hawn periklu ghalihom wkoll. Jiena nheggighom biex iddabbru rashom wkoll.

Liza: Sewwa qed tghid, halli mmur nipprepara xi affarijiet li rridu niehdu maghna.

Anglu: Fons, inti minn dejjem xtaqt li tmut hesrem. Dan il-hsieb ta sikwiet ikeddek. Naf li meta kont tmur tara lil xi moribond f'wahda miz-zjarat tieghek, u tarhom itawlu u jsofru, kont thoss ghalihom.

Fons: **Ghaliex,** ghidli ftit **ghaliex** il- Mulej ihallina nbaghtu daqshekk, forsi biex npattu ghal dnubietna!

Anglu: Ma nafx. Isma jiena mhux kollox naf, izda naf li nt sejjer ittawwal xi ftit. U qed nghidlek hekk,biex tipprapara ruhek ghal dak li gej.

Fons: U kemm ktibt kotba, u ttraducejt ghall-Malti, anki l-Bibbja qlibt ghall-ilsien Malti, izda qatt ma wasalt biex nikteb minn x'hiex ghaddejt. Kemm il-darba qbadt il-lapes u hazzist bicciet tal-karti, u issa lanqas biss naf fejn poggejthom.

Anglu: Ma jimpurtax, ghad ikun hemm minn ifakkar il-hajja tieghek, ghax hekk hu xieraq.... Liza sejra tibda biex tiktek xi haga hi wara mewtek.

Fons: Jigieferi inti trid tghid li jiena sejjer immut qabel Liza, miskina sejra tibqa warajja.

Anglu: Kelma bejn tnejn, kelma bejn il-hbieb.

Fons: Ara kemm tghidli li qed nitlef mohhi, jekk nghidlha li xi hadd qalli li sejjer immut qabilha!

Anglu**: (jitbissem u jidhqu flimkien filwaqt li tidhol Liza)** Tajba din.

Liza: Fons x'gara qed tidhak wahdek... jaqaw?

Fons: Le xejn qalbi, qed niftakar fl-imghoddi, f'xi praspar li konna naghmlu meta kont tifel...

Liza: Ahjar tigi mieghi halli tara x'tixtieq iggib mieghek..
.
Fons: Tajjeb... ejja mmorru bilmod. Ha nserrah mieghek....ta' ghax saqajja ma tantx huma tajbin....

Anglu: **(Wahdu fil-genb)** F'Gunju tas-sena 1940, Fonsu flimkien mal-familja tieghu marru joqghodu fil-kunvent tal Bon Pastur f'hal Balzan. Ta sikwiet kien jijfaqqa xi air raid **(tinstema s-serena u bombi fil-boghod)** u l-poplu Malti jigri min daru ghal go x'Shelters **(naraw xi nies jigru ma kullimkien).**

**(Nsibu ruhna fil-kunvent tal Bon Pastur)**

## SLIDE; F'GNIEN IEHOR TAL-BON PASTUR

Sour Celestina Kesler: Merhba bik sur Fons u sinjura Liza fil-kunvent taghna. Nispera li ssibu l-paci li tixtiequ wara l-hitan ta dan il-kunvent

Liza: Sour Celestina, ninsabu grati li lqajtuna f'darkom lilna u lil familja tieghi.

Sour CK: Kif nistghu qatt npattu ghall-gid li intom ghamiltu maghna. Ejjew ha nurikom l-kamra taghkom. Ic-cena hija ghas seba, u nistidnukom biex tpoggu maghna, is-sorijiet jiehdu gost bil-presenza taghkom.

Fons: Grazzi hafna , grazzi tassew mill-qalb. Xejn ma jiena f'sikkti... Liza ha nserrah mieghek.

Anglu: Sena wara li waslu f'dan il-kunvent, Fonsu tah attakk tal-qalb – f'Gunju tas-sena 1941,...

## SLIDE; FIL-GNIN TAL-KUNVENT
## PROPS: SIGGIJIET OHRA TAL-CANE

**(Jidhlu s-Sur Fons, Liza, u sour CK u xi sorrijiet ohrajn, ipoggi bil-qeghda fuq poltruna fil-gnien tal-kunvent)**

**SCENERY: PURTIERA NEWTRALI;**
**PROPS: SIGGU BIR-ROTI GHAL FONZU.**

Liza: Fons, jiena nixtieq li nergghu lura f'darna f'tas-Sliema, halli jekk il-Bambin isejjahlek, nkunu hemmhekk, fid-dar fejn ghexna ferhana, flimkien mat-tfal, u l-familja kollha

Fons: Le Liza qalbi, hawnhekk hawn il-kwiet, is-serenita, donnhom l-ghasafar hawn izjed ghal qalbhom, ismaghhom kif kull fil-ghaxija jirringrazzjaw lil Mulej. Le qalbi, nixtieq li mmut hawnhekk, fs-skiet ta dan l-istitut.

Liza; Kollox sew, naghmel dak li tixtieq....

**(Hawnhekk tinstema l-kanzunetta – Kif jghaddi z-zmien ta Walter Micallef u Fonsu jkantha waqt li jitbandal fuq siggu.)**

**Iz-Zmien**

X'jigri bl-imhabba meta jghaddi z-zmien?
Meta l-fjamma tbatti f'gamar?
Kulma tmur il-hajja taghlaq bibien
Spiccaw l-ghanjiet ghall-istilel u l-qamar

Izda mbaghad inhares lura
U noqghod nikkalkula
Dak li ghaddejna t-tnejn
Zgur li ma nibdlu ma xejn

Fejn hi l-frugha taz-zghozija
Illum li minxu b-pass meqjus
Ghandu mnejn kien hemm jien mohlija
Fejn seta'ntqal xi kliem dubjuz

Izda...ritornell

Kont minghalija li facli taqa u tqum
Ridt nghix dil-hajja minn jum ghal jum
U weghedt li fit-tajjeb u fil-hazin
Izda qatt ma tkun lest ghal rabta bhal din
Madanakollu konvint
Li t-tajjeb kont int

X'sar minnu l-holm illi fassalna?
Kultant inqum kemxejn mahsud
Dejjem sejrin u qatt ma wasalna
Itini nghid destin mishut.

Izda....ritornell

Kont minghalija li facli taqa u tqum...

X'jigri bl-imhabba meta jghaddi z-zmien?

Fons: Xewqa wahda ghandi, li meta naghlaq ghajnejja ghal dejjem, nindifen fil-kappella ta dan il-kunvent...Meta xi gimghat ilu ntlift minn sensijja, xi hlewwa hassejt li hsibtni li tlaqt ghal kollox. Il-mewt fiha ghaxqa, jekk tassew temmen li hemm xi haga isbah. Liza jiena ta sikwiet nitlob u nghidlu, Kif trid int Mulej, Fis-siegha li int ghazilt ghalija jien lest biex nitlaq min din l-art u l-mewt nilqaghha bhala rigal minn idejk ghal idejja.

Liza: Iva Fons, il-mewt ghal dawk li jemmnu hija bhala thannina helwa ta omm li traqqadna biex meta nqumu fil-ghodu, nkunu aktar b'sahhitna u aktar ferhana u henjin.

Fons: Kif trid int Mulej. Fost il-kant tal-ghasafar..... ir-ruh tieghi qeghda tistenna s-sejha Tieghek biex infittex niltaqa ma dawk li habbejt. Liza ha nghidlek xi haga f'widnejk. Tajt insibha lil Terry taghna, tajt tgharafni,....

Liza; Fons, jekk titlaq qabli, ghadilha lil Terry, biex tistennieni, ghax l-imhabba halaqha l-Mulej, ghalhekk hija eterna u ma tmut qatt.

**(Liza tpoggi kutra fuq saqajh, filwaqt li jibdew jingabru l-familjari, s-sorrijiet, t-tabib...**

Tabib Sammut: Sinjura Liza, nibza li wasal fl-ahhar, u ma nista naghmel xejn aktar. Huwa jinsab mistrieh, bhal dak il-bniedem li wara mixja twila, ghalaq ghajneh u holom holma helwa.... Dak, hu jitlob ghalina ghax kien ragel tassew qaddis. Jekk hawn il-patri fil-qrib, ahjar namminstraw il-grizma tal-morda

**<u>(Jekk hu possibli jidhol Patri sabiex jaghmel l-ahhar riti)</u>**

Anglu: Fil-fatt ix- xewqa li kellu li jindifen fil-kunvent qatt ma sehhet... u gurnata wara l-ohra ix-xema bdiet tnemnem...fil- 25 ta Lulju tas-sena 1941 baghtu ghat- tabib Sammut, u qalilhom sabiex jaghtuh l-grizma tal-morda. Jiena xoghli ma Fonsu, kien wasal fi tmiemu. Sirna tassew hbieb u kont nhobbu. Fid-29 ta Lulju wara nofs in-nhar il-familja tieghu rat kambjament ghal aghar meta beda jiehu n-nifs bi tbatija. Dun Guzepp Xerri tah l-assoluzzjoni, mhux ghax kien hemm ghalfejn tafux, izda hekk kien xieraq. Fil- 30 ta Lulju fil- 3.00 ta filghodu talbu lil familja tieghu biex iduru mieghu u wasal ibnu l-avukat Louis ma martu Inez, li dak iz-zmien kien l-avukat tal-kuruna, waslet bintu Frances u ibnu l-iehor Joseph. Binthom l-ohra Sour Marija Xavier kienet l-Ingliterra. Fil- hamsa nieqes kwart ta dik l-ghodwa filghodu kmieni ha l-ahhar nifs u dahal fil-mistrieh ta dejjem.... Jiena wkoll qabzitli demgha ghax kien bniedem mill-ahjar...

**<u>(Jidhlu s-sorrjiet u jekk hu possibli wahda –Sor Celestina - tkanta it-Te Deum, jew L-Addagio – l-istess melodija li smajna meta mietet Terry)</u>**

Lisa: Uliedi, u hbieb tieghi, Jiena biss naf kemm kien twajjeb Fonsu tieghi. Kemm mijiet u gheluf ta nies ibbenifikaw mill-karita' tieghu. Kemm il-familja rranga biex ma jisseparawx, kemm sorijiet u patrjiet ghen biex ikunu jistghu ikomplu l-missjoni li Alla sejhilhom. Kemm familji foqra ntrefghu mill-ghaks u l-guh u kemm nies sabu xoghol b'naqra ta karta f;idejhom bil-firma tieghu. Minn ma kienx jafu lil Papa? Kienu jafuh il-ghonja u l-foqra, jafuh il-beltin u r-rahlin, jafuh z-zghazagh u l-kbar, jafuh l-haddiema u l-ghorrief. Kulhadd kien jafu , darna kienet miftuha ghal kulhadd. Uliedi u hbieb tieghi, jekk hawn bniedem li tassew haqqu monument sabiex il-generazzjonijiet ta warajna ma jinsewhx, kien il-papa, Fonsu tieghi.

**(Bil-kwiet kulhadd jwarrab minn fuq il-palk. Fonsu li naraw fuq Pultruna bir-rotti, mghotti b'kotra jiddahhal gewwa u fil-genb tal-palk tohrog pedestal li fuqha hemm il-bust tas- Sur Fons moghtti b'bandiera Maltija.**

# XENA DISA
# L-GHELUQ - 1941

## SLIDE: SEMA NEWTRALI
## UMBAGHAD CIMITERJU
## PROPS: QABAR
## PROPS: KOLONA BIL-BUST TAS SUR FONS MOGHTI BANDIERA

**In-nies li hadu sehem u l naturalment huma mejta, jingabru fuq il-platform fil-fond tal-palk u johrog duhhan misterjus li wiehed jaghti l-fehma li dawn m'ghadhomx maghna….**

**Il-kumplament tan-nies li hadu sehem, jidhru liebsin hwejjeg tal-lum li qeghdin jingabru sabiex il-Ministru Refalo, jikxef il-bust waqt li jaghmel kelmtejn. Jitqassmu fuq iz-zewg nahat tal-palk u jhallu n-nofs vojt fejn tidher il-lapida u l-qabbar tieghu.)**

Poplu 1: Fost il-benefatturi kollha li kellha Malta, ma nahsibx li nsibu benefattur aktar mis Sur Fons.

Poplu 2: Kull min ghamel il-karita haqqu kull tifhir, izda daqs is-sur Fons hadd u qatt ma kellu x'jaqsam ma l-istituti, l-oratorji, il-knejjes, u l-kunventi u ghenhom daqsu.

Poplu 1: Is-sur Fons kien bniedem li umanament kien impossibli li jlahhaq ma tant xoghol varjat kieku hajtu ma kienetx mibnija fuq sisien ta mhabba sinciera ghall-proxxmu tieghu.

Poplu 2: Huwa ghen lil kull istitut li hawn Malta, anki dawk li xi nies bdew u ma setghux ikomplu f'dak il-qasam, dahal ghalihom hu.

Poplu 3: U Xi nghidu ghal dawk l-istituti u kulleggi ta' barra minn Malta, fejn hu kien min ta l-ewwel biex jghin il-komunita religjuza taghhom.Umbaghad, bhala kittieb is-sur Fons ghen biex il-poplu Malti jintrefa' mill-injoranza tal-mohh u tar-ruh u xerred tant eluf ta kotba f'Malta u barra minn Malta, dejjem b'telf ta flus ghalih.

Poplu 2: Ma ninsewx, li bhala senatur f'dik il-pozizzjoni gholja semma lehnu biex lill-haddiem Malti jtejjiblu il-qaghda tieghu. Qallbu l-arkivji, staqsu lin-nies li kienu jghixu fi zmienu duru dawra ma Malta u kull fejn taraw bini li hemm fih xoghol ta karita, ibqghu zguri li s-sur Fons ghandu sehem minnu

Poplu 3: Min ma kienx jafu lis – sur Fons? Kulhadd kien ihobbu u kulhadd bkieh meta miet. U dan ghaliex daru kienet miftuha ghal kulhadd. Kien lest biex jghin lil min ried jakkwista mill-gid, mill gherf u t-tjubija tieghu. Ara wasal il-Ministru Refalo…….

**<u>(JIDHOL IL-MINISTRU FLIMKIEN MA XI MEMBRI TAL-BOYS U GIRLS BRIGADE)</u>**

Il-Minstru Refalo: L-ahwa, illum 17 ta Dicembru 1999 hi okkzjoni li ggib flimkien u tghaqqad lill-poplu Slimiz madwar il-komunita Salesjana. Min mina S-Slimizi nghandux xi tifkira ta zghozitu, xi memorja ta hajtu li torbtu ma l-iskola ta St. Patricks mal-kappella, mat-Teatru id-domus, ma l-Oratorju? Mal-gid u l-hidma li wettqet ta kuljum tul dan is-seklu l-komunita Salesjana. **<u>Dan kollu nafuh ghad-dedikazzjoni u perisistenza ta bniedem wiehed, Alfons Marija Galea.</u>**

Mhuwiex hsieb tieghi li nirrakonta l-istorja ta' dan il-bniedem generuz izda aktar li npoggi ghemilu quddiemkom bhala ezempju haj ta mhabba u solidarjeta'

**<u>(Forsi ta min dawn l-versi bil-linja tahtom, ghalkemm huma storici, jinqabzu ghax huma repittizzjoni ta dak li rajna)</u>**

<u>L-opra ta Don Bosco fost iz-zghazagh sahhret lill-istudent La Saljan gewwa Marsiglia fi Franza, u wasslitu biex mal-genituri tieghu u huh li meta kiber</u>

wiegeb ghas-sejha tas-sacerdozju, li jmur Torin biex isur lil Don Bosco. Ma sabuhx izda dak li raw mill-opra tal-qaddis ispirahom u heggeg liz-zaghzugh

Alfons Maria Galea ghamel hiltu biex igib lis-Salesjani F'Malta.

Kienet is sena 1878 Minn hemm tibda storja ta persistenza assidwa li sa fl-ahhar wasslet biex fi tmiem is-seklu dsatax Dun Mikiel Rua laqa t-talba tas-Sur Fons kif kien maghruf minn kulhadd li f'Malta titwaqqaf dar Salesjana. Din l-art qeghdin fuqha l-ispazji u l-binjiet ta madwarna dota tas-Sur Fons lill-opra u kumunita Salesjana, ghandhom rabta specjali mas Slimizi. Hawn tlabna, hawn laghabna, hawn tghallimna, rabta specjali ma kull min kien fil-bzonn. Rabta specjali ma kull min studja u min tghallem sengha. Is-sengha li tipprovdi l-hobza ta kuljum kif ukoll is-sengha tal-hajja li taghti d-direzzjoni u ssawwar il-missjoni ta kull min ghax wahdu ghax iltim, ghax fil-bzonn, ghax- fl-inkwiet, sab il-paci u l-kenn f'din id-dar.

Il-kommunita Salesjana taghti gieh lis Sur Fons. Tirringrazzjah ta kull ma ghamel maghha. Il-komunita Slimiza tfakkar u tqim lis-sur Fons. Tirringrazjah talli ressaq lejn din il-belt taghna u ghamel mis Salesjani parti shiha mill-komunita Slimiza. Fl-istess hin ahna s-Slimizi ma nieqfux naghtu gieh lill-komunita Salesjana li mhux biss kienet u waqqfet maghha kull meta fittixniha u kellna bzonnha, izda fl-ispirtu ta Don Bosco kienet hi li resqet lejna u fittxitna kull meta ntebhet li kellna bzonnha.

Minn jaqra l-grajjiet is-seklu dsatax u dawk ta l-ewwel snin tas-seklu taghna dwar iz-zjara li kien ghamel Dun Mikael Rua biex iqim il-frott tal-benificenza kbira li harget minn qalb Alfons Maria Galea u martu, jaqra bil-mixghela kbira li saret ghall-okkazjoni.

Illum nafu u ngharfu li dik l-okkazjoni aktar minn mixghela ta binjiet, kienet biss xrara li biz-zmien fegghet f'huggiega ta hidma li l-kommunita Salesjana taghmel fost is-Slimizi, kull fejn ghandha dar, f'Malta kif wkoll f'ghawdex f'pajjizna kollu b'risq il-gid u l-gejjieni taz-zghazagh u tal-poplu Malti u Ghawdxi kollu. Viva Sur Fons

**(Dan huwa diskors vera li ghamel il-ministru Refalo fl-okkazjoni tal-kxief ta bust gewwa Triq San Gwann Bosco f 'tas-Sliema, nhar il- 17 ta Dicembru 1999)**

**(Filwaqt li jigbed il-bandiera u jidher il-bust tas- Sur Fons)**

**(Fil-Fond jidher slide ta cimiterju u lapida tas-Sur Fons....filwaqt li Martu Liza u wlieda jkunu fil-qrib tal-qabar. Jidher Fonsu tiela mill-qabar bilmod fuq plataforma bhala 'lift' u bilmod jimxi fil-fond filwaqt li tiltaqa mieghu Terry – bintu li mietet ckejkna li qed iwassala n-nannu John Asphar. Jiehu postu mad dawk li marru qablu fil-glorja tas-sema)**

Anglu: U rajtu li fl-ahhar, il-habib tieghi Fonzu iltaqa ma ghaziza bintu Terry, u ma baqax jistaqsi 'GHALIEX'. Halluni nghidilkom, li nthom wkoll xi darba sejrin tiltaqaw ma dawk li habbejtu f'hajjitkom.

Jekk kien hawn bniedem li haqqu monument biex il-generazzjonijiet ta warajna ma jinsewhx, kif qalet martu fuq is-sodda tal-mewt tieghu, ghandu jkun ghall-habib tieghi s-Sur Fons.

Issa xogholi ghamiltu, tistghu tixghelu (l-mobile phones) dawk il-magni zghar u hallu l-messaggi dehlin, forsi ma tafux kif, isibu wiehed wkoll min ghand is-sur Fons.Il-lejl it-tajjeb!

**Kif titnehha l-bandiera u jidher il-bust, spot light tidher fuq wicc is-sur Fons, u nikkoncentraw fuq il-bust fl-istess hin... u kif bdejna fil-bidu tal-play , tinstema l-kanzunetta :Kif Deherli Jien". )**

.